# MIŻURI TA' SIMPLIFIKAZZJONI
2015

UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

# **MIŻURI TA' SIMPLIFIKAZZJONI** 2015

1 ta' Frar 2016

Ippubblikat
mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
Uffiċċju tal-Prim Ministru
Berġa' ta' Kastilja
Il-Belt-Valletta VLT 1061

Tel.: (+356) 2200 0000
Website: http://www.opm.gov.mt

**Cataloguing-in-Publication Data**
Malta. Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
Uffiċċju tal-Prim Ministru
Miżuri ta' Simplifikazzjoni, 2015
Valletta: Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni, 2016

29.7, 21 cm

ISBN: 978-99957-0-885-6

Din il-Publikazzjoni tista' tinxtara mid-
Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Castille Place,
Il-Belt, Valletta

Tel.: (+356) 2125 0550

Mitbugħ: Stamperija tal-Gvern
Prezz: €4.00

| | |
|---|---|
| OPM | Uffiċċju tal-Prim Ministru |
| MEAIM | Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali |
| MFA | Ministeru għall-Affarijiet Barranin |
| MEDE | Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol |
| MSDEC | Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima |
| MTI | Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura |
| MGOZ | Ministeru għal Għawdex |
| MSDC | Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili |
| MEIB | Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar |
| MFIN | Ministeru għall-Finanzi |
| MEH | Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa |
| MFSS | Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali |
| MJCL | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali |
| MOT | Ministeru għat-Turiżmu |
| MHAS | Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali |

DAĦLA

Sa mill-bidu nett, din l-Amministrazzjoni kienet kommessa li tnaqqas il-burokrazija żejda. Mhux għax il-burokrazija minnha nnifisha hija xi ħaġa negattiva, imma għaliex il-burokrazija żejda xxekkel il-ħidma tal-Gvern u l-proċessi jitwalu bla bżonn.

Għalhekk għat-tieni sena konsekuttiva, l-id amministrattiva tal-Gvern kompliet iddaħħal iktar miżuri ta' simplifikazzjoni biex tissimplifika, jew aħjar, tħaffef proċessi interni u esterni, jiġifieri proċessi fi ħdan is-Servizz Pubbliku u proċessi li jaffettwaw is-servizz mogħti liċ-ċittadin.

Ridna nħaffu dawn il-proċessi biex il-poplu jinqeda aħjar, biex ma tibqax tistenna fit-tul għal risposta jew servizz minn Ministeru jew Dipartiment tal-Gvern. Kull miżura li ttieħdet kienet immirata li b'xi mod jew ieħor tkun qed tissimplifika jew inkella tagħmilha iktar sempliċi biex persuna tinqeda fil-ħin.

Id f'id mal-Amministrazzjoni kien hemm l-MEU u l-MITA li ħadmu fuq is-simplifikazzjoni ta' proċessi minn aspetti differenti. Il-Management Efficiency Unit ħarset lejn il-proċessi u għamlet rakkomandazzjonijiet bil-għan li jiġu adottati fil-proċess għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri. Il-MITA wkoll tat is-sehem tagħha bil-għan li s-Servizz Pubbliku jersaq iktar qrib in-nies. Is-servizz mogħti liċ-ċittadin jingħata fuq żewġ fronti: servizzi fil-qalba tal-komunità u servizzi onlajn. F'din tal-aħħar il-MITA tat il-kontribuzzjoni tagħha biex is-servizzi governattivi jkunu aktar aċċessibbli onlajn.

Iżda l-ikbar miżura ta' simplifikazzjoni li ħadet l-Amministrazzjoni żgur li kienet it-tnedija ta' numru ta' ċentri fil-qalba tal-komunità. F'Diċembru 2015 is-Servizz Pubbliku fetaħ tliet ċentri f'Raħal Ġdid, Birkirkara u l-Qawra li minnhom il-pubbliku jista' jinqeda f'iktar minn 250 servizz differenti. Ridna neliminaw il-ġiri u l-iskariġġ għan-nies li jiġu biex jinqdew minn Dipartimenti u Ministeri fil-Belt Valletta. Ridna nwasslu s-servizz aktar qrib taċ-ċittadin, u mhux inġiegħlu liċ-ċittadin jiġri wara s-servizz li għandu bżonn.

B'servizz.gov issa in-nies jistgħu jinqdew b'iktar kumdità, mill-komunità li jgħixu fiha. Fadal ħafna iktar xi jsir. Biss biss, din is-sena huwa ppjanat li jinfetħu tliet centri oħra. Dan bil-għan li s-Servizz Pubbliku jkompli jkun ta' servizz għaċ-ċittadin.

Ittieħdu numru ta' miżuri oħra bil-għan li nnaqqsu l-burokrazija żejda, mhux biss għall-pubbliku imma wkoll għas-sidien tan-negozji. Is-sena li għaddiet bdejna nħejju għal riforma fil-mod kif isiru l-ispezzjonijiet tan-negozji f'pajjiżna. F'ġurnata waħda biss, negozju jaf jirċievi mas-sitt spezzjonijiet. Għalhekk fassalna *white paper* b'konsultazzjoni wiesgħa ma' numru ta' stakeholders biex l-ispezzjonijiet isiru inqas spissi iżda b'iktar koordinazzjoni u serjetà.

U la qed insemmi l-koordinazzjoni, ma nistax ma nsemmix il-mod koordinat li ħdimna bih biex tfasslu u ġew attwati dawn il-miżuri. L-aħħar kwart tas-sena dejjem ikun iddedikat għall-pjani tas-sena li tkun ġejja. Is-suċċess tal-miżuri jiddependi fuq il-pjani li tkun fassalt. Ma jfissirx li l-pjani ma jistgħux jinbidlu jew jiġu rranġati. Għall-kuntrarju. Fejn inħass il-bżonn li jinbidlu, saru l-emendi neċessarji.

Kull Ministeru ħa numru ta' miżuri li qed jiġu inkorporati f'dan id-dokument. Il-miżuri jistgħu jinqasmu fi tnejn: hemm dawk il-miżuri li ttieħdu biex jitħaffu proċessi interni u allura proċessi li jaffettwaw il-ħidma tas-Servizz Pubbliku u hemm oħrajn li jolqtu lill-pubbliku, jiġifieri s-servizz li jirċievu.

Ma' dawn, f'din il-pubblikazzjoni ngħata rendikont ukoll ta' dawk il-miżuri li kienu għadhom pendenti fl-2014, u li iżda twettqu fl-2015. Hekk titlob il-kontabilità fit-tmexxija.

B'hekk fuq perjodu ta' sentejn ittiehdu 'l fuq minn 400 miżura ta' simplifikazzjoni. Ma' dawn, fl-2015, inħarġu żewġ direttivi li komplew issaħħu s-simplifikazzjoni. L-ewwel li tissimplifika proċeduri fil-mod kif jiġu ingaġġati l-ħaddiema mas-Servizz Pubbliku filwaqt li t-tieni tittratta l-ħtieġa obbligatorja li jiġu ppreparati *Business* u *HR plans* għal tliet snin, li jiġġeddu kull sena.

Dawn iż-żewġ direttivi jidħlu b'effett minn Frar 2016 u huma mmirati li jsaħħu l-kontabilità u l-funzjoni tal-ippjanar fis-Servizz Pubbliku. Ma' dawn jidħlu numru ta' inizjattivi oħra li qed jieħu s-Servizz Pubbliku biex jibqa' servizz pubbliku ħaj li jaqdi l-ħtiġijiet tal-poplu.

Dan huwa t-tiġdid li għaddej minnu s-Servizz Pubbliku. Tiġdid li ilu għaddej għal dawn l-aħħar sentejn u li se jibqa' għaddej minnu biex inkomplu nilħqu l-aspirazzjonijiet tan-nies. L-aspirazzjoni tiegħek hija l-aspirazzjoni tagħna. Għalhekk il-ħidma fl-2016 tkompli b'iktar enerġija u determinazzjoni biex nagħmlu mis-Servizz Pubbliku servizz ħaj li jinbidel maż-żminijiet, jadatta skont il-ħtiġijiet tiegħek biex inti tkun sodisfatt bis-Servizz Pubbliku ta' pajjiżna.

**MARIO CUTAJAR**
Is-Segretarju Permanenti Ewlieni

UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

# **MIŻURI TA' SIMPLIFIKAZZJONI** 2015

1 ta' Frar 2016

Ippubblikat
mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
Uffiċċju tal-Prim Ministru
Berġa' ta' Kastilja
Il-Belt-Valletta VLT 1061

Tel.: (+356) 2200 0000
Website: http://www.opm.gov.mt

**Cataloguing-in-Publication Data**
Malta. Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
Uffiċċju tal-Prim Ministru
Miżuri ta' Simplifikazzjoni, 2015
Valletta: Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni, 2016

29.7, 21 cm

ISBN: 978-99957-0-885-6

Din il-Publikazzjoni tista' tinxtara mid-
Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Castille Place,
Il-Belt, Valletta

Tel.: (+356) 2125 0550

Mitbugħ: Stamperija tal-Gvern
Prezz: €4.00

| | |
|---|---|
| OPM | Uffiċċju tal-Prim Ministru |
| MEAIM | Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali |
| MFA | Ministeru għall-Affarijiet Barranin |
| MEDE | Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol |
| MSDEC | Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima |
| MTI | Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura |
| MGOZ | Ministeru għal Għawdex |
| MSDC | Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili |
| MEIB | Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar |
| MFIN | Ministeru għall-Finanzi |
| MEH | Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa |
| MFSS | Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali |
| MJCL | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali |
| MOT | Ministeru għat-Turiżmu |
| MHAS | Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali |

DAHLA

Sa mill-bidu nett, din l-Amministrazzjoni kienet kommessa li tnaqqas il-burokrazija żejda. Mhux għax il-burokrazija minnha nnifisha hija xi ħaġa negattiva, imma għaliex il-burokrazija żejda xxekkel il-ħidma tal-Gvern u l-proċessi jitwalu bla bżonn.

Għalhekk għat-tieni sena konsekuttiva, l-id amministrattiva tal-Gvern kompliet iddaħħal iktar miżuri ta' simplifikazzjoni biex tissimplifika, jew aħjar, tħaffef proċessi interni u esterni, jiġifieri proċessi fi ħdan is-Servizz Pubbliku u proċessi li jaffettwaw is-servizz mogħti liċ-ċittadin.

Ridna nħaffu dawn il-proċessi biex il-poplu jinqeda aħjar, biex ma tibqax tistenna fit-tul għal risposta jew servizz minn Ministeru jew Dipartiment tal-Gvern. Kull miżura li ttieħdet kienet immirata li b'xi mod jew ieħor tkun qed tissimplifika jew inkella tagħmilha iktar sempliċi biex persuna tinqeda fil-ħin.

Id f'id mal-Amministrazzjoni kien hemm l-MEU u l-MITA li ħadmu fuq is-simplifikazzjoni ta' proċessi minn aspetti differenti. Il-Management Efficiency Unit ħarset lejn il-proċessi u għamlet rakkomandazzjonijiet bil-għan li jiġu adottati fil-proċess għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri. Il-MITA wkoll tat is-sehem tagħha bil-għan li s-Servizz Pubbliku jersaq iktar qrib in-nies. Is-servizz mogħti liċ-ċittadin jingħata fuq żewġ fronti: servizzi fil-qalba tal-komunità u servizzi onlajn. F'din tal-aħħar il-MITA tat il-kontribuzzjoni tagħha biex is-servizzi governattivi jkunu aktar aċċessibbli onlajn.

Iżda l-ikbar miżura ta' simplifikazzjoni li ħadet l-Amministrazzjoni żgur li kienet it-tnedija ta' numru ta' ċentri fil-qalba tal-komunità. F'Diċembru 2015 is-Servizz Pubbliku fetaħ tliet ċentri f'Raħal Ġdid, Birkirkara u l-Qawra li minnhom il-pubbliku jista' jinqeda f'iktar minn 250 servizz differenti. Ridna neliminaw il-ġiri u l-iskariġġ għan-nies li jiġu biex jinqdew minn Dipartimenti u Ministeri fil-Belt Valletta. Ridna nwasslu s-servizz aktar qrib taċ-ċittadin, u mhux inġiegħlu liċ-ċittadin jiġri wara s-servizz li għandu bżonn.

B'servizz.gov issa in-nies jistgħu jinqdew b'iktar kumdità, mill-komunità li jgħixu fiha. Fadal ħafna iktar xi jsir. Biss biss, din is-sena huwa ppjanat li jinfetħu tliet centri oħra. Dan bil-għan li s-Servizz Pubbliku jkompli jkun ta' servizz għaċ-ċittadin.

Ittieħdu numru ta' miżuri oħra bil-għan li nnaqqsu l-burokrazija żejda, mhux biss għall-pubbliku imma wkoll għas-sidien tan-negozji. Is-sena li għaddiet bdejna nħejju għal riforma fil-mod kif isiru l-ispezzjonijiet tan-negozji f'pajjiżna. F'ġurnata waħda biss, negozju jaf jirċievi mas-sitt spezzjonijiet. Għalhekk fassalna *white paper* b'konsultazzjoni wiesgħa ma' numru ta' stakeholders biex l-ispezzjonijiet isiru inqas spissi iżda b'iktar koordinazzjoni u serjetà.

U la qed insemmi l-koordinazzjoni, ma nistax ma nsemmix il-mod koordinat li ħdimna bih biex tfasslu u ġew attwati dawn il-miżuri. L-aħħar kwart tas-sena dejjem ikun iddedikat għall-pjani tas-sena li tkun ġejja. Is-suċċess tal-miżuri jiddependi fuq il-pjani li tkun fassalt. Ma jfissirx li l-pjani ma jistgħux jinbidlu jew jiġu rranġati. Għall-kuntrarju. Fejn inħass il-bżonn li jinbidlu, saru l-emendi neċessarji.

Kull Ministeru ħa numru ta' miżuri li qed jiġu inkorporati f'dan id-dokument. Il-miżuri jistgħu jinqasmu fi tnejn: hemm dawk il-miżuri li ttieħdu biex jitħaffu proċessi interni u allura proċessi li jaffettwaw il-ħidma tas-Servizz Pubbliku u hemm oħrajn li jolqtu lill-pubbliku, jiġifieri s-servizz li jirċievu.

Ma' dawn, f'din il-pubblikazzjoni ngħata rendikont ukoll ta' dawk il-miżuri li kienu għadhom pendenti fl-2014, u li iżda twettqu fl-2015. Hekk titlob il-kontabilità fit-tmexxija.

B'hekk fuq perjodu ta' sentejn ittiehdu 'l fuq minn 400 miżura ta' simplifikazzjoni. Ma' dawn, fl-2015, inħarġu żewġ direttivi li komplew issaħħu s-simplifikazzjoni. L-ewwel li tissimplifika proċeduri fil-mod kif jiġu ingaġġati l-ħaddiema mas-Servizz Pubbliku filwaqt li t-tieni tittratta l-ħtieġa obbligatorja li jiġu ppreparati *Business* u *HR plans* għal tliet snin, li jiġġeddu kull sena.

Dawn iż-żewġ direttivi jidħlu b'effett minn Frar 2016 u huma mmirati li jsaħħu l-kontabilità u l-funzjoni tal-ippjanar fis-Servizz Pubbliku. Ma' dawn jidħlu numru ta' inizjattivi oħra li qed jieħu s-Servizz Pubbliku biex jibqa' servizz pubbliku ħaj li jaqdi l-ħtiġijiet tal-poplu.

Dan huwa t-tiġdid li għaddej minnu s-Servizz Pubbliku. Tiġdid li ilu għaddej għal dawn l-aħħar sentejn u li se jibqa' għaddej minnu biex inkomplu nilħqu l-aspirazzjonijiet tan-nies. L-aspirazzjoni tiegħek hija l-aspirazzjoni tagħna. Għalhekk il-ħidma fl-2016 tkompli b'iktar enerġija u determinazzjoni biex nagħmlu mis-Servizz Pubbliku servizz ħaj li jinbidel maż-żminijiet, jadatta skont il-ħtiġijiet tiegħek biex inti tkun sodisfatt bis-Servizz Pubbliku ta' pajjiżna.

**MARIO CUTAJAR**
Is-Segretarju Permanenti Ewlieni

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Simplifikazzjoni tal-għoti ta' servizzi liċ-ċittadin fil-qalba tal-komunità - Il-ftuħ ta' tliet One Stop Shops bil-għan li l-pubbliku ma joqgħodx jiġri minn Dipartiment għal ieħor biex jinqeda, iżda jirċievi s-servizz fil-qalba tal-komunità. | Beda x-xogħol fuq it-tliet ċentri. | Beda jingħata taħriġ lill contact persons fil-Ministeri kif ukoll lill-ħaddiema li ser ikunu qed jagħtu s-servizz. | Ġie konkluż ix-xogħol fuq it-tliet ċentri. | F'Novembru, it-tliet ċentri nfetħu bi prova. Servizz.gov tnieda fid-9 ta' Diċembru fir-Raħal Ġdid, Birkirkara u l-Qawra. | Il-pubbliku | Implimentata |
| Riforma fl-ispezzjonijiet tan-negozji f'pajjiżna - Titnieda White Paper għall-konsultazzjoni pubblika dwar l-infurzar u l-ispezzjonijiet, biex nissimplifikaw u nikkordinaw aħjar il-mod kif isiru l-ispezzjonijiet lin-negozji. | Inbeda x-xogħol għat-tħejjija tal-White Paper. | Saret riċerka u ġew evalwati sistemi barra minn Malta biex jiġu adottati l-aħjar prattiċi f'pajjiżna. | Il-White Paper ġiet ippubblikata u qiegħda fi proċess ta' konsultazzjoni. | Jintemm il-proċess ta' konsultazzjoni. | Sidien ta' negozju | Implimentata |
| Tiġi ppubblikata Direttiva ġdida bil-għan li ttejjeb il-koordinament bejn il-Ministeri rispettivi u l-ippjanar relatat mal-amministrazzjoni ta' fondi pubbliċi u tqassim ta' riżorsi umani. | | | Bdew id-diskussjonijiet neċessarji mal-partijiet konċernati għall-konsolidament ta' Direttiva ġdida. | Ġiet ippubblikata Direttiva ġdida (Directive 10) li ser tidħol fis-seħħ b'effett minn Frar, 2016. | Uffiċjali fi ħdan is-Servizz Pubbliku | Implimentata |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jiġi introdott strument ta' delegazzjoni lis-Segretarji Permanenti għal devoluzzjoni ta' poter, bil-għan li proċessi relatati ma' reklutaġġ jitħejjew b'mod aktar effiċjenti għall-benefiċċju tas-Servizz Pubbliku u l-partijiet involuti. Dan l-istrument huwa previst li jingħata saħħa ta' Direttiva. | Bdew id-diskussjonijiet mal-partijiet konċernati kif ukoll ħidma fuq il-programm ta' taħriġ neċessarju għat-twettiq ta' din il-miżura. | Komplew it-taħditiet u l-konsultazzjonijiet meħtieġa. Beda x-xogħol fuq it-tfassil ta' linji gwida. | Ġiet ippubblikata Direttiva ġdida (Directive 9) li tidħol fis-seħħ b'effett minn Frar, 2016. | | Uffiċjali fi ħdan is-Servizz Pubbliku | Implimentata |
| Tiġi adottata sistema ġdida li permezz tagħha tkun tista' tiġi mkejla l-prestazzjoni tal-ufficjali pubbliċi b'mod aktar adekwat u effiċjenti. | Ġie mwaqqaf working group bil-għan li jidentifika n-nuqqasijiet fis-sistema kurrenti u jressaq ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar kif dawn għandhom jiġu indirizzati. | Kompliet il-ħidma għall-konsolidament ta' sistema ġdida. | Tħejja l-ewwel abbozz ta' templates għall-konsultazzjoni interna mal-partijiet konċernati. | Ġiet ippubblikata ċirkulari biex twaqqaf l-użu tas-sistema kurrenti u tħejji t-triq għal-introduzzjoni tas-sistema l-ġdida. | Uffċjali fi ħdan is-Servizz Pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Jiġi rivedut il-Public Service Management Code (PSMC) bil-għan li l-iskop tiegħu bħala linja gwida għall-uffiċjali pubbliċi jintlaħaq aħjar. B'hekk jiġu aġġornati u simplifikati l-proċeduri elenkati fl-istess Kodiċi għall-benefiċċju tal-partijiet involuti. | Bdew id-diskussjonijiet neċessarji mal-partijiet involuti biex jiġi fforumlat pjan għat-twettiq ta' din il-miżura. Bdiet il-ħidma ta' konsolidament ta' numru ta' kapitli, fosthom kapitli 9, 7 u 10. | Bdiet il-ħidma ta' konsolidament fuq l-ewwel tliet kapitli. Din il-verżjoni, ġiet preżentata lill-working group responsabbli għall-konsultazzjoni meħtieġa. | Komplew id-diskussjonijiet meħtieġga mal-Ministeri konċernati. Beda x-xogħol ta' reviżjoni fuq kapitli 4 u 5. | Ġew preżentati numru ta' kapitli għall-konsolidament finali. B'hekk, il-proċess twassal għal-aħħar fażi tiegħu. | Uffiċjali fi ħdan is-Servizz Pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tiġi adottata proċedura ġdida li twassal għal nuqqas drastiku ta' burokrazija fil-proċess relatat mal-ħruġ ta' pagamenti f'għamla ta' communications allowance. | | Bdiet il-ħidma biex tinġabar l-informazzjoni neċessarja. Tħejja working group biex janalizza l-informazzjoni miġbura u jħejji numru ta' rakkomandazzjonijiet dwar kif din il-miżura għandha tiġi implimentata. | Kompliet il-ħidma u l-konsultazzjonijiet neċessarji mal-partijiet konċernati. | Ġiet introdotta sistema li tippermetti ħlas ta' allowance b'mod aktar effiċjenti, permezz ta' ċirkulari ippubblikata f'Ottubru. | Uffiċjali pubbliċi intitolati għall-communications allowance | Implimentata |
| Jiġi simplifikat il-proċess onlajn li permezz tiegħu kandidati prospettivi jkunu jistgħu japplikaw għal impjieg fis-Servizz Pubbliku. | | Ġew identifikati l-proċessi li jridu jiġu simplifikati fis-sit elettroniku recruitment.gov.mt, li minnu wieħed jista' japplika għal xogħol fis-Servizz Pubbliku jew Settur Publiku. | Bdiet il-ħidma għat-twettiq tal-proċess ta' simplifikazzjoni. | Beda t-testing tal-paġni li jridu jiġu simplifikati. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Tibda l-ħidma għal riforma fid-Dipartiment tal-Kuntratti. | | Tħejjew żewġ working groups bil-għan li jidentifikaw mezzi kif il-proċessi interni mħaddma mid-Dipartiment tal-Kuntratti jistgħu jiġu msaħħa u aġġornati. Għal dawn il-working groups ġew ukoll mistiedna membri mis-soċjetà ċivili biex niżguraw li l-interess tal-kuntratturi jkun salvagwardjat. | Komplew diskussjonijiet interni u konsultazzjonijiet mal-partijiet konċernati. Ġie preżentat l-ewwel abbozz ta' rakkomandazzjonijiet. | Kompliet il-ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

# MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ
# U TWETTIQ TAL-MANIFEST ELETTORALI

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Is-sejħiet taħt il-fond tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali ser ikunu miftuħin b'mod kontinwu sabiex b'hekk ikun hemm aċċess akbar għall-fondi. | | | | Il-Programm għall-Iżvilupp Rurali ġie approvat mill-Kummissjoni f'Novembru 2015. L-ewwel sejħiet li sejrin ikunu miftuħin b'mod kontinwu ġew varati wara t-tnedija uffiċjali tal-Programm. | | Implimentata |
| Simplifikazzjoni tal-applikazzjonijiet taħt il-fond tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali. | F'Marzu 2015 ġiet organizzata laqgħa mas-setturi kollha kkonċernati fejn ġew diskussi l-kriterji tal-għażla u simplifikazzjonijiet oħra. Dan għandu jwassal biex l-applikazzjoni tkun iktar ċara b'linji gwida aktar konċiżi. | Kompla x-xogħol fuq il-kriterji u l-linji gwida biex dawn jirriflettu dak li ħareġ mill-konsultazzjoni li seħħet. | Ix-xogħol fuq il-linji gwida tlesta. Jiġi finalizzat wara li jingħalaq il-ftehim fuq il-programm mal-Kummissjoni Ewropea. | Ġew imnedija sejħiet taħt il-fond 2014-2020 ibbażati fuq il-linji gwida simplifikati. | | Implimentata |
| Jiġi mħaffef il-proċess tal-għażla għal fondi varji ġestiti mid-Diviżjoni tal-Fondi u Programmi. | Ġie deċiż li l-Kumitati tal-għażla tad-diversi fondi ġestiti mid-Diviżjoni ser jiltaqgħu b'mod aktar frekwenti. Ser isiru wkoll manwali u linji gwida bl-għan li l-kumitati tal-fondi kollha fi ħdan id-Diviżjoni jimxu b'mod iktar koerenti. | Seħħet laqgħa bejn id-Diviżjoni u l-Agriculture Consultative Committee fi ħdan l-MSDEC fejn matul il-laqgħa ġie diskuss il-proċess tal-għażla għall-Programm 2014-2020. | Saret enfasi fuq il-proċeduri tal-kumitat tal-fondi tal-immigrazzjoni bi preparazzjoni għall-ħruġ tal-ewwel sejħiet. | L-ewwel sejħa għall-proġetti maħruġa mid-Diviżjoni kienet dik relatata mal-Fondi tal-Immigrazzjoni, liema sejħa nħarġet f'Novembru 2015. Il-Kumitat beda bil-proċess għall-għażla tal-proġetti eżatt mat-terminu taż-żmien biex jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet. | | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tnaqqis fil-tul ta' ħin tal-proċess ta' għażla ta' proġetti. | Ġie deċiż li l-perjodu minn meta joħorġu s-sejħiet sakemm jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet jittawwal filwaqt li jiġu organizzati diversi sessjonijiet fuq il-preparazzjoni u l-implimentazzjoni ta' proġetti matul dan l-istess perjodu. Dan għandu jwassal għal applikazzjonijiet aktar kompluti li għandu jħaffef il-proċess tal-għażla b'anqas bżonn ta' kjarifiki. | Inbeda x-xogħol sabiex applikanti jingħataw massimu ta' erba' xhur biex jissottomettu l-applikazzjonijiet marbuta ma' sejħiet li ġew varati f'Mejju 2015. | Matul dan il-perjodu ġew organizzati erba' sessjonijiet ta' taħriġ miftuħa għal dawk kollha interessati japplikaw. | Inħarġu sejħiet oħra bbażati fuq l-istess mudell li jagħti aktar żmien għas-sottomissjoni ta' applikkazzjoni li għandu jħaffef il-proċess ta' għażla. | | Implimentata |
| Tiġi pprovduta assistenza lill-NGOs u s-soċjetà ċivili fil-preparazzjoni ta' kuntratti. | Intlaħaq ftehim mal-MEH (Enerġija) biex tiġi pprovduta assistenza fuq kuntratti relatati mal-enerġija. | | | | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| Jiġu żviluppati templates simplifikati għall-pubblikazzjoni ta' offerti (tenders) speċifikatament għall-NGOs. | | Seħħet laqgħa bejn l-Awtorità ta' Ġestjoni u d-Dipartiment tal-Kuntratti proprju dwar templates simplifikati għall-pubblikazzjoni ta' offerti. | Iż-żewġ partijiet komplew ix-xogħol fuq it-templates bi preparazzjoni għal-laqgħa segwenti ffissata għal Novembru. | Seħħ follow-up meeting mad-Dipartiment tal-Kuntratti biex jiġu diskussi l-aħħar żviluppi rigward il-linji gwida fuq templates simplifikati li qed jiġu mfassla mill-istess Dipartiment. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Simplifikazzjoni tal-Manwal ta' Proċedura tal-Fondi ta' Koeżjoni. | | Il-manwal li qed jiġi abbozzat għall-fondi ta' koeżjoni 2014-2020 ser ikun ferm aktar konċiż, fejn mhux ser jiġu ripetuti regolamenti u linji gwida li joriġinaw minn dokumenti u liġijiet amministrati minn entitajiet oħra. | Saret analiżi komparattiva tar-rekwiżiti tar-regolamenti l-ġodda u kif dawn jirrelataw mal-proċeduri eżistenti. | Ix-xogħol fuq il-manwal kompla b'enfasi fuq proċessi simplifikati. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| EAFRD (European Agricultural Fund for Rural Development) - simplifikazzjoni tal-proċess ta' ġestjoni u kontroll. | | Saru numru ta' bidliet fil-proċessi tal-fond 2007-13 wara li l-Awtorità ta' Ġestjoni ġiet fi ħdan id-Diviżjoni tal-Fondi u Programmi. | Saret analiżi interna tal-proċessi fil-programm 2007-13 bil-għan li jiġu identifikati proċeduri li hemm lok li jkunu simplifikati għall-programm il-ġdid. | L-Awtorità ta' Ġestjoni nediet grupp ta' ħidma bejn l-istess Awtorità u l-Aġenzija tal-Pagamenti, bl-għan li jiġu identifikati proċessi li jistgħu jiġu simplifikati. | | Fil-proċess li tigi implimentata. |
| EMFF (European Maritime and Fisheries Fund) - simplifikazzjoni tal-proċeduri li bihom jitħaddem il-fond. | Dan il-fond, meta mqabbel mal-predeċessur tiegħu l-EFF, ġie estiż biex ikopri wkoll attivitajiet oħra marittimi, mhux biss is-sajd. Għaldaqstant, saret analiżi biex din iż-żieda fil-kompetenza tal-fond ma twassalx għal proċeduri aktar twal u kumplessi. | L-ewwel laqgħa tal-Kumitat tal-Għażla saret fid-29 ta' Mejju fejn matul din l-ewwel laqgħa ġew maqbula l-kriterji ta' eliġibilità u dawk tal-għażla, liema kriterji diġà kienu ġew diskussi b'mod informali mas-setturi kkonċernati. Dan ser ikompli jissimplifika l- implimentazzjoni tal-istess programm peress li l-benefiċjarju jkun jista' jifhem iktar x'inhu mitlub minnu meta jiġi biex jgħaqqad l-applikazzjoni. | Il-proċeduri ġew imfassla u dokumentati. L-abbozz ta' dawn il-proċessi ġie sottomess lill-awdituri tal-programm. | Il-proċeduri l-ġodda ġew finalizzati. L-ewwel sejħiet tal-programm 2014-2020 ser ikunu bbażati fuq dawn il-proċeduri simplifikati. | | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| AMIF (Asylum and Migration Fund) & ISF (Internal Security Fund) - simplifikazzjoni fil-proċeduri ta' ġestjoni. | | F'April inbdiet l-analiżi tal-Manwal ta' Proċedura tal-Fondi ta' Solidarjetà, il-predeċessuri tal-fondi AMIF u ISF, bil-għan li l-abbozzar tal-Manwal ta' Proċeduri għall-Programmi 2014-2020 ikun ferm aktar simplifikat. | Il-manwal ġie ffinalizzat f'Awwissu. | Il-manwal simplifikat ġie ċċirkolat lill-partijiet interessati kif ukoll imtellà fuq is-sit tad-Diviżjoni mal-ħruġ tal-ewwel sejħiet, jiġifieri f'Novembru. | | Implimentata |
| Ser isiru diskussjonijiet mal-European External Action Service (EEAS) biex applikazzjonijiet għall-programm Junior Professionals in Delegation li jitmexxa mill-EEAS ikunu jistgħu jiġu sottomessi b'mod elettroniku. | | Għall-Programm 2015-2016 l-applikanti ngħataw l-opportunità li jissottomettu l-applikazzjonijiet b'mezz elettroniku. Min bagħat l-applikazzjoni b'mezz elettroniku kien mitlub jipprovdi l-oriġinali fi żmien xahar mid-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet biex nibqgħu konformi mal-gwida mogħtija mill-EEAS. | | | Kull applikant għażel li jissottometti l-applikazzjoni tiegħu elettronikament. | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Żvilupp ta' intranet speċifiku għall-Ministeru: ċirkolari eċċ<br><br>Faċilitajiet biex id-drafting u l-approvazzjoni ta' ċirkolari / posting orders / policies interni jsiru online permezz tal-intranet u b'hekk jitnaqqas it-traffiku ta' karti, l-innumerar isir b'mod awtomatiku, u d-dokumenti jiġu ċċirkolati mal-istaff kollu jew gruppi kkonċernati b'mod awtomatiku | Din il-faċilità nbdiet fl-2014. F'dan il-kwart, beda jingħata taħriġ lill-impjegati fuq kif jużaw din il-faċilità. | Il-faċilità tlestiet. Ġiet mogħtija preżentazzjoni dwar il-funzjonijiet ta' din is-sistema qabel din marret live f'Ġunju. | Il-faċilità kompliet titħaddem. | Bdew żviluppi sabiex titjieb is-sistema. Il-faċilità ser tiġi aġġornata ix-xahar ta' Jannar sabiex titjieb il-funzjoni tac-cirkolari. | 369 uffiċċjal | Implimentata |
| Żvilupp ta' intranet speċifiku għall-Ministeru: vjaġġar<br><br>Faċilitajiet sabiex id-dokumentazzjoni interna relatata mal-approvazzjoni ta' vjaġġar fuq xogħol issir b'mod elettroniku | Beda x-xogħol fuq il-ġbir tal-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa biex tiġi żviluppata l-faċilità. | Tkompliet il-ħidma sabiex tinġabar l-informazzjoni neċessarja. Ingħata rendikont tas-sistema permezz ta' preżentazzjoni li saret f'Ġunju. | Tkompliet il-ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura. | Din il-miżura mistennija titkompla fl-ewwel kwart tas-sena 2016. | 369 uffiċċjal | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Żvilupp ta' intranet speċifiku għall-Ministeru: dokumentazzjoni<br><br>Sistema ċentralizzata fejn id-dokumentazzjoni relatata ma' laqgħat li jsiru barra minn Malta tittella' fuq l-intranet | Tlestiet il-ħidma għall-iżvilupp ta' din il-faċilità u ngħata t-taħriġ neċessarju lill-individwi involuti. | Ingħata rendikont tas-sistema lill-istaff tal-Ministeru f'Ġunju. | Tkompliet il-ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura. | Din il-miżura mistennija titkompla fl-ewwel kwart tas-sena 2016. | 369 uffiċċjal | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Applikazzjonijiet għal-leave b'mod elettroniku<br><br>Sistema li tiffaċilita l-applikazzjonijiet għal-leave (ta' kull tip li hemm imniżżel fil-PSMC) qed tiġi żviluppata bħala parti mill-intranet tal-Ministeru. Permezz ta' din is-sistema, l-applikant jista' jagħmel l-applikazzjoni tiegħu fuq l-intranet, fejn il-line manager tiegħu/tagħha jirċievi email biex japprova. Il-leave approvat jiġi rreġistrat awtomatikament fis-sistema, u l-uffiċjal ikun jistà wkoll jara kemm fadal leave eċċ. | Beda x-xogħol fuq il-ġbir tal-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa biex tiġi żviluppata l-faċilità. | Tkompliet il-ħidma fuq l-iżvilupp tal-ewwel fażi ta' din il-faċilita'. Beda x-xogħol fuq l-ittestjar tas-sistema mal-kuntrattur involut. | Tkompla x-xogħol fuq it-testing tas-sistema. Bdew id-diskussjonijiet biex l-użu ta' din is-sistema jiġi estiż ukoll għan-neċessità tal-Ambaxxati. | Is-sistema ġiet aġġornata mal-linji gwida stabbiliti f'Direttiva numru 8. | 369 uffiċċjal | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| Ħlasijiet permezz ta' ePOS<br><br>Il-Ministeru qed jesplora l-possibbiltà li ħlasijiet li jsiru fid-Direttorat tal-Protocol u Servizzi Konsulari, li għandhom x'jaqsmu ma' ħrug ta' visi, legalisation eċċ. jibdew isiru permezz ta' ePOS (debit cards). | Bdiet il-ħidma mal-partijiet konċernati, inklużi l-Ministeru tal-Finanzi u bank lokali, biex jiġi determinat pjan għat-twettiq ta' din il-miżura. | Il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata. |

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
U X-XOGĦOL

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| L-applikazzjonijiet għall-Eżami Nazzjonali tal-Benċmark fi Tmiem il-Primarja jsiru onlajn, filwaqt li l-proċess tal-markaturi jsir onlajn ukoll. | Wara li saru diversi laqgħat mal-awtoritajiet konċernati, twettaq xogħol tekniku biex l-applikazzjonijiet għall-eżamijiet nazzjonali tal-benċmark saru onlajn. Sar ukoll xogħol marbut mal-proċess tal-markaturi biex dan ukoll sar onlajn. | | | | Il-ħin meħud biex ikunu pproċessati l-applikazzjonijiet tal-125 markatur kif ukoll l-amministraturi se jonqos b'50%. | Implimentata |
| Tiġi introdotta sistema biex studenti jkunu jistgħu japplikaw onlajn għall-korsijiet tal-mużika: Teorija u prattika f'daqqa. | Ġiet riveduta s-sistema eżistenti biex iż-żewġ applikazzjonijiet ġew amalgamati flimkien, u b'hekk saret applikazzjoni waħda. | Beda x-xogħol fuq l-applikazzjoni biex din issir onlajn.<br><br>Wara konsultazzjonijiet li saru mal-IMU u l-MITA tfassal pjan ta' kif se tkun qed tinbena s-sistema onlajn. | Is-sistema ġiet integrata fil-websajt u ġiet varata. | | Madwar 1,600 student fis-sena li japplikaw għall-korsijiet tal-Mużika. | Implimentata |
| Jingħata aċċess faċli għall-e-Content lill-għalliema mill-VLE. | Sar ftehim mal-IMU sabiex l-għalliema kollha setgħu jingħataw aċċess għall-kontenut elettroniku. | | | | L-għalliema kollha li jgħallmu s-seba' suġġetti prinċipali fis-snin 3, 4, 5, 6, 7, u 8. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jingħata aċċess lill-ġenituri għal Virtual Learning Environment (VLE) / Fronter bl-Ingliż u bil-Malti. | Sar ftehim mal-IMU u stakeholders oħra sabiex inbeda l-proċess biex il-ġenituri jkollhom aċċess għal VLE.<br><br>Tlesta x-xogħol fuq il-kmamar virtwali. Is-servizz ġie ttestjat min-naħa tal-MITA u l-kumpaniji li pprovdew is-servizz.<br><br>Ingħata bidu għall-aċċess tal-VLE lill-ġenituri permezz tal-E-ID. | | Kompla jingħata l-aċċess lil aktar ġenituri. | Il-ġenituri kollha ngħataw dan l-aċċess. | Il-ġenituri kollha tat-tfal li jmorru fl-iskejjel tal-Gvern. | Implimentata |
| Reviżjoni tal-'undertaking procedure' għall-SMEs biex japplikaw għal taħriġ taħt il-proġetti TAF u EAP li huma kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea. | Saru diversi laqgħat, kemm interni, kif ukoll mal-intrapriżi u l-MFSA, fejn ġew diskussi l-preparazzjonijiet għal bidla fil-proċessi. Wara li saru xi emendi u ntlaħaq ftehim beda x-xogħol.<br><br>Id-data tal-MFSA u tal-ETC ġew amalgamati flimkien biex ġew eliminati ħafna xogħol manwali u duplikazzjonijiet. | | | | Il-ħin tal-proċess ġie mnaqqas b'65%.<br><br>L-ispejjeż niżlu b'50% wara li kien hemm tnaqqis fin-numru ta' riżorsi umani.<br><br>L-iżbalji naqsu u laħqu l-minimu ta' 5%.<br><br>Żieda fin-numru ta' SMEs li jibagħtu lill-impjegati tagħhom għal taħriġ. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ġew ukoll stabbiliti 'flat rates'; waħda għal min iħaddem biex ikun jista' jibgħat impjegati għal taħriġ mingħajr ma joqgħod jidħol fi proċeduri kkomplikati; l-oħra hija indirizzata biex tħajjar lil min iħaddem biex jibgħat lill-impjegati tiegħu għal taħriġ u jibbenefika permezz ta' rata fissa (paga minima) bħala sussidju għall-paga sħiħa. Tkopri wkoll is-salarji ta' min iħarreġ. | | | | | |
| Proċess ta' simplifikazzjoni għal negozji lokali | Saru sensiela ta' laqgħat bejn il-Malta Enterprise, l-ETC, id-Dipartiment tal-VAT, id-Dipartiment tal-Liċenzji tan-Negozju u l-MITA.<br><br>Sar qbil sabiex il-formoli tal-applikazzjoni għall- bidu/tmiem tal-liċenzji varji jsiru f'applikazzjoni waħda.<br><br>L-ETC ħejjiet abbozz tal-applikazzjoni u ġie indikat x'informazzjoni għandha bżonn kull entità tal-Gvern meta wieħed jibda negozju. | Il-Malta Enterprise kompliet tiżviluppa dan il-proġett, waqt li l-MITA tipprovdi dan is-servizz onlajn. | | | Negozji Lokali | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Reviżjoni tas-sit elettroniku tal-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi. | Il-kontenut tal-websajt ġie evalwat biex imbagħad il-websajt ingħatat dehra oħra, fejn ġew inklużi l-proċeduri ta' reġistrazzjonijiet u pagamenti.<br><br>Saret ukoll iktar attraenti u informattiva biex jiġi faċilitat l-aċċess u s-sejba tal-informazzjoni. | | | | Jitnaqqas in-numru ta' reġistrazzjonijiet manwali b'70%. | Implimentata |
| Bidla fis-sistema tas-sejħiet interni biex ikun assigurat li l-proċess jinfirex matul is-sena kollha u dejjem ikun hemm lista ta' mertu miftuħa. | Il-proċess ġie diskuss fit-tul mal-MUT, u sar qbil biex tiġi reveduta l-proċedura.<br><br>Ġiet spjegata l-proċedura l-ġdida ta' sejħiet interni, fejn imbagħad daħlet fis-seħħ bil-ħruġ tal-ewwel grupp ta' sejħiet. | | | | 120 edukatur fis-sena | Implimentata |
| Introduzzjoni ta'proċedura li tippermetti li meta uffiċċjali fil-gradi ta' għalliem japplikaw biex jiġu jservu f'xi wieħed mis-servizzi peripatetiċi ma jkollhomx għalfejn japplikaw u jiġu jiġbru l-GP47 personalment. | Saru laqgħat interni biex ġiet riveduta l-proċedura eżistenti. Saru t-tibdiliet meħtieġa u wara ġiet komunikata mal-edukaturi. It-tibdiliet daħlu fis-seħħ. | | | | 900 għalliem | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Sistema ta' applikazzjonijiet onlajn sabiex il-gradi kollha tal-għalliema u l-gradi tekniċi jkunu jistgħu japplikaw għal trasferiment (eżerċizzju annwali) u biex jimxu lateralment (sejħiet interni għas-servizzi peripatetiċi) mingħajr il-bżonn li jiġu personalment il-Customer Care ġewwa l-Furjana. | Saru laqgħat mal-IMU biex ġiet żviluppata u ttestjata l-applikazzjoni onlajn, flimkien ma' sistema biex jinħadmu dawn l-applikazzjonijiet. Il-proċedura bdiet onlajn. | | | | Possibbilment l-għalliema u t-tekniċi kollha. | Implimentata |
| Isir titjib fil-mod ta' kif tingħata l-informazzjoni dwar korsijiet ta' tul il-ħajja. | Inġabret l-informazzjoni dwar korsijiet ta' tul il-ħajja. | Saru diskussjonijiet mal-uffiċjal tal-komunikazzjoni tal-MEDE bl-għan li l-informazzjoni tinxtered b'mod mill-aktar effiċjenti għall-faxxa tal-età ta' bejn 24 u 50 sena. Inġabret l-informazzjoni kollha ta' dawn il-korsijiet u ġie ppjanat il-prospectus tal-korsijiet ta' tul il-ħajja.<br><br>Dan il-prospectus ġie mfassal f'żewġ kotba, wieħed għall-korsijiet tal-adulti u l-ieħor għall-korsijiet tal-Arti, Mużika u Drama. Dawn il-prospectuses ġew stampati wara li sar proċess ta' tendering. | Saret kampanja ta'informazzjoni fuq il-korsijiet ta' tul il-ħajja, waqt li l-prospectus ġew imqassma f'ħafna lokalitajiet, fejn wieħed jista' jagħżel wieħed minn dawn il-korsijiet offruti. | | 14,000 applikant kull sena<br><br>375 edukatur<br><br>5,000 viżitatur | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Applikazzjoni onlajn għal leave tal-istaff tal-MCAST. | Sar xogħol sabiex l-applikazzjoni tal-istaff issir b' mod elettroniku. | Bdiet titħaddem din is-sistema onlajn. | | | L-istaff kollu tal-MCAST | Implimentata |
| Sistema aktar effiċjenti għall-progression tal-istaff tal-MCAST. | Sar xogħol fuq sistema kompjuterizzata għall- progressions tal-ħaddiema. | | | | L-istaff kollu tal-MCAST | Implimentata |
| Isir titjib tal-programmi 'FUSION' u 'Commercialisation Voucher'. | Sar titjib fil-kontenut tas-sit elettroniku billi ngħataw struzzjonijiet ċari lill-persuni/entitajiet interessati. Kif ukoll sar xogħol biex l-għoti tas-servizz u l-evalwazzjoni tal-kuntratti jiġu flimkien.<br><br>Ġew miżjuda dokumenti ġodda fuq il-websajt. Dawn jipprovdu struzzjonijiet ċari għal riċerkaturi dwar il-kunċett u l-proċeduri fir-rigward tal-Commercialisation Voucher Programme. L-għoti tas-servizz bħala kunċett ġie mfassal. | Il-proċedura għas-simplifikazzjoni tlestiet. | | | Aċċess aħjar għall-programm minn riċerkaturi u entitajiet.<br><br>Tnaqqis fil-kumplessità tal-ipproċessar iwassal għal titjib ta' 50%. | Implimentata |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Il-ħatra ta' evalwaturi ġiet iffinalizzata. Ġew imfassla u mogħtija sessjonijiet ta' taħriġ lil dawn l-evalwaturi. Ħafna mill-evalwazzjonijiet ta' proġetti tlestew ukoll. | | | | | |
| Fl-Imdina, il-Magna Cura Castellania u 25% tal-volumi tal-Acta Originalia li jinstabu fl-istess kollezzjoni jsiru onlajn. | Ammont sostanzjali ta' descriptive units kif ukoll ir-ritratti diġitali tpoġġew onlajn. Ix-xogħol ikkonsista wkoll fi cropping ta' ritratti. | | | | Qtugħ ta' strapazz fuq volumi inkwistjoni b'100% | Implimentata |
| Ir-ritratti diġitali tal-kollezzjonijiet isiru onlajn fil-Banca Giuratale. | Bdew jittellgħu l-volumi diġitali fuq is-sit elettroniku tal-Arkivji Ewropej b'enfasi fuq ir-reġistri, peress li dawn jiffaċilitaw l-aċċess għall-materjal fil-kollezzjoni kollha. | Il-kollezzjoni tpoġġiet kollha onlajn. | | | 20% tar-riċerkaturi li jiġu bżonn il-materjal fil-Banca Giuratale | Implimentata |
| Titħaffef il-produzzjoni tal-kopji diġitali f'Għawdex. | Ġie revedut il-proċess biex kopji diġitali jiġu aċċessati b'mod immedjat u mingħajr skariġġ. | | | | Tnaqqis fl-istennija għall-prodott ordnat b'50% | Implimentata |
| Tiġi introdotta applikazzjoni onlajn għal-liċenzja u l-akkreditazzjoni ta' istituzzjonijiet edukattivi għolja. | | Saret sejħa biex jintgħażel il-kuntrattur. | Sar il-kuntratt mal-kuntrattur. Bdew it-tħejjijiet mal-IMU u l-MITA biex din is-sistema tkun onlajn. | Ġiet iddisinjata u ttestjata din is-sistema u marret onlajn. | Madwar 50 istituzzjoni għolja | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tiġi introdotta applikazzjoni onlajn għall-istqarrijiet tal-MQRIC. | | Saret sejħa biex jintgħażel il-kuntrattur. | Sar il-kuntratt mal-kuntrattur. Bdew it-tħejjijiet mal-IMU u l-MITA biex din is-sistema tkun onlajn. | Ġiet iddisinjata u ttestjata din is-sistema u marret onlajn. | Madwar 600 applikant fis-sena | Implimentata |
| Sinerġija bejn il-proċessi ta' diġitalizzazzjoni u r-restawr tal-libreriji. | Saru laqgħat interni biex jiġi deċiż l-aħjar proċess ta' workflow bejn id-diġitalizzazzjoni u r-restawr. | Wara li saru l-arranġamenti neċessarji, beda jitħaddem il-proċess il-ġdid. | | | Għal ktieb ta' 200 paġna, l-ispejjeż jonqsu b'25% | Implimentata |
| Jiġi simplifikat il-proċess tas-safar fuq il-kunċett tal-One-Stop-Shop. | Saru laqgħat interni u jiġu diskussi l-proċeduri eżistenti. | Ġie diskuss liema dipartiment għandu jieħu l-ownership sħiħ ta' dan il-proċess. | Ġiet riveduta l-formola tal-Internal Clearance, flimkien mar-responsabbiltajiet tal-individwi responsabbli. | Ġiet varata l-proċedura taħt it-Travel Section. | Madwar 500 edukatur fis-sena u ħaddiema oħra | Implimentata |
| Jiġu konsolidati ħames skemi kurrenti għall-boroż ta' studju fuq livelli 7 u 8 (Masters, Dottorat u ekwivalenti). | Saru laqgħat interni, kif ukoll mal-PPCD, fuq kif ser issir il-konsolidazzjoni ta' dawn l-iskemi. Ġie deċiż li l-iskemi tal-Arti u Sport isir biss titjib fuqhom u jibqgħu indipendenti mill-iskemi l-oħra. L-iskemi l-oħra eks-MASTER it!, eks-STEPS u MGSS-PG ġew studjati fid-dettall sabiex inkitbu regolamenti komuni għalihom kollha. | Ġiet imnedija l-iskema l-ġdida ta' boroż ta' studju - Endeavour li fiha tinkludi l-parti li hija kofinanzjata mill-Unjoni Ewropea u parti oħra li hija ffinanzjata mill-Gvern Malti. | | | 1,200 applikant fis-sena | Implimentata |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jitnaqqas iż-żmien li jieħu l-proċess sabiex jgħaddu l-pagamenti mingħand l-Ischolarships Unit għal għand il-benefiċarji. | Ġiet allokata EU Fund Officer fid-Direttorat għall-Implimentazzjoni ta' Programmi u ġiet imħarrġa fuq l-pproċessar ta' pagamenti marbut mal-iskemi ta' boroż ta' studju ENDEAVOUR (Postgradwat) u REACH HIGH SCHOLARS PROGRAMME (Postdottorat). | Il-Fund Officer ingħatat ukoll aċċess għas-sistemi kollha tal-ipproċessar tal-pagamenti biex b'hekk il-pagamenti jsiru kollha fl-Ischolarships Unit. | | | 1,200 applikant fis-sena<br><br>Tnaqqas iż-żmien tal-proċess sħiħ minn sebat ijiem għal jumejn biex jintbagħat il-pagament għand it-Teżor; qabel ma l-awardees jirċievu rimbors tal-ispejjeż. | Implimentata |
| Tiġi integrata l-informazzjoni li tinġabar mid-Direttorat għall-Implimentazzjoni ta' Programmi mingħand id-Direttorati, Dipartimenti u Entitajiet tal-MEDE fid-dawl tal-Programm ta' Riforma Nazzjonali (NRP) Baġit u Manifest. | Saret template waħda u bdiet tintuża mill-kapijiet kollha tad-direttorati u entitajiet tal-MEDE.<br><br>Inħolqu folders fuq 'P' Drive fejn kulħadd jaġġorna l-progress fuq l-operat, proġetti, miżuri tal-baġit u simplifikazzjoni ta' burokrazija b'mod regolari. | | | | Titjib fil-komunikazzjoni bejn is-Segratarju Permanenti, Diretturi Ġenerali u Diretturi.<br><br>Titjib fl-assessjar tal-prestazzjoni. | Implimentata |
| Jiġi faċilitat il-proċess li jikkompara l-kwalifiki tal-LSAs u konsegwentament l-approvazzjoni tagħhom. | Saru laqgħat interni biex jiġi maqbul kif ser jiġi ffaċilitat dan il-proċess .<br>Ġie maqbul li jitwaqqaf working group b'rappreżentanti mid-DQSE, DES, HR, NCFHE u mis-setturi tal-iskejjel. | Twaqqaf il-working group u saret l-ewwel laqgħa ta' dan il-working group u ġew diskussi u deċiżi l-parametri fuq kif ser jaħdem.<br>Beda l-proċess ta' komparabilità tal-kwalifiki. | | | Madwar 600 applikant fis-sena | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tiġi riveduta l-websajt tal-Quality Assurance biex l-informazzjoni kollha tkun tista' tiġi aċċessata onlajn. | Sar eżerċizzju fejn ġiet studjat bir-reqqa l-informazzjoni li kien hemm fuq il-websajt. Bdew diskussjonijiet mal-IMU biex jiġi studjat l-aħjar mod kif din il-websajt tiġi mtejba.<br><br>Ġie deċiż li jsir sub-site u ġew inkarigati żewġ persuni biex jieħdu ħsieb din il-websajt.<br>Beda x-xogħol fuq il-websajt sabiex tiġi aġġornata l-informazzjoni eżistenti. Sar ukoll id-disinn tal-websajt il-ġdida. | Tkompla x-xogħol fuq il-websajt il-ġdida, kif ukoll fuq il-kontenut. | Il-websajt tlestiet u l-informazzjoni u d-dokumenti tpoġġew onlajn. | | L-edukaturi kollha | Implimentata |
| Nintroduċu l-faċilità onlajn (flok paper-based) tat-Teachers u Heads PIRLS FT and TIMSS MS Context Questionnaires. | Saru t-tħejjijiet meħtieġa biex il-kwestjonarji jsiru onlajn. Dan inkluda laqgħat ma' dawk kollha konċernati. | | | | L-għalliema kollha li jkunu involuti fl-istudji msemmija | Implimentata |
| Nintroduċu Performance Dashboard għall-Prinċipali tal-Kulleġġi, għall-Kapijiet tal-Iskejjel tal-Istat, u għas-Senior Management Team taċ-ċentru. | Inġabret l-informazzjoni biex inħadmet din il-Performance Dashboard.<br><br>Ittieħdu prekawzjonijiet biex ma jsirx league table bejn l-iskejjel.<br>Sar il-piloting tas-sistema f'numru ta' skejjel. | Is-sistema ġiet introdotta. | | | Il-Prinċipali tal-Kulleġġi, kapijiet tal-iskejjel u amministraturi | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Riċerka fl-iskejjel tal-Istat. | | | Saru laqgħat mal-IMU biex tinħoloq l-applikazzjoni fejn wieħed jista' jagħmel it-talba tiegħu għar-riċerka. | L-applikazzjoni ġiet iffinalizzata u ġiet varata. | Madwar 300 applikant fis-sena | Implimentata |
| Aċċess dirett għal-lista ta' siti elettroniċi edukattivi, lill-edukaturi u amministraturi tal-MEDE. | Saru analiżi u moniteraġġ tat-talbiet li daħlu mill-edukaturi f'dan ir-rigward. | Bdew diskussjonijiet mal-MITA biex jivvalutaw l-aħjar sistema tal-filtering tas-siti. Din il-funzjoni ġiet ukoll evalwata waqt il-proġett pilota tat-tablets li għadu kemm tlesta. | Wara li saret l-evalwazzjoni ġie deċiż li ssir sistema ta' filtering separata u apposta biex taqdi l-bżonnijiet tat-tablets. | Ġie maqbul li s-sistema ta' filtering tiġi mixtrija bħala parti mill-proġett nazzjonali tat-tablets. Din is-sistema ser ikollha l-kapaċità li tiġi kkontrollata mid-dipartiment u fil-każ tal-white listing hemm il-possibbiltà li anke tiġi kkontrollata mill-għalliema nnifishom.<br><br>Qed isir xogħol fuq l-applikazzjoni tal-Unjoni Ewropea, li l-evalwazzjoni tagħha mill-PPCD mistennija tiġi konkluża għall-aħħar ta' April 2016. | L-edukaturi u amministraturi fi ħdan il-Ministeru (madwar 6,000)<br><br>Tnaqqis ta' żmien fit-talbiet mill-edukaturi kollha | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| Jiġi faċilitat il-proċess li jintuża biex jinġabru studenti ġodda fil-middle schools. | Sar xogħol fuq proċeduri interni u ġew mgħoddija lill-IMU. | Tkompla x-xogħol fuq il-proċeduri interni, u saru laqgħat mal-ġenituri biex jiġu mgħarrfa kif ser jinġabru t-tfal. | | | Il-ġenituri kollha li jirrikorru għat-trasport lejn l-iskejjel u lura | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jiġi faċilitat l-użu tal-faċilitajiet fl-iskejjel minn Kunsilli Lokali. | Saru diskussjonijiet mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u ġiet ifformulata t-template tal-kuntratti. | Tkomplew l-aħħar tħejjijiet fuq it-template tal-kuntratti. | Saret preżentazzjoni fl-Education Leadership Council (ELC) u ttieħdet deċiżjoni li jiġi mwaqqaf working group sabiex jiffinalizza linji gwida biex kull skola ssegwi din il-proċedura. | Ġew iffinalizzati l-linji gwida u din il-proċedura ser tibda mis-sena li ġejja. | Il-Kunsilli Lokali kollha u ċittadini li jagħmlu użu mill-faċilitajiet tal-iskejjel kollha | Implimentata |
| Jiġu deċentralizzati third party agreements dwar l-użu ta' faċilitajiet fi skejjel għal perjodu qasir lill-Prinċipali tal-Kulleġġi. | Ġie mfassal third party agreement. | Il-proposta ġiet ippreżentata lill-Education Leadership Council u ġiet approvata. Ġiet ikkomunikata mal-iskejjel kollha f'dan ir-rigward biex dan il-ftehim jibda jintuża. | | | Individwi u organizzazzjonijiet tal-Gvern, NGOs u kif ukoll dawk privati | Implimentata |
| Żvilupp ta' sistema ta' rappurtaġġ onlajn dwar trasport tal-iskejjel. | Saru diskussjonijiet mal-IMU, fejn ġie analizzat il-proċess li jintuża sabiex jiġu analizzati il-bżonnijiet tas-sistema.<br>Sar xogħol fuq proċeduri interni sabiex jiġu mgħoddija lill-IMU. | Tlestew il-proċeduri interni u bdew il-preparamenti għat-tieni fażi, fejn beda jitfassal qafas ta' struttura onlajn. | Tkomplew diskussjonijiet mal-IMU fuq il-qafas ta' din l-istruttura onlajn. | Il-proċess se jitkompla fil-bidu tas-sena d-dieħla. | L-iskejjel kollha u l-amministraturi tas-servizz | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Żvilupp ta' sistema elettronika għall-immaniġġjar aħjar tad-dejta fuq livell dipartimentali. | Saru preparamenti biex saret analiżi dettaljata tas-sistema ta' data management li tintuża. | L-IMU tal-MEDE stenniet direzzjoni mingħand l-arkitett tal-MITA biex tittieħed deċiżjoni dwar l-emendi meħtieġa fis-sistema. | Ittieħdet deċiżjoni li tiġi żviluppata sistema ġdida ta' networking mifruxa mal-Ministeru kollu. | Fis-sena li ġejja se tinħareġ sejħa għall-offerti biex tkun tista' tiġi żviluppata din is-sistema. | Il-ħin ta' proċessar jonqos b'70% għal 150 professjonist u amministratur | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Saru laqgħat biex ġie determinat x'infrastruttura hemm bżonn biex tiġi żviluppata sistema elettronika biex jissaħħaħ l-immaniġġjar tad-data. | Ġew identifikati diffikultajiet tekniċi u infrastrutturali fin-network ta' dan id-dipartiment u għalhekk kien hemm dewmien fit-tkomplija u fl-iżvilupp ta' din is-sistema. | | | Igawdu l-istudenti kollha li jattendu fl-iskejjel tal-Gvern. | |
| L-iżvilupp ta' sistema effiċjenti ta' lloggjar ta' data għal għadd ta' servizzi bbażati fuq livell ċentrali: Anti-Substance Abuse Service, Anti-Bullying Service, Child Safety Services u School Psychological Services. | Saret analiżi tal-istat tas-sistema tal-illoggjar tad-data. Saru laqgħat biex ġie determinat x'infrastruttura hemm bżonn biex tiġi żviluppata sistema elettronika għall-illogjar tad-data. | Ġew iffinalizzati t-templates meħtieġa għall-illoggjar ta' din id-data.<br>Sar taħriġ lill-professjonisti tad-Dipartiment dwar kif titħaddem din is-sistema.<br>Saru laqgħat ukoll mal-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Protezzjoni tad-Data u ġie mħejji dossier dwar din is-sistema biex din tiġi approvata mill-Kummissarju tal-Protezzjoni tad-Data. | Tlesta l-qafas tas-sistema u ġie sottomess lill-IMU, u l-MEDE. Saru diskussjonijiet dwar kif din is-sistema se tiġi implimentata mal-istakeholders involuti. | Se jitkomplew id-diskussjonijiet kmieni s-sena d-dieħla. | Il-ħin ta' proċessar u biex tinġabar l-istatistika jonqos bi 80% għal 45 professjonist fid-dipartiment kif ukoll professjonisti oħra li huma bbażati fil-kulleġġi.<br><br>Studenti li jagħmlu użu minn wieħed minn dawn is-servizzi: Anti-Substance Abuse Service, Anti-Bullying Service, Child Safety Services u School Psychological Services. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| L-użu ta' sistema onlajn għal dokumentazzjoni għall-istakeholders. | Sar analiżi tal-istat tas-sistema ta' riferimenti tas-servizzi ta' Anti-Substance Abuse Service, Anti-Bullying Service, Child Safety Services u School Psychological Services. Ġie deċiż li s-sistema tal-E1 tintuża biex issir is-sistema onlajn. | Saru laqgħat mal-professjonisti konċernati dwar kif se titħaddem din is-sistema, inkluż ir-referral sheet. Sar taħriġ lill-professjonisti tad-Dipartiment dwar kif titħaddem din is-sistema. Saru laqgħat ukoll mal-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Protezzjoni tad-Data u ġie mħejji dossier dwar din is-sistema biex din tiġi approvata. | Dan id-dossier ġie analizzat mill-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Protezzjoni tad-Data u ġew iċċarati xi affarijiet marbuta ma' din l-inizjattiva. | Il-proċess ta' skrutinju min-naħa tal-Uffiċċju tal-Kummissarju tad-data baqa' għaddej. Il-miżura tkun implimentata meta l-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Protezzjoni tad-Data jagħti l-approvazzjoni. | 45 professjonist li jkollhom l-applikazzjoni mimlija kollha, u b'hekk ma jinħeliex żmien biex terġa' ssir talba għal aktar informazzjoni mingħand l-applikant. B'hekk studenti li jagħmlu użu minn wieħed minn dawn is-servizzi: Anti-Substance Abuse Service, Anti-Bullying Service, Child Safety Services u School Psychological Services, jinqdew aktar malajr. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Tħaffif fil-proċess ta' eżenzjonijiet meta żgħażagħ ta' sittax-il sena jippreżentaw iċ-ċertifikat tal-Ischool Leaving. | Saru laqgħat mad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali u l-ETC. Saret konsultazzjoni mal-konsulent legali u mal-imsieħba kkonċernati biex ġie deċiż il-pjan ta' azzjoni. | Sar xogħol legali marbut mal-emenda fl-Att dwar l-Edukazzjoni. | Saret emenda fil-liġi tal-edukazzjoni fejn tneħħiet klawsola 128 (2). Tressqet proposta lid-DG-ES biex jinbidlu l-proċeduri stabbiliti minħabba dan it-tibdil fil-liġi. | Din il-proposta ġiet milqugħa mid-DG-ES u kkomunikata lill-uffiċjali tal-edukazzjoni kif ukoll id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u l-ETC. | Il-ħin tal-ipproċessar jonqos b'75%. Igawdu l-istudenti li jkollhom bżonn japplikaw, kif ukoll il- Ġenituri ta' dawn l-istudenti. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Applikazzjonijiet għal eżenzjonijiet tal-iskola biex jiġu sottomessi fil-kulleġġ rispettiv u mhux fid-Dipartiment tas-Servizzi tal-istudent. | Ġiet irriformata l-proċedura eżistenti b'mod li l-applikant għandu inqas informazzjoni x'jinkludi. Ġie nkluż, biss dak li huwa relevanti u neċessajru. Ġiet disseminata din l-informazzjoni lill-professjonisti involuti fuq livell ta' skejjel u kulleġġi. | | | | Il-ħin tal-ipproċessar jonqos b'75%.<br><br>Igawdu l-istudenti kollha tar-raba' u l-ħames sena tas-sekondarja li jkollhom bżonn japplikaw, kif ukoll 16-il Social Worker li jaħdmu fil-kulleġġi u fl-SSD. | Implimentata |
| L-iskejjel jibagħtu l-formola SEW07 direttament lill-ġenituri u jibagħtu l-formola SEW07B lill-SWS sat-12 tax-xahar ta' wara jekk il-ġenituri ma jipprovdux raġuni valida għall-assenza tat-tfal fiż-żmien stipulat (3 ijiem). | Permezz ta' laqgħat ma' dawk kollha konċernati, primarjament il-ġenituri, intlaħaq ftehim biex titwettaq din il-proċedura.<br><br>Id-deċiżjoni finali ġiet disseminata lill-Prinċipali tal-Kulleġġi kollha u lill-Kapijiet tal-Iskejjel, u beda jsir monitoraġġ ta' din il-miżura. | | | | Il-ħin tal-ipproċessar jonqos b'50%.<br><br>Igawdu:<br>Kapijiet tal-iskejjel kollha tal-istat.<br><br>Il-ġenituri jiġu mgħarrfa f'qasir żmien.<br><br>Il-proċess biex toħroġ it-taħrika jonqos. | Implimentata |
| L-iżvilupp ta' sistema effiċjenti ta' data management għas-sezzjoni tal-edukazzjoni speċjali. | Saret analiżi kollettiva tal-istat tas-sistema ta' data management tas-sezzjoni.<br>Beda l-proċess biex tiġi rinovata din is-sistema. | Tlestiet is-sistema l-ġdida ta' data management u ġiet implimentata. | | | Il-ħin tal-ipproċessar jonqos b'60% għall-uffiċjali. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Is-simplifikazzjoni tal-operat tal-uffiċċju marbut mas-sezzjoni tal-edukazzjoni speċjali. | Sar eżerċizzju ġenerali sabiex jiġu identifikati proċeduri li fl-opinjoni tad-diversi professjonisti f'dan il-qasam, qed jieħdu ħafna mill-ħin tagħhom bil-ħsieb li l-ħin frankat jiġi msarraf f'ħin kwalitattiv mal-istudenti. | Ġew identifikati żewġ proċeduri.<br>Ġew simplifikati l-logbooks tat-trasport u l-ispecial leave tal-għalliema. | | | Il-ħin tal-ipproċessar jonqos b'60% għal 80 professjonist. | Implimentata |
| Simplifikazzjoni tas-sistema ta' riferiment għas-servizzi lil din is-sezzjoni tal-edukazzjoni speċjali. | Saru laqgħat interni u ġew identifikati liema formoli ta' riferta jistgħu jsiru onlajn.<br><br>Id-diversi riferti ġew ridotti għal formola waħda. | Ir-referral form ġiet maqluba f'waħda elettronika (eform). | L-eform tlestiet u tpoġġiet fuq il-websajt tal-Istudent Services.<br><br>L-iskejjel ġew mgħarrfa b'dan l-iżvilupp. | | Il-ħin tal-ipproċessar jonqos b'70% għall-iskejjel kollha u l-ġenituri li jirreferu 'l uliedhom għas-servizzi. | Implimentata |
| Nużaw il-benefiċċji ta' sistema ta' dokumentazzjoni u applikazzjonijiet għall-istakeholders u l-pubbliku ġenerali li tkun onlajn. | Sar analiżi tas-sistema ta' formoli tal-applikazzjoni għaċ-ċertifikati ta' attendenza fl-iskola. Saru laqgħat mal-IMU kif ukoll mal-SIS fejn ġie diskuss il-pjan ta' implimentazzjoni. | Sar xogħol fuq ir-referral forms fuq bażi elettronika. | L-eform tlestiet u tpoġġiet onlajn. | | Il-ħin tal-ipproċessar jonqos b'70% u l-pubbliku jinqeda aktar malajr. | Implimentata |
| Simplifikazzjoni fil-proċess ta' ġbir ta' informazzjoni u statistika fuq l-istudenti fl-iskejjel tal-Istat. | Inġabret l-informazzjoni fuq l-istudenti tal-iskejjel tal-Istat mill-Istudents Information Services (SIS) minflok mill-kapijiet tal-iskejjel permezz tal-E1 platform. | | | | Il-ħin tal-ipproċessar naqas b'100% għall-kapijiet kollha fl-iskejjel statali. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| L-SOPs jiġu ppubblikati biex ma jkunx hemm xogħol li jsir doppju u hekk il-ħin jintuża aħjar. | Saret laqgħa interna biex jiġi diskuss kif ser jiġu mfassla l-SOPs. Bdew jitfasslu l-SOPs għal dan id-direttorat. | Tkomplew jitfasslu l-SOPs. | Ġew finalizzati l-SOPs. | L-SOPs għad-Direttorat tal-Operations ġew ippubblikati. | L-impjegati kollha fi ħdan id-Direttorat tal-Operat u kif ukoll impjegati f'Direttorati u Dipartimenti oħra. | Implimentata |
| Jiġi mwaqqaf il-One-Stop-Shop tal-MEDE. | Saru laqgħat mal-ogħla uffiċjali tal-MEDE u konsulenti tal-OPM. | Saru laqgħat mal-entitajiet kollha konċernati tal-MEDE b'kollaborazzjoni mal-OPM. Kif ukoll saru one-to-one meetings biex jiġi spjegat f'iktar dettall.<br>Sar xogħol fuq service catalogue.<br>Imtlew it-templates tas-Service Catalogue u s-Service Level Agreement.<br>Inġabru l-agreements kollha, u kull min hu responsabbli għall-inizjattiva One-Stop-Shop attenda 'Train the Trainer' - kors offrut mis-CDRT, ħalli huma jkunu f'pożizzjoni li jgħallmu lill-kolllegi tagħhom. | Beda x-xogħol fuq it-tieni grupp ta' impjegati li ġew magħżula biex jirrappreżentaw l-entita' jew id-dipartiment tagħhom għal one-stop-shop. | Imtlew u nġabru s-Service Level Agreements ta' dan it-tieni grupp.<br><br>L-informazzjoni nġabret kollha u ġiet mgħoddija lill-OPM. | Dawk kollha li jitolbu xi forma ta' informazzjoni marbuta mal-edukazzjoni u impjiegi. | Implimentata |

# MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Niżviluppaw post ċentralizzat fejn il-bdiewa jistgħu jieħdu informazzjoni u fl-istess ħin jirċievu assistenza teknika minn nies li huma esperti fis-suġġett. | Dan il-post ġie żviluppat f'Jannar. | | | | Il-bdiewa kollha | Implimentata |
| Il-pubbliku jisa' jordna, iħallas u jiġbor is-siġar li jixtri mid-dipartiment minn post ċentralizzat. Fl-istess ħin, il-pubbliku jkun jista' jingħata wkoll informazzjoni teknika ta' kif għandu jiżra, u jieħu ħsieb is-siġar li jkun xtara. | Sar il-bejgħ ta' diversi tipi ta' siġar f'dan il-post. | | | | Madwar 500 persuna | Implimentata |
| Tiġi identifikata żona biex jiġu minn studenti u tingħata informazzjoni fuq il-biedja u kif jitrabbew il-bhejjem. Fl-istess ħin l-istudenti jistgħu jipprattikaw dak li jkunu tgħallmu. | Ġiet identifikata ż-żona u bdew isiru ż-żjarat. | | | | 700 student | Implimentata |
| Biex niffaċilitaw il-burokrazija fejn jidħol l-adozzjoni tal-annimali, ħloqna post ċentralizzat li jgħaqqad is-servizzi kollha possibbli li jirrelataw ma' dan is-servizz. Dan is-servizz ikun jinkludi wkoll il-mili ta' karti biex jiġu adottati annimali. | Ġie identifikat post fl-Għammieri u beda jingħata s-servizz. | | | | Il-pubbliku | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Niżviluppaw faċilità biex applikazzjonijiet u pagamenti għall-iskema 34U ikunu jistghu jsiru dirett minn fuq l-internet. | Bdiet tiġi disinjata l-formula li se tintuża għal pagamenti elettroniċi. | Ġie ffirmat kuntratt ma' kumpanija biex ikunu jistgħu jintlaqgħu l-pagamenti online. Is-sistema bdiet taħdem. | | | Il-pubbliku | Implimentata |
| Nagħtu possibilità biex offerti relatati mal-proġett LIFE+ Buskett ikunu jistgħu jiġu sottomessi minn fuq l-internet. | Ġiet żviluppata paġna fuq l-internet biex turi informazzjoni fuq sejħiet għall-offerti relatati mal-LIFE+ u l-Buskett. | | | | L-offerenti kollha interessati li jipparteċipaw fil-proġett. | Implimentata |
| Jiġi mwaqqaf servizz tal-ambulanza għall-annimali f'Għawdex fejn in-nies ikunu jistgħu jużaw il-linja 1717 biex jintalab dan is-servizz. | Saru diversi laqgħat mal-Ministeru għal Għawdex fejn dawn esprimew ix-xewqa li tinħareg sejħa għal pożizzjonijiet ta' 4 Animal Welfare Officers f'Għawdex. Flimkien mad-Dipartiment tal-Artijiet ġiet identifikata art li tista' tintuża għall-klieb/qtates feruti wara li jingħataw il-kura mill-veterinarju. | Baqgħu għaddejjin id-diskussjonijiet bejn il-ministeri kkonċernati. | Is-servizz ta' emerġenza beda jiġi offrut minn Malta sakemm komplew għaddejjin id-diskussjonijiet. Beda jitħejja pjan ta' kif is-servizz ta' Animal Welfare ser jingħata f'Għawdex b'mod aħjar u bdew jiġu esplorati l-possibilitajiet kollha biex ikun hemm estensjoni tas-servizz tal-ambulanza tal-annimali f'Għawdex. | Ġew allokati l-fondi lill-Ministeru għal Ghawdex biex it-tali servizz jibda jingħata f'Għawdex stess. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Id-direttorati jingħaqdu biex l-istħarriġ mal-bdiewa u dawk li jrabbu l-annimali jsir b'mod armonizzat u dan iservi biex il-bdiewa ma joqoghdux jiġu ikkuntattjati diversi drabi minn direttorati differenti. | Bdew l-arranġamenti biex tiġi identifikata persuna biex tieħu ħsieb dan l-eżerċizzju. | Ġiet identifikata l-persuna u saru diversi laqgħat mad-direttorati diversi biex jiġu stabbiliti l-ħtigijiet ta' kull direttorat. | L-uffiċjali responsabbli żviluppaw l-abbozz tal-ftehim. Sadanittant, baqgħu għaddejjin id-diskussjonijiet bejn id-dipartimenti. | Tlesta l-abbozz u ntbagħat għall-approvazzjoni neċessarja. | | Implimentata. |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jiġu kkonsolidati l-leġizlazzjonijiet relatati mas-saħħa tal-pjanti. | Bdiet tiġi riveduta l-leġizlazzjoni flimkien mal-avukati konċernati. | Sar eżerċizzju biex jiġu determinati l-emendi, deċiżjonijiet u l-leġizlazzjonijiet li ħargu jew ġew ippubblikati biex ikunu jistgħu jiġu amalgamati l-leġizlazzjonijiet relatati mas-saħħa tal-pjanti. Saret ukoll reviżjoni biex jiġu identifikati l-proċessi leġiżlattivi li ma ġewx riflessi fil-liġijiet eżistenti. | Tkompla x-xogħol fuq il-proċess ta' konsolidament tal-leġiżlazzjonijiet u tlesta l-abbozz. Bdew id-diskussjonijiet mal-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. | Baqgħu għaddejjin il-laqgħat bejn l-uffiċjali mid-direttorat u l-avukati biex titlesta r-reviżjoni tad-dokument finali li ser jgħaqqad seba' liġijiet f'waħda, kif ukoll jinkludi proviżjonijiet legali biex jiġu implimentati tmien deċiżjonijiet legali tal-Kummissjoni Ewropea. | | Implimentata |
| Jigu kkonsolidati go post wieħed il-laboratorji dijanjostiċi u dak taż-żerriegħa. | Harġet sejħa għall-offerti ta' tagħmir ghal-laboratorju u bdew jiġu analizzati s-sottomissjonijiet. | L-analiżi tas-sejha għal tagħmir għal-laboratorju waslet fil-fażi finali. Ġew ukoll ippreparati żewġ tenders oħra għall-għamara u għal tagħmir tal-laboratorju taż-żerriegħa. | Tlesta x-xogħol tal-bini. It-tenders għat-tagħmir u għall-apparat tal-laboratorji gew aġġudikati. Bdiet l-installazzjoni tal-għamara fil-laboratorju. | Tlesta x-xogħol kollu relatat ma' dan il-proġett. | Il-laboratorju ħa jkun qiegħed jagħti servizz lill-pubbliku ġenerali kif ukoll l-istakeholders irreġistrati mad-Dipartiment. | Implimentata |
| Tiġi żviluppata MOU biex jingħaqdu l-uffiċjali kollha u jkun hemm proċess wieħed ta' kontroll fuq importazzjoni ta' ikel u prodotti agrikoli. | Sar skambju ta' informazzjoni u ġew organizzati diversi laqgħat bejn il-partijiet involuti. | Baqa' għaddej il-proċess ta' skambju ta' informazzjoni. Ġie maħtur sottokumitat taħt l-FSC u beda jiltaqa' b'mod regolari biex tigi diskussa l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Il-laqgħat fi ħdan il-Food Safety Commission baqgħu għaddejjin. Ġie ċċirkolat abbozz tal-ftehim u r-rappreżentanti intalbu jikkummentaw fuqu. Ġie ffirmat il-ftehim mad-Direttorat tal-Ambjent. | Baqgħu għaddejjin il-laqgħat mal-entitajiet involuti. Ġie ffirmat il-ftehim mad-Direttorat tal-Agrikoltura. | L-impurtaturi tal-ikel u prodotti agrikoli | Implimentata |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jiġi żviluppat punt ta' referenza għall-klijenti. B'hekk, ir-rikjesti li jintlaqgħu jkunu jistgħu jiġu riferuti direttament lill-persuni konċernati. | Ġew mogħtija l-fondi neċessarji biex tkun tista' tinħareġ sejħa għal uffiċjal fil-Customer Care. Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-applikazzjonijiet. | Ingħalqet is-sejħa u ġew analizzati l-applikazzjonijiet. Intbagħtu l-ittri biex l-applikanti jiġu infurmati bl-appuntament għall-intervista. | Saru l-intervisti u l-proċess ta' evalwazzjoni. Ġie ppubblikat ir-riżultat u nbeda l-proċess li jiġi appuntat l-uffiċjal. | Ġie impjegat l-uffiċjal tal-Customer Care. | Il-pubbliku | Implimentata |
| Is-servizz ta' kontroll fuq l-importazzjoni ta' pjanti jiġi ċentralizzat f'post wieħed. | Ġew imfassla s-sejħiet għall-offerti. Bdew isiru diskussjonijiet mal-Port Ħieles għal sit fejn tista' ssir l-estensjoni tal-BIP. | Is-sejħa ngħalqet u l-applikazzjonijiet waslu għand id-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi. | Il-proġett ġie temporanjament sospiż. Sadanittant, tkomplew id-diskussjonijiet mal-Port Ħieles. | Baqgħu għaddejjin id-diskussjonijiet biex jiġi ffirmat il-kuntratt mal-Port Ħieles. | L-impurtaturi tal-ikel u prodotti agrikoli | Implimentata |
| Reġistru għar-reġistrazzjoni tas-sajd Isir proċessar tal-informazzjoni b'mod awtomatiku. | Beda jiġi rreġistrat il-bejgħ li jsir mis-suq tal-ħut permezz ta' sistema kompjuterizzata. | Tkompla l-iżvilupp tas-sistema elettronika. Beda jasal l-apparat meħtieġ biex titlesta sistema ta' prototype. Dan ġie segwit permezz ta' preżentazzjoni dwar il-funzjonijiet ta' din is-sistema. Tkompliet il-ħidma mal-MEPA biex jinbnew l-istazzjonijiet ta' fuq l-art. | Il-bażi tal-programm ġie finalizzat u ngħatat preżentazzjoni anke ta' kif jiġu ġġenerati d-diversi rapporti. Il-varjazzjoni/żvilupp meħtieġ fil-programm tal-e-logbook fil-kompjuter abbord ġie finalizzat. Din is-sistema tkun tista' tiġi amalgamata mas-sistema tal-bejgħ fil-Pixkerija. | Tkompliet l-installazzjoni tas-sistemi abbord u sar taħriġ lis-sajjieda. Is-sistema tal-irkant ġiet żviluppata u approvata. | Is-sistema awtomatika fil-Pixkerija se taffettwa lil madwar 200 xerrej registrat, kif ukoll ħaddiema ta' rkantaturi u uffiċjali fi ħdan id-Dipartiment tas-Sajd. | Implimentata |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Ġiet żviluppata sistema temporanja biex il-qabdiet li jkunu ppreżentati fil-Pixkerija jkunu reġistrati u maħruġa bit-tikketti meħtieġa biex is-sistema tal-irkant tkun tista' titħaddem. Din is-sistema bdiet taħdem mal-ftuħ uffiċjali li sar f'Novembru. | | |
| Isir titjib fis-sistema tal-e-Logbook biex tkun tista' tiġi rrekordjata l-pożizzjoni ġeografika b'mod awtomatiku. | Wara risposta pożittiva mingħand is-sajjieda fuq ir-reġistrazzjoni awtomatika tal-pożizzjoni ġeografika tagħhom, beda x-xogħol biex l-e-logbooks jibdew isiru b'mod awtomatiku. | Is-sistema bdiet tiġi żviluppata. Sadanittant saret reviżjoni tas-sistema biex jiġi assigurat li din tkun konformi mar-regolamenti ġodda li se tintroduċi l-Kummissjoni Ewropea. | Kompliet il-ħidma biex tiġi żviluppata fid-dettall l-informazzjoni neċessarja għal din is-sistema. | Ix-xogħol fuq din il-miżura għadu għaddej. | Din il-miżura ser taffettwa madwar 80 sajjied. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Jiġi aġġornat is-sit elettroniku tad-direttorat biex persuni li jagħmlu użu minn dan is-servizz jiġu provduti b'aċċess għal informazzjoni li hija l-aktar riċenti. B'hekk nevitaw il-bżonn li persuna jkollha tirrikorri għand id-Direttorat biex tikseb din l-informazzjoni. | Is-sistema bdiet tiġi żviluppata flimkien mal-preparamenti għat-taħriġ neċessarju. | Minħabba regolamenti ġodda li se tintroduċi l-Kummissjoni Ewropea, kien hemm il-ħtieġa li din is-sistema tiġi aġġornata. Għalhekk inbeda studju li jidentifika l-arranġamenti neċessarji fis-sistema. | Tkompla x-xogħol preliminari biex ikun żviluppat il-web services'. Dan ser jagħti aċċess lill-klijenti biex jagħmlu użu minn dan is-servizz. | Tkompliet il-ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura. | Din il-miżura ser taffettwa madwar 80 sajjied. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tiġi żviluppata sistema elettronika fuq dawk li jrabbu n-naħal biex tiffaċilita l-proċess tal-informazzjoni. | Saret laqgħa ma' entitajiet diversi biex jiġi esplorat l-iżvilupp ta' din is-sistema elettronika. | Sar xogħol tekniku biex jiġu identifikati s-sistemi li għalihom irid jiġi ffaċilitat il-proċess tal-informazzjoni. Għal dan il-għan, inġabret informazzjoni minn direttorati oħra fi ħdan il-Ministeru. | Sar abbozz għal ftehim bejn id-dipartimenti kkonċernati fi ħdan il-Ministeru biex jiġu ċċarati l-proċeduri dwar l-użu u r-responsabbiltà tas-sistema. | Ġie ffinalizzat il-ftehim bejn id-dipartimenti u ġie ċċarat l-aċċess ta' informazzjoni li għandu bżonn id-direttorat. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| L-informazzjoni miġbura għal skop ta' dikjarazzjoni tal-ħsad tiġi użata wkoll mir-reġistru tan-nitrati. | Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | | Implimentata |
| Nagħmlu proċeduri biex tiġi faċilitata l-konformità mal-leġiżlazzjoni fuq in-nitrati. | Abbozz leġiżlattiv ġie finalizzat wara konsultazzjoni mal-entitajiet kollha kkonċernati u mgħoddi għall-konsiderazzjoni tal-Ministru kkonċernat u l-Kabinett. Sussegwentament, l-Avviż leġiżlattiv ġie ppubblikat (tal-94 ta' 2015). Inbeda x-xogħol biex il-Pjan ta' Azzjoni għan-nitrati jiġi emendat. | Wara l-pubblikazzjoni tal-Liġi l-bdiewa ġew mgħarrfa permezz ta' taħrig taħt M111. Il-kors taħt il-miżura 111 ġie ffinalizzat. Iżda l-bdiewa u r-raħħala jistgħu jċemplu s-sezzjoni tan-nitrati jew jirrikorru l-Front Office. | L-emendi min-naħa tad-Direttorat tal-agrikoltura huma lesti u l-abbozz tal-programm ta' azzjoni ġie mgħoddi lill-entità kkonċernata biex jigu inklużi fir-rapporti u l-monitoraġġ tal-ilmijiet hekk kif titlob id-Direttiva tan-nitrati. | | | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Nintroduċu sistema ta' xiri b'mezzi elettroniċi | Saru l-arranġamenti neċessarji biex jingħata t-taħriġ fis-CDRT fuq din is-sistema. Dan it-taħriġ se jkun qed jinvolvi 34 uffiċjal mid-diversi awtoritajiet tal-kuntratti tal-Ministeri. | Saru diversi sessjonijiet ta' taħrig. Saret pubblikazzjoni tal-ewwel e-tender f'nofs Ġunju hekk kif previst. | Is-sistema ta' xiri b'mezzi elettroniċi ġiet introdotta. Qed isir xogħol ulterjuri biex din tiġi estiża mal-Ministeru kollu. | Il-miżura giet estiża mal-Ministeru kollu kif pjanat. | Il-kuntratturi prospettivi interessati jipparteċipaw fit-tenders dipartimentali tal-MSDEC. | Implimentata |

# MIŻURI OĦRA LI WASSLU GĦAL SIMPLIFIKAZZJONI

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Is-sezzjoni tat-trasport tal-Ministeru tiġi ċentrralizzata fl-Għammieri biex tipprovdi dan is-servizz taħt saqaf wieħed. | Is-sezzjoni tat-trasport tal-Ministeru fl-Għammieri ġiet iċċentralizzata. | | | | | Implimentata |
| Tiġi żviluppata sistema elettronika bl-isem ta' Animal Welfare Information & Management System (AWIMS) biex tkun tista' tiġi aġġornata u jinżamm rendikont ta' telefonati tal-ambulanza, informazzjoni medika tal-annimali tat-triq, adozzjonijiet tal-annimali, rapporti li jsiru eċċ. | Saru diversi laqgħat mas-CIO u l-MITA biex jiġu esplorati possibilitajiet diversi għal din is-sistema. | L-Uffiċċju tas-CIO, flimkien mal-MITA, issottometta rapport dwar il-proġett propost għall-AWPSD. Sussegwentament, kien hemm laqgħa teknika bejn l-AWPS, il-MITA u s-CIO bi tħejjija biex dan il-proġett jibda. | Saru diversi preparamenti biex il-MITA tipprovdi s-sistema meħtieġa. Dan sar b'konsultazzjoni kontinwa mad-Dipartiment ikkonċernat fi ħdan il-Ministeru. | Kompliet il-ħidma bejn is-CIO (MSDEC), il-MITA u l-AWPSD biex titwaqqaf sistema għall-amministrazzjoni elettronika li mistennija tidhol fis-seħħ fil-bidu tas-sena d-dieħla. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Tiġi żviluppata lista ta' informazzjoni u kuntatti li kull dipartiment/direttorat għandu biex din il-lista tiġi mqassma lid-direttorati kollha. | Bdew l-arranġamenti biex tiġi identifikata persuna biex tieħu ħsieb dan l-eżerċizzju. | Ġiet identifikata l-persuna li ser taħdem fuq din il-miżura. Bdew isiru diversi laqgħat mad-direttorati biex tinġabar informazzjoni meħtieġa. | Baqa' għaddej ix-xogħol biex tinġabar l-informazzjoni neċessarja | Saret template biex tinġabar u tiġi aġġornata l-informazzjoni. | | Implimentata |

MINISTERU GĦAT-TRASPORT U
L-INFRASTRUTTURA

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tinġabar informazzjoni dwar Door Numbering li jkun sar fil-passat u din l-informazzjoni titpoġġa fuq il-websajt tal-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura sabiex il-pubbliku jkollu aċċess dirett mingħajr il-ħtieġa li joqgħod jirrikorri personalment fl-uffiċini konċernati. | Ġiet estiża l-informazzjoni li nġabret u ttellgħet fuq is-sit biex tkopri l-perjodu mill-1980 sal-2007. | Ġiet estiża l-informazzjoni li nġabret u ttellgħet fuq is-sit biex tkopri l-perjodu mill-1980 sal-2009. | Ġiet estiża l-informazzjoni li nġabret u ttellgħet fuq is-sit biex tkopri l-perjodu mill-1980 sal-2010. | Ġiet estiża l-informazzjoni li nġabret u ttgħellet fuq is-sit biex tkopri l-perjodu 1980 sa 2011. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Tiddaħħal sistema magħrufa bħala Geographical Information System biex tinġabar b'mod ċentrali l-informazzjoni eżistenti minn sorsi diversi fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħolijiet u l-Infrastruttura, u permezz ta' hekk tiffaċilita l-aċċess għal din l-informazzjoni li bħalissa hija mqassma f'postijiet differenti. Barra minn hekk se tkun tista' tinġabar informazzjoni ġdida li d-Dipartiment ikun jeħtieġ minn żmien għal żmien. | Bdew id-diskussjonijiet biex jiġi stabbilit l-ambitu għal 'Enterprise GIS' fl-MTI. Ġew identifikati l-komponenti meħtieġa biex jiġi esplorat l-użu tal-fondi tal-UE. Inbdiet GIS Needs Analysis ma' diversi direttorati fl-MTI. | Tkompliet l-ewwel fażi tal-GIS Needs Analysis. Beda x-xogħol fuq preparazzjoni u ħruġ ta' tenders għall-komponenti tal-Enterprise GIS. Bdew in-negozjati biex jinxtara s-software għall-Enterprise GIS. | Tkompliet il-preparazzjoni ta' speċifikazzjonjiet, pubblikazzjoni u evalwazzjoni ta' diversi tenders. Ingħata l-ewwel kuntratt għax-xiri ta' Workstations u tkomplew negozjati għax-xiri tas-Software ArcGIS. | Kompliet il-ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura. Tkomplew in-negozjati neċessarji għax-xiri tas-Software. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Implimentazzjoni tal-Electronic Procurement biex tiżdied l-effiċjenza u l-effettività fix-xiri fis-Servizz Pubbliku. | Ġew organizzati Information Seminars għall-uffiċjali involuti. F'dawn is-seminars ġew elenkati l-proċeduri differenti tax-xiri. Bdiet il-ħidma neċessarja sabiex jingħata t-taħriġ lill-uffiċjali involuti dwar l-e-procurement f'Ġunju, b'kollaborazzjoni mas-CDRT u d-Dipartiment tal-Kuntratti. | Ġie organizzat Information Seminar f'April għall-Operaturi Ekonomiċi, fejn ġie spjegat l-użu ta' din is-sistema. | Din is-sistema daħlet fis-seħħ. | | | Implimentata |
| Tnaqqis fiż-żmien biex talbiet għal kumpens jiġu deċiżi u kumpensati (minn massimu ta' 180 ġurnata sa massimu ta' 120 ġurnata). | Bdiet il-ħidma flimkien ma' Transport Malta għat-twettiq ta' din il-miżura. | Tkomplew il-ħidma u d-diskussjonijiet interni. | Ġew identifikati l-proċeduri li għandhom bżonn jiġu aġġornati għat-twettiq ta' din il-miżura. | Tkompla x-xogħol għat-twettiq ta' din il-miżura. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Jitħaffef il-proċess t'evalwazzjoni u ħruġ ta' kuntratti relatati mal-Framework Agreement. | Daħlu numru ta' inizjattivi li ser jgħinu għat-twettiq ta' din il-miżura. | Tkompliet il-ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura. | Tkompliet il-ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura. | Tkompliet il-ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Simplifikazzjoni ta' proċessi interni fid-Direttorat tal-Finanzi li jinkludu miżuri bħal tneħħija ta' rċevuti manwali, streamlining u standardisation fil-proċessi ta' finanzi ta' diversi direttorati. | L-awtorizzazzjoni tal-kreditu; ġie implimentat proċess ġdid li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-kreditu. Ġiet stabbilita sistema ta' gradazzjoni għad-debituri. | Reviżjoni tal-operazzjonijiet finanzjarji fil-CAD; saret analiżi biex jiġu identifikati lakuni li jitolbu titjib fil-proċeduri finanzjarji ġewwa l-CAD. Sar enfasi fuq il-livell ta' kontroll li toffri din is-sistema.<br><br>Reviżjoni tal-operazzjonijiet fl-RID; Ġie introdott format ġdid taċ-ċertifikat tal-ħlas biex jitħaffu l-ħlasijiet lill-fornituri. Ġiet imwettqa reviżjoni fuq il-proċess tal-ħlasijiet minn voti kapitali u l-proċess tar-Road Permit (inkluż is-sistema) biex ġie assigurat li l-kontrolli adegwati huma fis-seħħ. | Rapporti tal-MITA; saru diskussjonijiet mal-MITA biex jiġu implimentati rapporti fis-sistema tal-VERA u DLS, b'konformità assoluta mal-obbligi stabbiliti permezz tal-Att dwar ir-Responsabbiltà Fiskali. | Reviżjoni tal-operazzjonijiet u r-rapportaġġ fl-LTD u fil-PYD; ġiet imwettqa reviżjoni fuq il-proċess ta' rikonċiljazzjoni tad-dħul. | Il-pubbliku | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Applikazzjoni online għal Driving Learner Permit u għat-Test Prattiku tas-Sewqan | Bdew jinkitbu l-proċeduri għal din is-sistema. | Ġiet preparata preżentazzjoni għall-partijiet konċernati dwar l-applikazzjoni online għal Driving Learner Permit u għat-Test Prattiku tas-Sewqan. | Tkompliet il-ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura flimkien ma' żviluppi oħra fis-sistema. Inbeda t-testing fuq is-sistema. | Matul ix-xahar ta' Diċembru saru żewġ seminars għat-tobba biex jiġi spjegat lilhom iċ-ċertifikat mediku l-ġdid li ser jintuża fis-sistema online. Matul dan ix-xahar ukoll, din is-sistema ġiet murija għall-ewwel darba lill-motoring schools kollha. Din intlaqgħet tajjeb ħafna. Qabel din is-sistema tibda titħaddem, ser nibagħtu lill-istess skejjel għal rispons biex jekk hemm xi affarijiet li nistgħu nirranġaw skont l-esiġenzi tal-iskejjel, nagħmluhom mill-ewwel. | Il-motoring schools kollha kif ukoll il-kandidati kollha li jridu jitilgħu għat-test tas-sewqan. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Simplifikazzjoni fil-proċess ta' ħruġ ta' tags permezz ta' sistema ġdida li tinkludi user access control u audit trail | Bdiet tinkiteb il-proċedura kollha tas-sistema tat-tags. | Bdew id-diskussjonijiet interni u t-taħditiet mal-MITA. | Tkompliet il-ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura. | Tkompliet il-ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura flimkien ma' Tansport Malta. | Xufiera | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

# MIŻURI OĦRA LI WASSLU GĦAL SIMPLIFIKAZZJONI

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tiddaħħal sistema kompjuterizzata għall-għoti tal-fjuwil mill-pompa tal-fjuwil tad-Direttorat għall-Manifattura u Servizzi f'Kordin sabiex telimina r-rekords manwali eżistenti u tissimplifika l-aċċess għall-kontrolli marbuta ma' dan is-settur. | Saru laqgħat mal-inġiniera tad-dipartiment biex jitħejjew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa għas-sejħa għall-offerti dwar din is-sistema. | Tħejja d-dokument tas-sejħa għall-offerti biex tiddaħħal is-sistema. | Id-dokumenti tas-sejha għall-offerti kienu ppreżentati għall-approvazzjoni. It-tender ġie ppubblikat f'Settembru. | Is-sejħa għall-offerti għalqet. Tkompli l-ħidma sabiex jinbeda l-proċess ta' evalwazzjoni. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Tiddaħħal sistema fejn proċeduri interni li llum isiru b'użu ta' dokumentazzjoni jinbidlu fi proċeduri elettroniċi fil-waqt li tiġi introddotta sistema elettronika ta' files. | Bdew id-diskussjonijiet mal-kuntrattur biex jiġu analiżżati l-proċessi meħtieġa. Dawn jinkludu formoli online għall-applikazzjoni tal-leave, xiri ta' stationery, applikazzjonijiet għat-telework u oħrajn. | Tkomplew id-diskussjonijiet biex tinstab l-aqwa sistema li tiggarantixxi workflow trasparenti u simplifikata | Ġie mħejji rapport li fih saru r-rakkomandazzjonijiet xierqa ta' kif it-teknoloġija avvanzata, fid-dinja tal-lum tista' tgħin f'dawn il-proċessi. | Tkompliet il-ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura. | Uffiċjali pubbliċi. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Is-sistema preżenti tal-attendenzi tiġi mibdula f'sistema elettronika fejn kull impjegat jidħol responsabbli għal rappurtaġġ tal-istat individwali tal-ġurnata. Is-sistema se żżomm rekord ta' kull stat u l-mod ta' kif ġie rrapurtat. | Bdew id-diskussjonijiet mal-Ministeru tal-Finanzi għat-twettiq ta' din il-miżura. | Saru żewġ laqgħat fejn ġew diskussi l-proċessi involuti. Bdiet il-ħidma fuq demo version tas-sistema. | Is-sistema tan-Notification waslet 60% tat-triq biex tkun implimentata. Is-sistema ta' attendenzi li jaslu b'mod elettroniku qiegħda 85%. | Il-miżura qiegħda f'fażi avvanzata. Din tiġi segwita b'sensiela ta' taħriġ lill-uffiċjali involuti. | Bis-sistema tan-Notification ser ikunu ffrankati numru ta' sigħat ta' inputting fil-ġimgħa mid-Desk Officers fid-Direttorat tal-People Management. L-impjegat ser ikollu aċċess personali għall-bilanċi ta' leave u sick leave. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Barcoding ta' dokumenti personali biex nipproteġu l-informazzjoni personali ta' kull impjegat. Il-barcode se jieħu l-isem, il-kunjom u karti tal-identità ta' kull impjegat. | Tlestew numru ta' System Procedures (SOP) li jelenkaw proċeduri ta' filing. Din ġiet segwita bi żvilupp ta' demo version għal skopijiet ta' ttestjar. | Saret laqgħa fejn ġew diskussi s-sistemi eżistenti, in-numru ta' Registries li hemm f'dan il-Ministeru, u tneħħew numru ta' users antiki mis-sistema preżenti. | Din is-sistema għenet lill-Ministeru jaqleb għal sistema elettronika, fejn tidħol iż-żamma tal-files. | Tkompliet il-ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura. | Din il-parti tas-sistema qed tagħmel ix-xogħol aktar faċli, inkluż ir-referenza tal-files. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Streamlining fil-proċedura tal-procurement u proċess ta' tendering. | Ingħata taħriġ lil 25 uffiċjal fi ħdan l-Awtorità. | Beda proġett pilota fejn numru żgħir ta' tenders dipartimentali bdew isegwu l-proċedura tal-e-procurement. | It-tenders kollha dipartimentali bdew jigu ppubblikati skont il-proċedura u r-regolamenti tal-e-procurement. | Il-miżura daħlet fis-seħħ. | 25 uffiċjal pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Ftuħ t'uffiċċju f'Għawdex favur is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-burokrazija. | Saru l-preparamenti neċessarji biex titwettaq din il-miżura. | Infetaħ uffiċċju f'Għawdex. | | | | Implimentata |
| Estiżi f'Għawdex is-servizzi tal-probation u tal-parole. | Saru l-preparamenti neċessarji biex titwettaq din il-miżura. | Infetaħ uffiċċju f'Għawdex. | | | | Implimentata |
| One-stop shop ta' servizzi liż-żgħażagħ | Infetaħ l-Uffiċċju tal-Gozo Youth Council fejn jingħata servizz lill-għaqdiet taż-żgħażagħ. Inħatar il-Youth Services Coordinator. | | | | | Implimentata |
| Uffiċċju tal-MEUSAC f'Għawdex | Reġà nfetaħ l-uffiċċju tal-MEUSAC f'Għawdex. | | | | | Implimentata |
| Titjib fis-servizzi tal-Uffiċċju tal-eResidence | L-Interim Authorization (magħrufa bħala l-Blue Paper) taċ-ċittadini Ewropej/applikanti bdiet tiġi proċessata malli ssir l-applikazzjoni flimkien mad-dokumenti neċessarji. Qabel dan kien jieħu tlett ijiem. | | | | | Implimentata |
| Il-pagament ta' sussidju li jingħata lill-impjegati Għawdxin li jaħdmu f'Malta ser isir permezz ta' pagament dirett fil-kont bankarju tagħhom. | L-impjegati ġew mitluba n-numru tal-IBAN. | Inġabret id-data biex tinqaleb f'format ieħor. | Tkompla x-xogħol relatat mal-ħruġ tal-pagamenti. | L-ewwel pagament sar f'Ottubru. | 700 ħaddiem kull erba' xhur | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jiġi mwaqqaf servizz ta' customer care fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bil-għan li tiżdied l-effiċjenza fl-ipproċessar tal-ilmenti jew talbiet imressqa fuq servizz.gov.mt | Saru interviews għal uffiċjali tal-Customer Care fi ħdan id-Direttorat tal-Proġetti u l-Iżvilupp, sezzjoni Roads. Tħejjew sejħiet għal aktar uffiċjali tal-Customer Care f'Direttorati oħra. Ħarġu r-riżultati tas-sezzjoni Roads. Bdew il-kuntatti mal-MEU u mas-CDRT biex l-impjegati l-ġodda jibdew jingħataw it-taħriġ. | Ingħata taħriġ fl-amministrazzjoni tas-sistema servizz.gov.mt u fil-kitba tal-Malti lill-uffiċjali tal-Customer Care. Inħatru bordijiet għas-sejħiet ta' uffiċjali tal-Customer Care NGO Centre u fil-Housing, ilkoll fi ħdan id-Direttorat tal-Customer Services. Ħarġet is-sejħa għal uffiċjali tal-Customer Care tal-Housing. | Inħatru l-uffiċjali tal-Customer Care fis-sezzjoni tar-Roads u fl-NGO Centre. Ingħata taħriġ mill-MEU lill-uffiċjali tal-Customer Care l-ġodda fis-sezzjoni tar-Roads. | Inħatret uffiċjal tal-Customer Care fil-Housing fi ħdan id-Direttorat tal-Customer Services. Kompliet l-analiżi fuq l-ipproċessar tal-ilmenti/talbiet u evalwazzjoni tal-inizjattiva. | Numru konsiderevoli ta' klijenti li jagħmlu użu mis-sistema servizz.gov.mt. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| Jiġi identifikati mezzi li permezz tagħhom titjieb il-prestazzjoni tas-Sezzjoni Salarji u jingħata servizz aktar effiċjenti. | Saru diskuzzjonijiet mal-kapijiet tas-sezzjoni. Miżuri tentattivi ġew stabbiliti formalment fi ħdan is-sezzjonijiet tas-salarji. Saret laqgħa mal-kontropartijiet tagħna fejn intlaħaq ftehim biex bi prova nimplimentaw dak kollu li kien diskuss fil-payrolls li jmiss. | Il-miżura ġiet implimentata. | | | Ir-riżultat ta' dan l-eżerċizzju deher fit-tnaqqis fin-numru ta' lmenti. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1**<br>JANNAR SA MARZU | **KWART 2**<br>APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3**<br>LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4**<br>OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Servizzi ġodda fil-Qorti t'Għawdex: Teħid ta' xhieda bil-video conference | Wara t-tnedija uffiċjali ta' dan il-proġett pilota f'Novembru 2014, ħarisna lejn prattiċi tajba utilizzati fl-Unjoni Ewropea rigward l-użu tas-sistemi tal-video conference fit-teħid ta' xhieda biex jiġi deċiż liema sistema tista' tkun l-aktar idonea għall-bżonnijiet tal-Qorti ta' Għawdex. Ġew ikkunsidrati wkoll l-ispejjeż involuti. Bdew ukoll il-konsultazzjonijiet tekniċi mal-Uffiċċju tas-CIO ta' Għawdex. | Matul dan il-perjodu saret konsultazzjoni mad-Deputat Avukat Ġenerali biex isiru l-emendi neċessarji fil-liġi. Il-faċilità tal-video conferencing hi ppjanata li tinvolvi biss xhieda minn persuni li joffru xi servizz essenzjali, bħal tobba. Komplew il-konsultazzjonijiet tekniċi mal-uffiċċju tas-CIO. | Komplew il-konsultazzjonijiet tekniċi. Peress illi fil-Qrati f'Malta ser jiġu installati wkoll faċilitajiet ta' video conferencing simili, ġew ikkonsultati uffiċjali tekniċi mill-Qrati f'Malta, biex l-apparat fiż-żewġ Qrati jinxtara similarment. Bdiet tiġi studjata l-possibilità li l-apparat inkwistjoni jiġi akkwistat mill-fondi tal-UE. | Qed jiġu ppreparati sejħiet għal applikazzjoni għal fondi tal-Unjoni Ewropea taħt il-program tal-European Social Funds (ESF) li taħtu jaqgħu materji rigwardanti affarijiet ta' ġustizzja bħal dawn. | Professjonisti li joffru servizz essenzjali (eż. tobba) | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Servizzi ġodda fil-Qorti t'Għawdex: Introduzzjoni tal-faċilità ta' eFees | Saru diskussjonijiet interni għall-amministrazzjoni tal-Qrati f'Malta u Għawdex u bdew il-konsultazzjonijiet mal-MITA dwar din l-inizjattiva għall-Qorti li tiffaċilita l-komputazzjoni tat-taxxi maħruġa mill-Qrati meta kawża tiġi terminata jew ċeduta. Din it-taxxa ser tinbena f'kull stadju meta jiġi ppreżentat fir-Reġistru xi att relatat ma' kawża ċivili. | Komplew il-konsultazzjonijiet mal-Uffiċjali tal-MITA dwar din l-inizjattiva biex ikun jista' jinbena programm elettroniku. L-għan ta' dan il-programm huwa li jaqdi aħjar lill-Avukati u l-Prokuraturi Legali. Il-programm ser ikun parti mil-LECAM, li hi sistema elettronika użata mill-Qrati. | F'dan il-perjodu komplew isiru diversi laqgħat bejn l-amministrazzjoni tal-Qrati f'Malta u f'Għawdex fiċ-ċentru tal-MITA, fejn uffiċjali tal-istess MITA wrew il-programm żviluppat minnhom lill-istess uffiċjali tal-Qrati. Dawn tal-aħħar setgħu jikkummentaw u jagħmlu l-proposti tagħhom fuq il-programm hekk żviluppat mill-MITA u saru diversi enhancements fil-programm biex dan ikun aktar user-friendly. | L-uffiċjali mill-MITA reġgħu inkludew diversi features mitluba mill-Qrati biex il-programm tal-eFees ikun aktar utli u faċli biex jiġi utilizzat mill-impjegati tal-Qorti u fl-istess ħin il-forma ġdida tat-taxxa maħruġa mill-Qorti tista' ssir aktar faċli li tiftiehem mill-Avukati, Prokuraturi Legali u l-pubbliku inġenerali. Dan il-programm qed jiġi żviluppat ukoll biex jiffaċilita x-xogħol tas-Sezzjoni tar-Revenue tal-Qrati f'Malta u Għawdex. | Avukati u Prokuraturi Legali u għalhekk, indirettament, anke partijiet f'kawżi ċivili. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

# MIŻURI OĦRA LI WASSLU GĦAL SIMPLIFIKAZZJONI

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Proċessi tal-Ministeru jiġu simplifikati u magħmula b'mod awtomatiku permezz tal-I.T. | Inbdew diskussjonijiet interni dwar il-proċessi li jistgħu ikunu analizzati, imtejba u wara mtellgħin fuq sharepoint platform. Saru diversi laqgħat mad-DCS dwar proċessi interni tad-dipartiment li jistgħu jkunu indirizzati. Saret laqgħa ma' uffiċjal tal-MEU dwar kif l-uffiċċju tas-CIO jista' jgħin fl-implimentazzjoni ta' titjib fil-proċessi tad-DCS. | Saru diversi laqgħat ma' ufficjali tad-DCS u tal-MEU. Bdew jiġu evalwati u analizzati 165 return dwar proċessi li għandhom x'jaqsmu mad-DCS. Saru laqgħat mal-konsulenti tal-MEU dwar l-analiżi ta' dawn ir-returns bil-ħsieb li jittieħdu deċiżjonijiet dwar konsolidar ta' proċessi. Sar workshop għand il-MITA fejn is-CIO's interessati ddiskutew template li jista' jintuża bħala bażi għall-Intranet. Ġew identifikati numru ta' rekwiżiti komuni. Saru diskussjonijiet mal-MITA biex ġiet introdotta Manager Field fl-Active Directory. | Ġie ppreżentat rapport finali mill-MEU dwar rakkomandazzjonijiet. Bdiet tinġabar informazzjoni dwar proċess tal-Engineering Services offruti lill-imjegati tal-MGOZ. Saru laqħat mad-DCS bil-ħsieb li numru ta' proċeduri jittellgħu fuq ix-Sharepoint. Saru diskussjonijiet mal-MITA dwar it-tnedija tax-Sharepoint Platform ċentrali ġdida. Tnieda test environment tax-Sharepoint Platform ċentrali. Bdiet l-implimentazzjoni tal-proċeduri interni tal-uffiċċju tas-CIO fuq it-test platform. | Saru laqgħat mad-DCS biex jiġu identifikati proċeduri li se jkunu riveduti u jittellgħu fuq ix-Sharepoint. Bdew diskussjonijiet mal-Procurement Section (DCS) biex il-proċeduri tal-procurement jittellgħu fuq ix-Sharepoint. Tkompliet l-implimentazzjoni tal-proċeduri interni tal-uffiċċju tas-CIO fuq il-platform. | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR SA MARZU | KWART 2<br>APRIL SA ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Simplifikazzjoni tal-proċess tal-ħlas tal-kontijiet tat-telefonija tal-Ministeru | Inbeda l-ġbir ta' informazzjoni dwar kuntratti eżistenti. Inġabret informazzjoni relatata mal-kontijiet kollha tad-data connections tal-Ministeru. Wara diskussjonijiet mal-GO, inbeda l-proċess biex jiġu riveduti, imraħħsa u kkonsolidati l-kontijiet kollha tad-data connections tal-Ministeru. | Inġabret l-informazzjoni kollha relatata mal-kuntratti, it-tip ta' servizz u dokumenti oħra inkluż kontijiet kollha tal-mobile phones tal-Ministeru.<br>Saru diskussjonijiet mal-fornitur eżistenti u ieħor kompetitur dwar ftehim ġdid tas-servizz tal-mobile phones għall-uffiċjali tal-Ministeru bil-ħsieb li jkun faċilitat ir-rimbors tal-ispejjeż.<br>Saru diversi laqgħat interni biex jiġu eżaminati l-proposti taż-żewġ fornituri.<br>Saru diversi komunikazzjonijiet mal-fornituri biex jiġu ċċarati xi sitwazzjonijiet u klawsoli.<br>Ġew konsolidati l-kontijiet kollha. | Inġabret l-informazzjoni kollha u ġiet ikkonsolidata. | | | Implimentata |

MINISTERU GĦAD-DJALOGU SOĊJALI,
AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR U DRITTIJIET ĊIVILI

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR SA MARZU | KWART 2<br>APRIL SA ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Simplifikazzjoni mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza tal-proċess ta' log-in fid-Directory of Professional Women. | Iddaħħlet il-possibilità li persuna tagħmel log-in b'forom oħra ta' log-in apparti l-e-id. | Din il-miżura bdiet titħaddem f'dan il-kwart tas-sena. | | | Il-Pubbliku | Implimentata |
| Reviżjoni/Simplifikazzjoni ta' regolamenti dwar is-sigurtà fil-kostruzzjoni mill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA). | Saru diskussjonijiet u konsultazzjonijiet interni rigward ir-regolamenti dwar is-sigurtà fil-kostruzzjoni. | Intalab parir informali mill-Kummissjoni Ewropea dwar dawn ir-regolamenti. | Wara li saru d-diskussjonijiet neċessarji, tlesta l-ewwel abbozz tal-emendi għal dawn ir-regolamenti. | L-emendi kienu diskussi mill-Bord tal-OHSA. Ġie organizzat seminar fuq is-suġġett għall-kuntratturi u l-klijenti, qabel l-abbozz tar-regolamenti jkun ippreżentat għall-kunsiderazzjoni tal-Ministeru. | Kuntratturi, l-impjegati tagħhom u kull min jikkummissjona xogħol ta' kostruzzjoni (developers u klijenti). | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Reviżjoni/Simplifikazzjoni ta' regolamenti dwar it-tagħmir u installazzjoni fuq il-post tax-xogħol mill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. | | Ix-xogħol fuq din il-miżura beda f'dan il-perjodu permezz ta' eżerċizzju ta' riċerka dwar avvanzi teknoloġiċi rigward makkinarju użat fuq ix-xogħol. | Tkompliet ir-riċerka u l-ġbir ta' informazzjoni ta' natura teknika dwar dan il-qasam. | Beda x-xogħol tat-tfassil tar-regolamenti dwar it-tagħmir u installazzjoni fuq il-post tax-xogħol. Il-proposti finali ġew preżentati lill-Ministeru. | Kull min iħaddem u l-impjegati taghhom. | Implimentata |
| Armonizzazzjoni tal-adattament tal-liġijiet dwar ordnijiet biex jirregolaw il-pagi mid-Dipartiment għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. | Twettqet valutazzjoni tal-impatt ekonomiku dwar il-proposti inklużi fl-abbozz tal-Avviż Legali dwar l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet inklużi fl-ordnijiet biex jirregolaw il-pagi u tressaq kif meħtieġ lill-awtoritajiet biex jingħata rispons. | L-impatt ekonomiku kif ukoll l-abbozz tal-Avviż Legali tlestew biex jitressqu għad-diskussjoni quddiem il-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impjiegi. | Kompliet il-ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura. | Kompliet il-ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jibda jiġi amministrat it-tehied tal-ġurament fid-Dipartiment għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, fejn meħtieġ, lill-klijenti meta jkun hemm każijiet ta' terminazzjoni tal-impjieg. | Il-miżura ġiet implimentata. | | | | | Implimentata |
| Awtorità dwar il-Mediċini. Introduzzjoni ta' linji gwida ġodda dwar farmakoviġilanza (sigurtà tal-mediċini) biex ikunu simplifikati r-rekwiżiti għall-industrija. | L-abbozz ta' dawn il-linji gwida tlesta u nħareġ għall-konsultazzjoni. Wara din il-konsultazzjoni, dawn il-linji gwida ddaħħlu fis-seħħ. | | | | | Implimentata |
| Introduzzjoni ta' linji gwida biex ikunu spjegati l-miżati tal-Awtorità dwar il-Mediċini. | L-abbozz ta' dawn il-linji gwida tlesta u tqassam għal konsultazzjoni interna. Wara din il-konsultazzjoni, dawn il-linji gwida ddaħħlu mill-ewwel fis-seħħ. | | | | | Implimentata |
| L-Awtorità dwar il-Mediċini: Simplifikazzjoni tal-mod kif jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet billi jkunu aċċettati applikazzjonijiet għall-proċeduri ċentralizzati u materjal marbut mal-postliċenzjar mir-repożitorju komuni tal-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini. | Ix-xogħol marbut ma' din il-miżura twettaq kollu f'dan il-perjodu. Il-miżura ġiet implimentata. | | | | | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Awtorità Dwar il-Mediċini: Sostenn u appoġġ lis-CPSU (Central Procurement and Supplies Unit) biex tibda tirreġistra b'mod dirett il-prodotti mediċinali u b'hekk ikunu simplifikati l-proċeduri u tonqos il-lista ta' mediċini li mhumiex disponibbli. | Sar stħarriġ għall-ħaddiema tas-CPSU. Ġie identifikat uffiċjal biex iservi ta' pont bejn iż-żewġ entitajiet. Sar stħarriġ fuq parallel importation għall-proċeduri ċentralizzati. Bl-għajnuna tal-Awtorità Dwar il-Mediċini tlesta x-xogħol b'lura li kellha s-CPSU. | L-impjegati tas-CPSU ngħataw taħriġ. B'hekk il-ħidma marbuta ma' din il-miżura setgħet titqies bħala finalizzata. | | | | Implimentata |
| L-Awtorità dwar il-Mediċini: Simplifikazzjoni tal-metodi biex ikunu assistiti l-partijiet interessati biex jakkwistaw il-mediċini bl-irħas prezz possibbli, u kollaborazzjoni mal-MCCAA biex il-pubbliku jkun infurmat dwar x'mediċini bl-irħas prezz huma disponibbli. | Twaqqfet il-Medicines Intelligence Unit u sar xogħol biex tinbena l-kapaċità tal-Unit. It-termini ta' referenza ġew konklużi u l-proċess inbeda. Saret ukoll laqgħa mal-MCCAA. | Raħsu numru ta' mediċini oħra. Saret laqgħa mal-MCCAA u mal-Management Efficiency Unit fejn ġew miftiehma l-prinċipji tal-ogħla livell biex titmexxa s-sistema. Ġie deċiż li jitwaqqaf freephone għall-benefiċċju tal konsumatur. | Saru diskussjonijiet mal-MCCAA u msieħba oħra sabiex il-konsumaturi jixtru l-mediċini bl-irħas prezz possibbli. Il-konsumaturi kienu notifikati b'mediċini li roħsu u ġiet ukoll preżentata lista ta' eżempji ta' mediċini awtorizzati f'dawn l-aħħar sentejn bil-prezzijiet tagħhom u kif dan jista' jvarja meta jiġi mqabbel mal-istess ingredjent attiv u d-doża. | | | Implimentata |
| Reviżjoni tas-sistema ta' invoicing tal-Awtorità dwar il-Mediċini permezz tal-introduzzjoni ta' għodda tal-IT aktar avvanzata. | Saru laqgħat mal-fornitur u ġie identifikat l-aħjar mod kif din l-inizjattiva tista' tiġi implimentata. | Tlesta l-proċess li permezz tiegħu kienet ser tinxtara l-għodda tal-IT. Bdew jinħarġu invoices għas-sena kollha minflok waħda fix-xahar, biex b'hekk tnaqqset il-burokrazija. | Is-sistema ġiet installata. L-invoices komplew jinħarġu bis-sistema simplifikata. Il-miżura ġiet implimentata. | | | Implimentata |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jiġu introdotti eforms għall-applikazzjonijiet li jikkonċernaw sessjonijiet ta' taħriġ mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat. | | Din il-miżura nbdiet u kienet finalizzata f'dan il-kwart. | | | | Implimentata |
| Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat: Simplifikazzjoni ta' aid programs użati mill-NGOs. | Saru diskussjonijiet ma' diversi stakeholders sabiex ikunu identifikati s-servizzi diversi li huma offruti lill-NGOs. | Identifikati l-għajnuniet u l-fondi indirizzati għall-NGOs li ġew miġbura kollha fis-sit elettroniku tal-Kunsill. Beda jitħejja wkoll dokument li jindirizza l-amalgamazzjoni tal-proċeduri bejn il-Gvern u l-NGOs. | Il-ħidma fuq il-miżura tkompliet. | Tlesta l-ewwel abbozz ta' opportunitajiet ta' fondi għal VOs biex jinġabru f'paġna fis-sit elettroniku tal-Kunsill. Fil-fatt, il-paġna dwar Funding Opportunities tpoġġiet onlajn. Din il-paġna qed tiġi aġġornata regolarment. | | Implimentata |
| Id-Direttorat Strategy Support fl-MSDC: Ladarba s-sit tal-FOI jinfetaħ biex iżjed nies ikunu jistgħu jissottomettu talbiet onlajn, se jkunu qed jitħaffu proċeduri, kemm għall-pubbliku kif ukoll għall-uffiċjali FOI. Dan minħabba li t-talbiet se jibdew jaslu direttament għand l-uffiċjali responsabbli permezz tas-sistema preżenti, minflok ma jimtlew manwalment. | Wara li saru l-preparamenti meħtieġa, il-kuntrattur ingħata struzzjonijiet sabiex jinbeda x-xogħol skont l-istima provduta. | Sar l-ittestjar neċessarju fuq is-sistema l-ġdida, u l-problemi tekniċi li tfaċċaw kienu diskussi mal-kuntrattur. | Ingħataw l-istruzzjonijiet uffiċjali lill-MITA sabiex il-proċeduri l-ġodda jittellgħu live. | Il-formoli l-ġodda bdew ikunu disponibbli għal utenti mhux reġistrati bl-e-ID, sa minn Ottubru 2015. | Lil kull min jippreferi jagħmel talba bl-FOI b'mezzi onlajn iżda m'għandux e-ID. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Id-Direttorat Strategy Support fl-MSDC: Tiġi riveduta l-proċedura kurrenti biex jingħata aċċess b'mod aktar effiċjenti għall-kisba ta' regolamenti u liġijiet imressqa għall-konsultazzjoni mal-pubbliku. | | Inbeda x-xogħol għat-twettiq ta' din il-miżura biex b'hekk il-pubbliku jkun jista' jikseb l-informazzjoni dwar regolamenti u liġijiet permezz ta' konsultazzjoni.gov.mt (socialdialogue.gov.mt) .<br><br>Il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata |

# MIŻURI OĦRA LI WASSLU GĦAL SIMPLIFIKAZZJONI

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jiġu aġġornati s-sistemi tat-telefown u telekomunikazzjoni oħra li hemm fis-sezzjonijiet tal-Customer Care u dik tal-Infurzar tad-Dipartiment għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali għal relazzjonijiet aħjar mal-klijenti tad-Dipartiment. | It-titjib fis-sistemi msemmija twettaq kollu fl-ewwel kwart tas-sena.  Il-miżura ġiet implimentata. | | | | | Implimentata |
| Id-Direttorat Strategy Support fl-MSDC: Koordinament tal-proposta għat-tnaqqis fin-numru ta' uffiċjali FOI (Freedom of Information Officers) fil-Ministeri u d-Dipartimenti tal-Gvern. Dan għandu jgħin biex ikun hemm tnaqqis fl-aġġornamenti ta' listi internament, u biex il-proċess FOI jkun iżjed streamlined u eħfef għall-pubbliku. | Din il-miżura nbdiet u kienet finalizzata f'dan il-perjodu tas-sena. In-numru ta' FOI Officers niżel b'numru raġonevoli. | | | | Lil diversi entitajiet u Dipartimenti fi ħdan il-Gvern u lill-ħaddiema fit-Taqsima FOI. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Id-Direttorat Strategy Support fl-MSDC: Twettiq tad-deċiżjoni biex it-taqsima ristretta għad-Data Protection Officers fuq l-Intranet (li fiha tiġbor informazzjoni ġenerali fuq l-implimentazzjoni tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data) tinfetaħ għal kull min għandu aċċess għall-Intranet.<br><br>B'hekk tagħrif ta' natura ġenerika f'dan il-qasam ikun aċċessibbli faċilment għall-uffiċjali pubbliċi kollha. B'dan il-proċess se jitnaqqas ukoll ħafna xogħol burokratiku intern. | Stennija għall-iżviluppi fil-proġett tal-Intranet. Id-Data Protection Unit baqa' jtella' dokumentazzjoni fis-sit ġenerali minflok fil-parti ristretta skont kif ikun meħtieġ. | Il-miżura ġiet implimentata u d-dokumentazzjoni tinsab kollha fuq it-taqsima ġenerali tad-Data Protection. | | | Lil kull uffiċjal li għandu aċċess għall-Intranet. | Implimentata |
| Id-Direttorat Strategy Support fl-MSDC: Il-ġbir ta' dettalji li jsir fit-Taqsima għall-Protezzjoni tad-Data jsir b'formola waħda minflok bi tnejn biex jitħaffef il-proċess u biex jitneħħew listi li sal-lum kienu duplikati u mhux neċessarji. | Qed tinżamm lista waħda bid-dettalji kollha, minflok żewġ listi differenti. Il-miżura ġiet implimentata. | | | | Lill-uffiċjali fit-Taqsima għall-Protezzjoni tad-Data f'kull Ministeru. | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA,
INVESTIMENT U INTRAPRIŻI ŻGĦAR

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Ħidma biex il-formularju kollu biex wieħed jibda negozju jsir kollu fuq formola waħda. | Saret koordinazzjoni mal-Malta Enterprise biex jiġu stabbiliti l-proċessi li hemm bżonn jiġu ridotti, sostitwiti, amalgamati jew aboliti. Flimkien ma' numru ta' entitajiet, dipartimenti governattivi, u l-MITA, il-Malta Enterprise ddiskutiet l-applikazzjoni li għandha tintegra l-esiġenzi tal-entitajiet konċernati fejn għandu x'jaqsam it-twaqqif ta' negozju ġdid. Wara l-konsultazzjoni u r-rispons provdut, saru xi aġġustamenti fil-proċess u fl-e-forms. Intant il-MITA bdiet ix-xogħol fuq l-iżvilupp tal-e-forms. | Filwaqt li tkompla x-xogħol fuq it-termini ta' referenza lill-MITA dwar ix-xogħol li jrid isir fuq l-e-forms, saret ukoll konsultazzjoni mal-ETC, id-Dipartiment tal-VAT u d-Dipartiment tal-Kummerċ dwar ftehim formali li għandu jirrifletti l-proċess revedut bl-użu tal-e-form. | Il-partijiet ikkonċernati laħqu ftehim fir-rigward tat-termini ta' referenza li jkopri l-iżvilupp tal-applikazzjoni. Tlestiet ukoll l-ewwel verżjoni tal-applikazzjoni u bdiet tiġi ttestjata mill-entitajiet ikkonċernati. Intant il-MITA ħadmet fuq ir-rispons li rċeviet mingħand l-istakeholders dwar l-użu tal-formularju bil-għan li jilqa' l-esiġenzi ta' kull entità konċernata. | Dan il-proċess wasal fil-fażijiet finali tiegħu bid-Dipartiment tal-Kummerċ jilħaq ftehim mal-MITA dwar kif l-attività mistennija li tiġi inkorporata f'dan il-formularju. Ġie konkluż il-ftehim ma' kull entità u mistenni jiġi ffirmat minn dawk kollha kkonċernati fiż-żmien li ġej. | Negozji ġodda li jridu joperaw minn Malta jew Għawdex. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jitnaqqas l-ammont ta' spejjeż amministrattivi relatati mat-twaqqif ta' negozju ġdid f'Malta li m'għandux ikun aktar minn €100. | Twaqqaf kumitat magħmul minn rappreżentanti f'isem l-entitajiet involuti fil-proċess tal- ftuħ ta' negozju ġdid biex jiddiskuti s-simplifikazzjoni ta' dan l-istess proċess u t-tnaqqis tal-ispiża li wieħed jeħel biex jistabbilixxi negozju. Fost dawn hemm l-MFIN, id-Dipartiment tal-Kummerċ, Business First u Uffiċjali mid-Direttorat għall-Intrapriżi u Skemi. | Saru laqgħat mal-entitajiet u ġie stabbilit li l-ispiża inizjali tar-reġistrazzjoni għandha titnaqqas kif imniżżel fl-avviż legali numru 354 tal-2008. Sar pjan ta' azzjoni kif ukoll termini ta' referenza. Intant saru aktar laqgħat ma' partijiet ikkonċernati biex jiġu identifikati l-proċessi eżistenti u kif wieħed jista' jissimplifikahom/ jiffaċilitahom, kif ukoll jitnaqqas iż-żmien biex wieħed ikun jista' jiftaħ negozju, proċess li bħalissa jinvolvi 3 dipartimenti u entità. L-MFIN u l-MFSA ddiskutew ukoll il-possibilità li titnaqqas l-ispiża biex wieħed jiftaħ negozju. | Saru diskussjonijiet mal-Management Efficiency Unit (MEU) fir-rigward tat-tnaqqis taż-żmien biex wieħed iwaqqaf u jibda jopera negozju ġdid fi żmien tlett ijiem. Bdew jintlaqgħu xi rakkomandazzjonijiet dwar dan. Wara li MFIN għamlu studju fuq l-impatt fit-tibdil tar-registration fee, ġie maqbul li din titnaqqas għal €100 mill-MFSA, u għalhekk kienet ippreparata Memo għall-Kabinett lill-Ministru tal-Finanzi. It-tnaqqis għal €100 ġie deċiż. | Fit-tħabbir tal-baġit għas-sena 2016, il-Ministru tal-Finanzi ħabbar uffiċjalment li l-ispiża biex wieħed jiftaħ negozju ser tonqos minn €210 għal €100. Ġie ppreparat dokument b'suġġerimenti sabiex jiġu implimentati u tintlaħaq il-mira tat-tlett ijiem biex wieħed jirreġistra negozju. F'dan ir-rigward, l-entitajiet konċernati jridu jaqblu li jintegraw is-servizzi tagħhom u b'hekk l-informazzjoni tintalab lill-imprenditur darba biss. Hu mistenni li jintlaħaq ftehim fil-ġimgħat li ġejjin. | Negozji ġodda li jridu joperaw minn Malta jew Għawdex. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

MINISTERU GĦALL-FINANZI

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni (IRD) jagħti informazzjoni lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS), biex b'hekk ma jkunx hemm bżonn li persuni jimlew il-formoli għall-benefiċċji. | | Sar ftehim fuq l-informazzjoni meħtieġa bejn l-IRD u d-DSS. | Ġiet mogħtija informazzjoni biex jiġi ttestjat il-proċess u jsiru t-tibdiliet meħtieġa. | Il-proċess tal-għoti tal-informazzjoni lid-DSS tlesta; b'hekk il-benefiċċji joħorġu mingħajr il-bżonn li jiġu mimlija l-claim forms. | 66,000 | Implimentata |
| Il-proċess tar-reġistrazzjoni ser jiġi kkonsolidat biex persuna tkun tista' tapplika għal numru tal-VAT u n-numru tar-referenza ta' min iħaddem. | Bdew taħditiet mal-MEIB fuq din il-miżura. | L-MEIB beda l-ħidma tiegħu biex tinġabar l-informazzjoni kollha meta ssir l-applikazzjoni mal-MFSA. | Il-Kumitat ippreżenta r-rakkomandazzjonijiet lill-MEIB Programming Unit. Saret laqgħa mal-MFIN biex ikun hemm preżenti l-partijiet kollha biex jiġi diskuss il-pjan ta' implimentazzjoni. Saret ukoll laqgħa mal-Malta Enterprise, ETC, Commerce Department, VAT u Taxxa biex jiġi streamlined il-proċess tar-reġistrazzjoni. Diġà nħolqot e-form għal dan il-għan. | Saru laqgħat mal-MFIN u l-MEIB u ser tiġi implimentata e-form biex taqdi l-ħtiġijiet tal-VAT u l-IRD biex joħorġu n-numri tar-reġistrazzjoni fi żmien ġurnata. | In-numru ta' persuni li jirreġistraw għan-numru tal-VAT huwa madwar 6,000, filwaqt li dak ta' min iħaddem huwa madwar 2,500. | Implimentata |
| Ser jitnaqqas iż-żmien għar-reġistrazzjoni tan-numru tal-VAT. | Beda x-xogħol għat-twettiq ta' din il-miżura biex iż-żmien għar-reġistrazzjoni tan-numru tal-VAT jitnaqqas. | It-taħditiet imsemmija fil-miżura preċedenti jinkludu wkoll xogħol fuq dan il-proċess. | Kompliet il-ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura. | Iż-żmien tnaqqas għal ġurnata. | Kull min japplika għan-numru tal-VAT (madwar 6,000 applikazzjoni fis-sena) | Implimentata |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jiġi kkonsolidat il-proċess tal-VAT fejn jintuża numru ta' reġistrazzjoni wieħed rigward reġistru A u reġistru Ċ. Ir-reġistru A jikkonċerna lil min jireġistra taħt Artiklu 10, jiġifieri persuna taxxabbli li għandha obbligu li tiġbor il-VAT fuq il-bejgħ u tista' titlob rifużjoni fuq ix-xiri, filwaqt li r-reġistru Ċ jikkonċerna lil min jirreġistra taħt Artiklu 12, jiġifieri persuna taxxabbli li mhix irreġistrata taħt l-Artiklu 10 jew persuna legali mhux taxxabbli li tkun ser tagħmel akkwist Intrakomunitarju jew tixtri servizzi minn barra. | Inbeda x-xogħol u ġie maqbul tibdil li hemm bżonn fis-sistemi tal-IT. | Beda x-xoghol tal-IT. | Baqa' għaddej ix-xogħol fuq l-IT. | Implimentata | Madwar 1,300 taxpayer | Implimentata |
| Tintuża l-informazzjoni tal-IRD u tal-ETC biex jitnaqqas il-piż minn fuq persuni li jirreġistraw għall-VAT li jaqilgħu inqas minn €7,000. | Beda x-xogħol ta' analiżi. | Ir-reġistrazzjoni għalqet fl-aħħar ta' Ġunju. | Intalbet informazzjoni mingħand l-ETC biex jitkompla l-eżerċizzju ta' analiżi. Ġiet evalwata l-informazzjoni mogħtija. | L-informazzjoni nġabret u qed jitħejjew ittri ta' notifika biex it-taxpayers jintalbu jirreġistraw. | Madwar 6,137 individwu | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Tiġi kkonsolidata l-VAT Return kif ukoll l-informazzjoni li tinsab fir-rendikont tal-qligħ u t-telf (IRD), biex din tintuża fil-VAT Return. B'hekk wieħed ikun jista' gradwalment ineħħi l-ħtieġa li tintbagħat ir-Return għal kulħadd (anke għal dawk li jaqilgħu iżjed minn €7,000). | Il-formola tar-rendikont tal-qligħ u t-telf (IRD) ser tinbidel biex isservi wkoll għall-ġbir tal-informazzjoni tal-formola tal-VAT. B'hekk applikanti jkunu mitluba jimlew formola waħda minflok tnejn. | Bdiet tiġi ffinalizzata paper biex jibdew taħditiet mal-istakeholders. | Il-proposta għaddiet lill-MFIN u ġew approvati d-diskussjonijiet mal-istakeholders. Dawn it-taħditiet mal-istakeholders bdew f'Settembru. Saret l-ewwel laqgħa mal-MIA. | Ix-xogħol għat-twettiq ta' din l-inizjattiva għadu għaddej flimkien ma' żviluppi oħra fis-sistema tal-IT biex tippermetti ħlasijiet onlajn. | Madwar 11,700 taxpayer (fl-2016) | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Ninkoraġġixxu aktar persuni biex jagħmlu użu mill-possibilità li jissottomettu l-VAT Return permezz tas-sistema online. | Sar xogħol fuq linji gwida u formoli li kienu ppubblikati f'Marzu għat-tax practitioners. Il-Portal Komuni tlesta. | Bdew taħditiet mal-istakeholders biex jintuża dan il-portal. L-istakeholders talbu enhancements fuq is-sistema online u dawn qegħdin isiru. | Kompla x-xogħol ta' testing u enhancements tas-sistemi. L-Avviż Legali kif ukoll il-linji gwida qed jiġu ffinalizzati. | Il-linji gwida tlestew u dawn ser jiġu ppubblikati flimkien mal-Avviż Legali f'Jannar 2016. | L-ewwel fażi tinkludi 477 tax practioner reġistrati. | Implimentata |
| Il-formola ta' korrezzjoni bejn l-IRD u l-VAT ser tiġi kkonsolidata biex b'hekk il-kontribwenti (taxpayers) ikollhom proċess simili kif ukoll ikunu jistgħu jibagħtu dawn il-formoli online flimkien mal-pagamenti. | Bdew it-taħditiet mal-VAT fuq dawn il-proċessi. | Beda x-xogħol fuq il-proċessi fil-VAT u l-IRD. | Qed isir mapping tal-proċessi tal-VAT u l-IRD. Dan wasal biex jintemm u jiġi ppreżentat. | Tlesta l-mapping tal-proċessi tal-VAT u l-IRD. Il-proċessi għad iridu jiġu integrati biex tkun tista' tiġi implimentata din il-miżura. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Nikkonsolidaw it-Tax Accounting System biex jiġu integrati t-tipi differenti ta' pagamenti tat-taxxa. | Saret laqgħa interna dwar dan l-eżerċizzju. | Beda x-xogħol fuq it-Tax Accounting System. | Saret laqgħa interna dwar dan l-eżerċizzju fejn ġew ikkunsidrati t-tipi ta' pagamenti tal-VAT, Taxxa u Capital Transfer Duty (CTD). Ġie identifikat il-bżonn ta' studju qabel jibdew jiġu trasferiti pagamenti b'mod awtomatiku. | Ġew implimentati proċeduri u proċessi biex isiru set-offs u jkunu kkonsolidati l-proċessi tal-ġbir. | Persuni taxxabbli. | Implimentata |
| Sistema ta' cash flow management biex tiffaċilita set-offs ta' tipi ta' taxxa. | Bdew diskussjonijiet interni rigward din il-miżura. | Beda x-xogħol fuq is-sistema tal-IT fuq din il-miżura. | Ix-xogħol tal-IT tlesta u qiegħed fil-fazi ta' testing. Is-sistema ġiet aġġornata biex b'mod awtomatiku tkun tista' tivverifika jekk intbagħtux formoli tal-VAT. | Ġie implimentat il-proċess fejn qed tintlaqa' t-talba ta' taxpayers għal set-offs bejn taxxa u VAT, u b'hekk il-proċess tħaffef. | Persuni taxxabli. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Iċ-ċikli tal-pagamenti tal-FSS għall-intrapriżi ż-żgħar (SME's) ser jiġu mnaqqsa minn 12 għal 4. | Analiżi tal-informazzjoni u twettiq ta' business model. | Qed tiġi finalizzata paper biex jibdew taħditiet mal-istakeholders. | L-MFIN approva proposta biex isiru taħditiet mal-istakeholders li bdew f'Settembru. Saret l-ewwel laqgħa mal-MIA fejn saru proposti alternattivi. | Din l-inizjattiva tiddependi minn ftehim li jrid jintlaħaq mal-banek biex jitħaffef il-ħlas online ta' pagamenti. Dawn it- taħditiet qed isiru f'kuntest ta' inizjattiva bejn il-Ministeru għall-Finanzi u l-Bank Ċentrali. | Madwar 9,000 sid ta' negozju | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Il-proċeduri kollha tal-ġbir tat-taxxa ser jiġu kkonsolidati. | Bdew id-diskussjonijiet fuq din il-miżura. | Beda x-xogħol fuq il-konsolidazzjoni tal-formoli bejn il-VAT u l-IRD. | Is-sistema tal-VAT qed tiċċekkja b'mod awtomatiku mas-sistema tat-Taxxa jekk hemmx formoli mhux mibgħuta. Saru trasferimenti ta' rifużjonijiet bejn il-VAT u t-Taxxa u bejn is-CTD u t-Taxxa, b'mod manwali. | Is-sistemi tat-Taxxa u tal-VAT ġew sinkronizzati biex jiċċekkjaw awtomatikament jekk daħlux il-formoli qabel toħroġ rifużjoni. Ġie implimentat proċess biex jiġu ċċekkjati l-bilanċi dovuti kemm tal-VAT u tat-Taxxa qabel ma jinħarġu avviżi għall-ħlas. | Madwar 1,900 persuna li kellhom formoli mhux mibgħuta. | Implimentata |
| Issir reviżjoni u tiġi intensifikata l-analiżi li hemm bħalissa fuq in-non-filer concept biex b'hekk titnaqqas il-ħtieġa li wieħed jimla l-formola tat-taxxa iktar 'il quddiem. | Analiżi tal-informazzjoni u twettiq ta' business model. | Saret laqgħa biex jiġu mfassla t-termini u l-iskop tal-analiżi. | Sar Risk Assessment fuq rifużjonijiet u saret implimentazzjoni tal-ewwel fażi fejn intbagħtu madwar 150 formola b'mod antiċipat. | Sar bdil fil-proċess u ntalbu formoli tat-taxxa biex taxpayers ma jeħlux multi għax setgħu jikkunsidraw lilhom infushom Non-Filers. | 150 persuna | implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tiġi kkonsolidata l-valutazzjoni tar-riskju tar-rifużjoni kemm għall-IRD kif ukoll għal VAT. | Saret analiżi ta' dawk li ma bagħtux formoli tat-taxxa fuq id-dħul biex ir-rifużjoni tal-VAT ma toħroġx. | Bdiet l-implimentazzjoni ta' dan il-proċess. Saru wkoll laqgħat biex il-kontroll fuq rifużjonijiet tat-taxxa jsir aħjar. | Saret analiżi kif se jibdew jiġu ċċekkjati b'mod aħjar il-formoli tat-taxxa fejn qed tintalab rifużjoni. | Sar tibdil fil-proċess biex jitjieb l-iċċekkjar tal-formoli tat-taxxa. Inbidel il-proċess u tnaqqas iż-żmien biex tinħareġ rifużjoni tal-VAT. Ġie mtejjeb ukoll il-proċess biex taxpayers jirċievu r-rifużjoni mill-ewwel fil-kont tal-bank tagħhom. | Din il-miżura taffettwa madwar 500 persuna. | Implimentata |
| Sistema online ta' reġistrazzjoni tal-Property Transfer Forms (Inter-vivos) | Beda x-xoghol fuq l-iżvilupp tas-sistemi tal-IT. | Tlesta x-xogħol fuq ir-reġistrazzjoni ta' taxpayers barranin. Ix-xogħol ta' system testing tlesta u beda x-xogħol ta' user acceptance. | Baqa' għaddej ix-xogħol ta' ttestjar. F'Settembru l-Bank bagħat il-kuntratt tal-ħlas. Saru iktar laqgħat dwar il-proċess online tal-konvenju. Tkompla x-xogħol fuq il-formola tat-trasferiment. Il-formola tar-reġistrazzjoni tlestiet u qed jiġi ffinalizzat il-proċess. | Ġiet implimentata l-ewwel fażi fejn in-nutara ngħataw faċilitajiet biex jibagħtu formoli tar-reġistrazzjoni tal-barranin online u n-numru tar-reġistrazzjoni tat-taxxa jingħata mill-ewwel. Il-fażijiet l-oħra jiġu implimentati wara li jintlaħaq ftehim mal-banek biex jiġi mħaffef il-ħlas online ta' pagamenti. Dawn it-taħditiet qed isiru f'kuntest ta' inizjattiva bejn il-Ministeru għall-Finanzi u l-Bank Ċentrali. | In-nutara prattikanti kollha | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tnedija ta' laqgħat ta' konsultazzjoni regolari sabiex nifhmu aħjar il-ħtiġijiet ekonomiċi u kummerċjali tan-negozju bil-għan illi mmexxu dawn l-interessi 'l quddiem fil-fora Ewropej. | Saret preżentazzjoni u konsultazzjoni mal-Kamra tal-Kummerċ fuq in-negozji tat-Trade In Services Agreement.<br><br>Saret ukoll laqgħa ma' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw intrapriżi Maltin biex ikun hemm skambju ta' informazzjoni dwar l-iżviluppi li saru fuq politika kummerċjali tal-Unjoni Ewropea. Ġew diskussi d-WTO, in-negozjati tat-TTIP mal-Amerika, in-negozjati tal-FTA mal-Ġappun kif ukoll każijiet ta' anti-dumping. | Bdew sensiela ta' laqgħat ma' numru ta' negozji kummerċjali. Saret laqgħa mal-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew u mal-Malta Business Bureau biex jitwaqqaf working group fuq TTIP.<br><br>Ġew organizzati laqgħat ma' stakeholders li jinkludu ċ-Chamber, il-GRTU u d-Dipartiment tad-Dwana biex ninfurmawhom dwar żviluppi li saru matul dawn l-aħħar ftit ġimgħat fil-kamp tal-politika kummerċjali tal-UE u inkludejna informazzjoni fuq it-TTIP, EU-Ġappun, EU-Vietnam, it-TiSA u miżuri ta' anti-dumping. | Saru żewġ preżentazzjonijiet fi ħdan l-Enterprise Consultative Council dwar EU-US TTIP u l-EU Trade Policy Strategy. Saret preżentazzjoni waqt laqgħa organizzata mill-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew u l-Malta Business Bureau dwar EU-US TTIP. | Saret laqgħa ma' numru ta' negozji kummerċjali dwar investiment fil-kuntest tal-Free Trade and Investment Agreement mat-Tuneżija u konsultazzjoni fuq servizzi marittimi mal-Maritime Policy Unit (MEIB), Transport Malta u kumpaniji privati.<br><br>Saret ukoll preżentazzjoni fuq in-negozjati ta' ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u l-Ġappun ġewwa ċ-Chamber għall-Intrapriżi. Saret ukoll laqgħa mal-istakeholders (Chamber, GRTU u d-Dipartiment tad-Dwana) fejn ġew diskussi aspetti varji tan-negozjati ta' kummerċ ħieles. | Negozji | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| Insibu mezz ta' komunikazzjoni aktar effiċjenti li jiffaċilita tqassim ta' informazzjoni lil negozji u intrapriżi dirett fuq il-post tax-xogħol tagħhom. Din l-informazzjoni tista' twassal għal tkabbir kemm fil-qasam tal-informazzjoni kif ukoll f'dak tal-esportazzjoni. | Saru taħditiet ma' diversi entitajiet fosthom l-MTA, l-MHRA, il-Freeport, l-Airmalta, l-Enemalta, l-LGA u l-ST, fl-ambitu tal-Ispring Forecast. Kif kien mistenni, din il-miżura ġiet implimentata. | | | | 7 entitajiet | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jiġi aġġornat is-sit elettroniku tad-Dipartiment biex intrapriżi f'setturi speċifiċi jingħataw aċċess għal informazzjoni f'waqtha, permezz ta' sistemi aktar effiċjenti u sempliċi. | Id-Dipartiment qed ikompli jinforma lill-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw intrapriżi fuq dak kollu li huwa relatat ma' diskussjonijiet fuq kummerċ ħieles fil-livell tal-Unjoni Ewropea. | Il-websajt tad-Dipartiment ġiet aġġornata b'informazzjoni dwar kummerċ internazzjonali. | Saret preżentazzjoni lil Trade Malta dwar EU Market Access Database u dwar l-użu tagħha biex jiġu megħjuna l-esportaturi. | | Aċċess Pubbliku | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| Jiġi faċilitat il-proċess ta' konsultazzjoni permezz ta' użu aħjar tas-sit elettroniku tad-Dipartiment għall-Politika Ekonomika. B'hekk id-Dipartiment ikun jista' jpoġġi l-informazzjoni meħtieġa għall-iskrutinju tal-pubbliku b'mod aktar effiċjenti. Din il-faċilità ser tiġi segwita permezz tat-tnedija ta' numru ta' attivitajiet mill-MEUSAC biex waqt in-negozjati, ikun hemm lok għal parteċipazzjoni akbar ta' membri mis-soċjetà ċivili. | Qegħdin isiru taħditiet interni biex is-sit elettroniku jiġi mtejjeb. Numru ta' dokumenti ġew uploaded fuq is-sit elettroniku biex intejbu l-aċċessibilità tal-informazzjoni. Ġiet miżjuda u aġġornata informazzjoni dwar Bilateral (& Plurilateral) Trade Relations, Investment Guarantee Agreements, Trade Defence Instruments, kif ukoll inħolqu links u RSS Feeds għal siti elettroniċi ta' relevanza. | Is-sit elettroniku nżamm aġġornat kif meħtieġ. Is-sit elettroniku ġie aġġornat b'sejħa għall-applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Economics Analyst u għall-Istability Programme 2015-2018. | Ġie mtella' artiklu AR03/2015 bl-isem ta' 'Economic Growth and Debt Dynamics' fuq is-sit elettroniku.<br><br>Id-Dipartiment mexxa, taħt il-kappa tal-MEUSAC Core Group, aġġornament fuq żviluppi dwar it-TTIP, inkluż dwar aspetti soċjali u l-Investor State Dispute Settlement (ISDS). Din il-laqgħa indirizzat ukoll aspetti dwar il-politika kummerċjali tal-UE. | Ġie mtella' artiklu 04/2015 bl-isem ta' Assessing Movements in the Unemployment Rates of Malta u l-Economic Survey 2015 ġie mtella' fuq is-sit elettroniku. | Aċċess Pubbliku | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| Il-PCRB ser jingħata l-poter li jikkoreġi appelli meta dawn ikun fihom xi żball formali. Din l-emenda għandha tissarraf fi tnaqqis tal-perjodu tal-proċess tal-appell meta l-awtorità kontraenti tagħmel żball fl-ittra li fiha tħabbar min rebaħ u min tilef it-tender inkwistjoni. | Ġiet imnedija l-komunikazzjoni mal-partijiet kontraenti u ġie miftiehem li jitlesta l-abbozz tan-Notifikazzjoni Legali. | Tkompla x-xogħol fuq l-abbozz ta' Notifikazzjoni Legali u d-dokumenti annessi bil-ħsieb li jkunu finalizzati u mgħoddija lill-MFIN fil-tielet kwart tas-sena. | L-abbozz ta' Notifikazzjoni Legali u d-dokumenti neċessarji ġew mgħoddija lill-MFIN. | L-abbozz ta' liġi ġie approvat mill-Kabinett u mistenni jiġi inkluż fir-regoli ġodda tax-xiri pubbliku. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tiġi rranġata it-template li tikkonċerna s-sejħa għall-offerti biex l-għażla tas -selezzjoni (selection criteria) tibda tingħata b'mod aktar ċar u sempliċi. Din l-emenda ser tgħin biex il-proċess tal-għoti ta' kuntratti jsir f'anqas żmien. | Il-miżura ġiet implimentata. | | | | L-operaturi ekonomiċi kollha li huma interessati li jipparteċipaw fix-xiri pubbliku. | Implimentata |
| Id-dokumenti relatati mal-aspett finanzjarju u ekonomiku, li fis-sistema preżenti jiġu mitluba lill-operaturi ekonomiċi li jitfgħu offerti, jibdew jiġu provduti direttament mingħand l-awtoritajiet pubbliċi kompetenti. | Il-miżura ġiet implimentata. | | | | L-operaturi ekonomiċi kollha li huma interessati li jipparteċipaw fix-xiri pubbliku. | Implimentata |
| Is-sezzjoni fejn tintalab id-dokumentazzjoni (technical literature) ukoll se jkun permess li tiġi rettifikata. Din l-emenda ser tgħin biex il-proċess ta' għoti tal-kuntratt isir f'anqas żmien. | Il-miżura ġiet implimentata. | | | | L-operaturi ekonomiċi kollha li huma interessati li jipparteċipaw fix-xiri pubbliku. | Implimentata |
| Is-sottomissjonijiet tal-offerti se jiġu mitluba kollha b'VAT mhux inkluż. Għaldaqstant il-komponent tal-VAT se jkun direttament koordinat mad-Dipartiment tal-VAT. | Il-miżura ġiet implimentata. | | | | L-operaturi ekonomiċi kollha li huma interessati li jipparteċipaw fix- xiri pubbliku. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-garanzija ta' eżekuzzjoni (Performance Guarantee), kif ukoll il-garanzija ta' prefinanzjament (Pre-financing Guarantee) qed jiġu koordinati direttament mill-Awtoritajiet Kontraenti sabiex ikun hemm aktar kontroll fuq dawn il-garanziji u aktar organizzazzjoni ta' meta u kif iridu jiġu rilaxxati. | Il-miżura ġiet implimentata. | | | | L-operaturi ekonomiċi kollha li huma nteressati li jipparteċipaw fix-xiri pubbliku. | Implimentata |
| Il-perjodu ta' validità tal-offerti ser jiġi mnaqqas għal 90 ġurnata. Dan ser jgħin biex il-proċess ta' aġġudikazzjoni jsir f'iqsar żmien. | Il-miżura ġiet implimentata b'effett mill-1 ta' Frar 2016. | | | | L-operaturi ekonomiċi kollha li huma interessati li jipparteċipaw fix- xiri pubbliku. | Implimentata |
| Ser jiġu riveduti l-miżuri mniżżla fil-kuntratti pubbliċi relatati mal-Late Payment Directive biex b'hekk ikunu mħarsa aktar id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet involuti. | Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | L-operaturi ekonomiċi kollha li huma interessati li jipparteċipaw fix-xiri pubbliku. | Implimentata |
| Il-kriterju tal-għażla għall-aħjar offerta permezz tal-MEAT (Most Economically Advantageous Tender) qed jerġa' jiġi introdott flimkien ma' eżempju ċar ta' kif dan jista' jiġi applikat fil-proċess. Il-proċess tal-MEAT jistà jgħin biex wieħed jagħżel l-aħjar offerta għall-flus li għandu disponibbli. | Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | L-Awtoritajiet Kontraenti kollha | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tibdil fis-sistema ta' garanziji bankarji mitluba lil kuntratturi bħala garanzija għal xogħol tajjeb u fil-ħin. | Minn sessjoni informattiva organizzata mid-Dipartiment tal-Kuntratti ħareġ li hemm lok għal titjib fis-sistema ta' garanziji bankarji. | Beda x-xogħol fuq l-abbozz ta' Procurement Policy Note. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | L-operaturi ekonomiċi kollha li huma interessati li jipparteċipaw fix-xiri pubbliku. | Implimentata |
| Introduzzjoni ta' indirizz elettroniku (compliance.contracts@gov.mt) fejn l-operaturi ekonomiċi jistgħu jibagħtu domandi direttament lid-Dipartiment tal-Kuntratti u jqajmu każijiet relatati ma' konformità. | Bdiet topera l-Compliance Unit fi ħdan il-PDPI Directorate. Beda l-proċess biex jiġu stabbiliti l-proċeduri u sistemi neċessarji. | Tkompla x-xogħol neċessarju u beda jopera effettivament il-Compliance Unit. | Din il-miżura ġiet implimentata. | | L-operaturi ekonomiċi kollha li huma interessati li jipparteċipaw fix-xiri pubbliku. | Implimentata |
| Il-bidliet waqt l-istadju ta' evalwazzjoni ġew mgħoddija f'idejn l-Awtoritajiet Kontraenti biex jitħaffef il-proċess u tiġi simplifikata l-proċedura. Id-Dipartiment tal-Kuntratti xorta jibqa joħroġ l-approvazzjoni meħtieġa bil-għan li jinżamm il-livell ta' kontroll meħtieġ. | | Bdiet il-konsultazzjoni neċessarja mal-partijiet interessati. | Tħejja abbozz għal Procurement Policy Note ġdida. | Din il-miżura ġiet implimentata bil-ħrug tal-Policy Note f'Ottubru. | L-operaturi ekonomiċi kollha li huma interessati li jipparteċipaw fix-xiri pubbliku. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tingħata l-għażla li l-ħlas lura tal-kapital tal-Istocks tal-Gvern ta' Malta jiġi depożitat direttament fil-kont tal-bank fejn jitħallsu l-interessi kif nominat mill-investitur jew jibqa' jinħareġ permezz ta' ċekk kif inhu l-arranġament bħalissa. | Saret laqgħa mal-Borża ta' Malta biex jiġi evalwat il-proċess kollu qabel mal-membri tal-pubbliku u kumpaniji li għandhom investiment fi Stocks tal-Gvern ta' Malta jiġu infurmati u mitluba jagħżlu jekk iridux li jibdew jirċievu l-ħlas lura tal-kapital permezz ta' kreditu dirett fil-kont bankarju fejn jirċievu l-interessi, jew jibqgħu jirċievu ċekk. | Se tiġi introdotta klawsola f'applikazzjoni għall-istocks biex l-istockholders jagħżlu b'mod volontarju jekk iridux li jirċievu l-flus meta jimmatura l-istock fil-kont bankarju fejn jirċievu l-imgħax jew li jirċievu l-flus lura permezz ta' ċekk.<br><br>L-ittri marbuta ma' din l-inizjattiva kienu mibgħuta kollha sal-aħħar ta' Mejju. Din l-inizjattiva ġiet implimentata. | | | In-numru massimu ta' benefiċjarji li jistgħu jgawdu minn din l-inizjattiva jista' jammonta għal madwar 40,000 (account). In-numru eżatt tal-benefiċjarji jiddependi ħafna minn kemm se jagħżlu li jipparteċipaw f'din l-inizjattiva li se tiġi offruta b'mod volontarju. | Implimentata |
| Awtomatizzazzjoni tat-talba u pagamenti onlajn fir-rigward ta' penali relatati mal-formoli tal-Kontijiet u Prospetti Annwali fuq il-website tar-Reġistru tal-Kumpaniji. | Saru diskussjonijiet interni u ingħata bidu għax-xogħol fuq is-sistema. | Tkompla x-xogħol fuq is-sistema. | Tlestiet il-fażi tat-testing ta' din is-sistema. | Implimentata | Din il-faċilità tista' tintuża mill-kumpaniji reġistrati kollha. | Implimentata |

# MIŻURI OĦRA LI WASSLU GĦAL SIMPLIFIKAZZJONI

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jibdew jinħarġu noti (policy notes) kull meta jsir xi tibdil fit-templates tad-dokument tat-tender. B'hekk, uffiċjali involuti fil-proċess tal-għażla jkunu jistgħu jifhmu aħjar in-natura tal-emendi li jkunu saru u jiġi evitat il-bżonn li jkollhom jirrikorru għand id-Dipartiment tal-Kuntratti għal kjarifiki. Dawn in-noti ser jgħinu biex il-proċess tal-kuntratti jitwettaq b'mod aktar effiċjenti. | Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | L-Awtoritajiet kontraenti kollha | Implimentata |
| Id-Dipartiment tal-Kuntratti ser jadotta l-qafas tal-Common Assessment Framework, fil-proċeduri amministrattivi tiegħu biex permezz ta' din l-għodda jkun jista' joffri servizz aktar effiċjenti. | Saret l-ewwel sessjoni ta' taħriġ għas-Self-Assessment Team. | Tkomplew il-laqgħat għall-introduzzjoni tas-CAF. | Tkomplew il-laqgħat għall-introduzzjoni tas-CAF. | Il-laqgħat għal din is-sena lesti u tħejja rapport finali. | Il-ħaddiema kollha tad-Dipartiment tal-Kuntratti u l-istakeholders involuti. | Implimentata |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Bordijiet tal-Aġġudikazzjoni Dipartimentali jridu jiġu maħtura qabel id-data ta' meta tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti. Din il-miżura timmira biex tnaqqas iż-żmien tal-evalwazzjoni tas-sejħiet għall-offerti. | Tħejja rapport intern biex ikun evalwat l-impatt ta' din il-miżura u x'hemm meħtieġ biex l-implimentazzjoni tagħha tkun possibbli madwar iċ-Ċivil kollu. | Din il-miżura ġiet imwettqa bil-ħarġa ta' Procurement Policy Note ġdida. | | | L-operaturi ekonomiċi kollha li huma interessati li jipparteċipaw fix-xiri pubbliku. | Implimentata |
| Pubblikazzjoni ta' linji gwida fuq l-użu ta' Direct Orders biex, mingħajr ma titnaqqas il-kontabilità fil-proċess, jiġu indirizzati l-lakuni u jiġi simplifikat il-proċess. | Saret konsultazzjoni ma' diversi partijiet biex jiġu stabbiliti l-problemi li qed jiġu affaċċjati fuq dan is-suġġett. | Ġie diskuss l-abbozz ta' Procurement Policy Note u rivedut mal-Uffiċċju tad-Direct Orders fi ħdan l-MFIN. | Din il-miżura ġiet imwettqa bil-ħarġa ta' Procurement Policy Note ġdida. | | L-Awtoritajiet kontraenti kollha | Implimentata |
| Bidla fil-proċedura tal-approvazzjoni tas-safar biex jonqsu r-rikjesti rispettivi għall-approvazzjoni mis-Segretarji Permanenti. | Beda x-xogħol fuq din il-miżura. Ġiet imħejjija ċirkulari bi preparazzjoni għat-tieni kwart tas-sena. | Din il-miżura ġiet implimentata permezz ta' MFIN Circular No. 3/2015 li ġiet ippubblikata fit-8 ta' Ġunju 2015. Bil-proċedura l-ġdida dawk l-uffiċjali li jattendu laqgħat partikulari u speċifiċi tal-Kummissjoni jew tal-Kunsill Ewropew ser ikunu jistgħu jġibu l-approvazzjoni biex isiefru mingħand is-Segretarju Permanenti darba biss, bil-permess jibqa' validu għal-laqgħat sussegwenti. | | | Dawk l-uffiċjali li jattendu laqgħat partikulari u speċifiċi tal-Kummissjoni jew tal-Kunsill Ewropew. | Implimentata |

# MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA U S-SAĦĦA (ENERĠIJA)

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jitnaqqas iż-żmien minn meta ssir l-applikazzjoni sa meta jiġi installat il-meter tad-dawl u dak tal-ilma. Jiġi ssimplifikat ukoll il-proċess amministrattiv relatat ma' applikazzjonijiet, upgrading u trasferimenti ta' smart meters. | Saru diskussjonijiet bejn l-Enemalta u l-MEPA biex jintlaħaq qbil fuq kif tista' tiġi implimentata din il-miżura.. | L-Enemalta ħadmet biex il-perjodu minn meta ssir l-applikazzjoni sa meta tirċievi numru ta' notifikazzjoni mingħand l-ARMS jitnaqqas. Din wasslet biex kull fejn huwa teknikament possibbli li jingħata servizz, dan qed jingħata fl-inqas ħin possibbli. Għal dan il-għan, l-Enemalta waqqfet customer response team biex jitħaffef il-proċess u s-servizz jingħata iktar malajr. Dan wassal biex l-applikazzjonijiet pendenti naqsu b'madwar għoxrin fil-mija. L-Enemalta kellha diskussjonijiet ukoll mal-ARMS biex tissimplifika l-applikazzjonijiet, fosthom dawk ta' meters temporanji fejn ġie ssuġġerit li jkun hemm applikazzjoni waħda flok tliet applikazzjonijiet differenti kif kienet dak iż-żmien. Din l-applikazzjoni ssimplifikata ġiet maqbula bejn l-entitajiet konċernati u daħlet fis-seħħ. | | | Kull klijent li jkun irid japplika għas-servizz tad-dawl u l-ilma. In-numru medju ta' persuni li japplikaw għal servizz ġdid matul is-sena permezz tal-eforms huwa ta' 5,800 għad-dawl u 800 għall-ilma. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jiġi ssimplifikat il-proċess ta' konnessjoni tal-pannelli mas-sistema tal-grid. | Ġiet introdotta sistema ta' One Stop Shop fejn ir-REWS (dak iż-żmien l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi) bdiet tilqa' l-applikazzjonijiet tal-ARMS biex sistemi ta' PV's jitqabbdu mal-Grid.<br><br>Barra minn hekk, l-installazzjonijiet ta' pannelli fotovoltajċi fuq bini residenzjali jew domestiku li se jkunu mqabbda ma' Single Phase ma jkollhomx bżonn l-awtorizzazzjoni tal-Awtorità tal-MEPA mal-applikazzjoni tar-REWS. Għalkemm dan ma jeżonerax lill-applikant mill-obbligu li jimxi mal-proċeduri, leġiżlazzjoni u linji gwida tal-MEPA, dikjarazzjoni ta' perit tkun biżżejjed. | | | | Applikanti li jkunu jridu jqabbdu s-sistemi tal-PV's mal-grid. In-numru medju ta' applikanti permezz tal-eforms f' sena huwa ta' 250. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Aktar devoluzzjoni fit-twaħħil ta' bozoz fit-toroq, biex b'hekk jonqos l-inkonvenjent u l-pubbliku jingħata servizz b'mod aktar effiċjenti. | Saru laqgħat bejn rappreżentanti tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, Dipartimenti tal-Kuntratti, SEWCU l-Awtorità tal-Ġestjoni u l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti biex tinstab soluzzjoni għall-iffirmar tad-devolution agreement rigward il-bozoz fit-toroq kollha ta' Għawdex. Saret laqgħa bejn l-MEH, l-MJCL u Enemalta biex tinstab soluzzjoni komuni għall-partijiet ikkonċernati, inkluż il-Kumitat Reġjonali t'Għawdex (GRC). | Saru diversi negozjati bejn il-partijiet konċernati fuq il-kontenut tad-devolution agreement, biex b'hekk jintlaħaq qbil fuq l-ammont ta' flus li ser jiġu devoluti lill-GRC għall-manutenzjoni neċessarja kif ukoll biex jiġi miftiehem in-numru u t-tipi ta' bozoz li ser jibdew jaqgħu taħt ir-responabilità tal-istess GRC. | Id-dokument ġie iffinalizzat u ġie iċċirkolat għall-firem mis-firmatarji kkonċernati. Id-devolution agreement bejn l-Enemalta u l-Kumitat Reġjonali t'Għawdex ġie uffiċjalment iffirmat fl-1 ta' Settembru 2015. Permezz ta' dan l-iffirmar, il-bozoz tat-toroq f'Għawdex ġew formalment devoluti lill-Kumitat Reġjonali t'Għawdex. Permezz ta' din il-miżura, ser ikun hemm punt ta' referenza wieħed għal kull kwistjoni rigward il-bozoz fit-toroq t'Għawdex, u għalhekk iċ-ċittadin ser ikun jaf għand min għandu jmur kull meta tinqata' xi bozza. | | Mhux applikabbli | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tiġi introdotta sistema ta' indiċi mal-irċevuta mogħtija lill-klijenti tal-ARMS. Dan għandu jwassal sabiex tiżdied it-trasparenza kif ukoll l-effiċjenza. | Ġie deċiż li l-klijent tal-ARMS jibda jirċievi numru ta' notifikazzjoni b'email jew SMS biex ikun jista' jiċċekkja f'liema stadju waslet l-applikazzjoni tiegħu mal-Enemalta. | Ġie identifikat is-service provider li minn Ġunju beda jipprovdi s-servizz tan-notification number bl-SMS. Din il-miżura ġiet implimentata. | | | Kull klijent li jagħmel użu mis-servizzi tal-ARMS. | Implimentata |
| Id-Data Management System tal-ARMS għandha tiġi aġġornata. | Ġie deċiż li l-ARMS għandha tistaqsi lil kull klijent biex jagħmel double checking tad-data personali tiegħu bħal indirizz postali, numru tal-mobile u indirizz tal-email. | Il-proċess tal-aġġornar tal-informazzjoni baqa' għaddej. | Il-proċess tal-aġġornar tal-informazzjoni baqa' għaddej. Flimkien mal-Enemalta u l-Korporazzjoni tal-Ilma, l-ARMS irrevediet id-data tal-indirizzi kollha fid-database tagħha. Dan huwa proċess kontinwu. | Il-proċess tal-aġġornar tal-informazzjoni baqa' għaddej.<br><br>L-għan ta' dan l-eżerċizzju huwa li d-data tal-indirizzi tkun direttament marbuta mad-database tal-Maltapost, fejn dawn tal-aħħar għandhom sistema aġġornata li taħdem permezz ta' drop down menu, u b'hekk jitnaqqas għalkollox ir-riskju li l-indirizz jiddaħħal ħażin fid-database tal-ARMS. | Kull klijent li jagħmel użu mis-servizzi tal-ARMS. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-MEPA u l-Enemalta għandhom jikkonsultaw ma' xulxin fuq l-indirizzi qabel jingħata xi permess tal-kostruzzjoni. | Inbdiet il-ħidma flimkien mal-partijiet konċernati biex tiġi stabbilita proċedura ċentrali bejn iż-żewġ entitajiet li twassal għall-ħrug ta' indirizzi komuni. B'hekk jonqsu l-iżbalji fl-applikazzjonijiet rispettivi u l-klijenti jingħataw servizz aħjar. | Ġie deċiż li d-data tal-indirizzi tkun direttament marbuta mad-database tal-Maltapost, fejn dawn għandhom sistema aġġornata li taħdem permezz ta' drop down menu, u b'hekk jitnaqqas għalkollox ir-riskju li l-indirizz jiddaħħal ħażin fid-database tal-MEPA. | Kompliet il-ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura. | Kompliet il-ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| L-offerenti għandhom jiġu obbligati jelenkaw b'mod preċiż il-materjal kollu li ser jigi użat sabiex jirrendu servizz. | Ġiet diskussa l-possibilità li l-Enemalta tibda ddaħħal il-kunċett ta' blacklisting ma' dawk il-kuntratturi li ma jipprovdux l-istess materjal kif kienu stipulaw fit-tender. Din hija xi ħaġa li l-Enemalta bdiet tiddiskuti mad-Dipartiment tal-Kuntratti. Barra minn hekk, ġiet diskussa wkoll il-possibilità li t-tenders jerġgħu jibdew jintrebħu fuq il-kriterju ta' MEAT u jiġu mirbuħa wkoll fuq bażi ta' kwalità u mhux ta' prezz biss. | Bdew jiġu fformulati framework agreements għax-xogħlijiet tal-Enemalta li jirrigwardjaw trenching works, civil alteration works u maintenance works. | Kompliet il-ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura. | Ġew finalizzati il-framework agreements u mgħoddija lid-Dipartiment tal-Kuntratti. B'hekk, l-Enemalta mhux ser ikollha għalfejn toħroġ tender separat għal kull biċċa xogħol li jkollha u għalhekk jiġi simplifikat il-proċess amministrattiv tal-Enemalta. | Il-pubbliku | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | L-offerent għandu wkoll jiġi obbligat jissottometti dokumentazzjoni relevanti eżattament tal-materjal li qed joffri u fl-ispeċifikazzjoni jindika ħdejn kull punt eżatt fejn fid-dokumentazzjoni din qed tiġi offruta. | | | | | |
| Permessi rigward trinek għandhom ikunu taħt ir-responsabbiltà unika ta' Transport Malta. | Bdew id-diskussjonijiet biex jintlaħaq qbil fuq it-twettiq ta' din il-miżura. | Saru wkoll diskussjonijiet bejn l-Enemalta u Transport Malta rigward feedback li jkun mitlub mill-Enemalta fuq meta jkun ħa jsir xi xogħol fit-toroq. L-Enemalta ddiskutiet il-fatt li, għalkemm it-Transport Malta titlob dan il-feedback mill-entitajiet u ħafna drabi tesiġi risposta fi żmien 20 ġurnata, xi drabi din id-deadline tinqabeż u tingħata estensjoni fuq id-deadline impost. B'riżultat ta' dan, ikun hemm każijiet fejn il-permessi meħtieġa mingħand Transport Malta mhux dejjem jinħarġu fiż-żmien stipulat. | Intalbet l-assistenza tal-MEU fuq kif l-applikazzjoni tista' tiġi simplifikata. | Ġiet diskussa l-possibilità li f'applikazzjoni, l-Enemalta titlob biss ir-ritratti konċernati u mhux ukoll l-elevation, biex b'hekk jitnaqqas il-proċess burokratiku meta klijent jiġi biex japplika għal servizz. L-Enemalta ser tibda tħaddem din il-proċedura s-sena d-dieħla. | Il-pubbliku | Implimentata |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Għaldaqstant, waqt dawn in-negozjati l-Enemalta talbet lil Transport Malta biex id-deadline oriġinali li jiġi impost fuq l-entitajiet kollha konċernati biex dawn jipprovdu l-feedback neċessarju jinżamm u jiġi infurzat ħalli ma jkunx hemm ħela ta' żmien.<br><br>In-negozjati mal-Assoċjazzjoni. | | | | |
| Għandha tiġi ssimplifikata l-applikazzjoni għall-installazzjoni tal-meter tat-3 phase. | Bdew id-diskussjonijiet bejn il-partijiet konċernati biex jiġi maqbul pjan għat-twettiq ta' din il-miżura. | L-applikazzjonijiet, inkluż l-applikazzjoni tat-3 phase, bdew jiġu riveduti mill-ARMS u l-Enemalta biex jinstabu modi kif dawn jistgħu jiġu ssimplifikati. | Intalbet l-assistenza tal-MEU fuq kif l-applikazzjoni tista' tiġi simplifikata. | Ġiet diskussa l-possibilità li f'applikazzjoni, l-Enemalta titlob biss ir-ritratti konċernati u mhux ukoll l-elevation, biex b'hekk jitnaqqas il-proċess burokratiku meta klijent jiġi biex japplika għal servizz. L-Enemalta ser tibda tħaddem din il-proċedura s-sena d-dieħla. | Il-Pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jiġi simplifikat il-proċess biex wieħed japplika għall-grants tas-solar panels. | Dan il-proċess huwa rregolat minn sistemi ta' checks and balances li jsiru minn dawn l-entitajiet fosthom l-Awtorità ta' Ġestjoni, Awdituri, u t-Teżor. Ta' min isemmi wkoll li din it-tip ta' skema hija rregolata permezz ta' linji gwida u regolamenti maħruġa mill-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, dawn it-tip ta' skemi jiġu awditjati wkoll mill-UE. It-talbiet jiġu sottomessi lill-Awtorità ta' Ġestjoni u hija din li tapprova jew tiċħad it-talba. Huwa għalhekk li r-REWS bdiet l-evalwazzjoni tagħha ta' kif tissimplifika l-applikazzjoni waqt li fl-istess ħin tibqa' konformi mal-linji gwida tal-Unjoni Ewropea. | F'Ġunju ġiet imħabbra skema ġdida ta' grants għal min jinstalla PV fir-residenza tiegħu. Din ġiet approvata taħt ir-regoli tad-de-minimis, skema ta' FIT għal sistemi żgħar residenzjali. L-applikazzjonijiet bdew jintlaqgħu f'Lulju 2015. Ir-REWS ħarġet applikazzjoni waħda (Part A) iktar simplifikata u li tinkludi Formola ta' Notifikazzjon hekk kif mitlub mir-regolamenti SL433.22 u Formola ta' Appplikazzjoni tal-FIT hekk kif mitlub minn SL433.46 u de-minimis form. Għall-ewwel darba, ir-REWS laqgħet l-applikazzjonijiet tal-Enemalta minflok li klijent imur l-ARMS u minflok titħallas somma ta' €46.59 bil-quddiem, din bdiet titnaqqas mill-kont. | | | 7,000 | Implimentata |

# MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA U S-SAĦĦA (SAĦĦA)

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Noffru servizz ta' One Stop Shop billi nipprovdu servizz ħolistiku li jgħaqqad diversi servizzi inkluż (i) ir-reġistrazzjoni ta' pazjenti ġodda mal-ispiżerija tal-Iskema POYC fil-komunità, (ii) is-servizz fejn tiġi evalwata u approvata l-applikazzjoni tal-konsulent mediku u jinħareġ il-permess jew isir it-tiġdid tal-permess tad-Drug Control Card (iii) is-servizz fejn tiġi evalwata u approvata l-applikazzjoni tal-Konsulent Mediku, kif ukoll tinħareġ l-Iskeda V li tintitola lill-pazjenti ghal mediċini b'xejn kemm jekk tkun l-ewwel darba kif ukoll meta jkun jinħtieġ tiġdid tal-Iskeda V, u (iv) servizz li permezz tiegħu tinħareġ il-POYC Scheme Voucher Letter li tintitola lill-pazjenti għal mediċini b'xejn mill-ispiżerija fl-iskema tal-POYC. B'din il-miżura, u permezz tal-One Stop Shop, il-pazjenti jkunu jistgħu jinqdew minn servizz komplut fl-istess ġurnata minflok jistennew bejn 3 u 4 ġimgħat kif kien isir sal-lum. | Ġie dedikat sit apposta biex ikun jakkomoda lil dawn l-oqsma kollha flimkien. Is-servizz ġie estiż għal kuljum u twal ukoll il-ħin li fih jista' jinqeda l-pubbliku. Ġie mniedi wkoll servizz ta' ġbir ta' applikazzjonijiet mill-entitajiet l-oħra tas-saħħa sabiex jiġi aċċertat li d-dokumenti jaslu l-POYC fl-iqsar żmien. | | | | Madwar 6,000 benefiċjarju fix-xahar | Implimentata |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Introduzzjoni u tħaddim tal-iskema marbuta mal-ħruġ ta' vouchers ta' valur monetarju li jissarrfu mal-prodotti ta' mingħajr glutina mill-ħwienet u l-ispiżeriji reġistrati fl-iskema. Din l-iskema tissostitwixxi s-sistema ta' xiri ta' dawn il-prodotti mill-Gvern u t-tqassim tagħhom miċ-Ċentru tas-Saħħa f'Birkirkara. B'hekk tkun tista' tikber l-għażla tal-prodott u jkun hemm ukoll varjetà ta' ditti aktar wiesgħa għall-benefiċċju tal-pazjenti. Permezz ta' din is-sistema l-ġdida l-pazjenti jinqdew aħjar u jingħataw għażla akbar. | Inbdew il-preparamenti loġistiċi u l-ippjanar u żvilupp ta' sistema elettronika ġdida li taqbad mas-sistema eżistenti tal-informatika tal-POYC sabiex ikunu jistgħu jinħarġu l-vouchers b'mod regolari għall-pazjenti filwaqt li tinżamm il-kunfidenzjalità tal-pazjent kif mitlub mill-liġi. F'Jannar ġie iffirmat ukoll is-Service Level Agreement ma' 43 operatur ekonomiku li ser ikunu parti mill-iskema. Il-pazjenti ntbagħtitilhom ittra ta' notifika dwar l-andament tal-iskema. L-iskema bdiet fi Frar 2015. | | | | Madwar 1,190 pazjent fix-xahar | Implimentata |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tiġi żviluppata u introdotta l-aħħar fażi tal-programm tal-POYC database sabiex tkompli tittejjeb is-sistema tal-immaniġġjar tal-istokk fl-ispiżeriji li jagħmlu parti mill-iskema tal-POYC. L-għan ta' din il-miżura huwa li jiġi simplifikat l-operat li bħalissa qed isir mill-istaff tekniku tal-POYC u l-ispiżeriji tal-komunità filwaqt li tiżdied l-effiċjenza u l-kontabilità. | Beda jiġi żviluppat il-module biex jippermetti li l-ispiżeriji tal-POYC fil-komunità jkunu jistgħu jaraw il-livell tal-istokk tal-ispiżeriji tagħhom; (b) jiġi mħaffef il-proċess elettroniku li bih jiġi ordnat l-istokk mill-ispiżeriji; (c) jinħoloq proċess ta' awtorizzazzjoni awtomatiku fejn jiġi ċċekkjat u assigurat li l-istokk tal-Gvern qed jiġi ddispensat lill-pazjent skont l-intitolament tal-mediċini; (d) ikun hemm aktar kontabilità u responsabilità għas-servizzi mogħtija lill-pazjent u tiżdied ukoll is-serjetà fl-immaniġġjar tal-istokk tal-gvern mill-ispiżjara fis-settur privat. | Beda jitfassal l-iżvilupp elettroniku mill-kuntrattur. Bdew jiġu finalizzati l-ħtiġijiet kollha. | Komplew jiġu finalizzati l-ħtiġijiet kollha qabel ma jibda l-iżvilupp tal-module tal-IT. | Waqt it-testing irriżulta li hemm bżonn ta' aktar żvilupp. It-testing għadu għaddej. | Aktar minn 139,000 pazjent li bħalissa qed jibbenefikaw mis-servizz tal-iskema tal-POYC. / Aktar minn 500 spiżjar li qed joffru s-servizz tal-POYC. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Introduzzjoni ta' barcode fl-iskema fuq il-POYC Scheme Voucher Letter tal-pazjent. Permezz ta' din il-miżura ser jiġi introdott it-2D Barcode fuq il-POYC Patient Voucher Letter biex jitħaffef l-operat, jigu eliminati l-iżbalji li jistgħu jsiru minn proċess manwali u tiżdied aktar l-effiċjenza min-naħa tal-ispiżeriji fil-komunità u dawk taċ-ċentri tas-saħħa. | Ġew maqbula u kwantifikati l-ħtiġijiet li jridu jiffurmaw l-iżvilupp elettroniku. Beda t-testing mill-MITA, il-POYC u l-kuntrattur. | Il-testing tlesta. Is-sistema ġiet implimentata f'Mejju. | | | Aktar minn 139,000 pazjent li bħalissa qed jibbenefikaw mis-servizz tal-iskema tal-POYC. /Aktar minn 500 spiżjar li qed joffru s-servizz tal-POYC. | Implimentata |
| Isir titjib fil-programm tal-informatika tal-POYC database li jikkonċerna l-parti tal-emendi li jsiru mill-ispiżeriji fil-komunità abbażi tar-riċetti għal mediċini maħruġa lill-pazjenti. L-amalgamazzjoni tal-ordnijiet għal mediċini li jaslu mill-ispiżeriji fil-komunità tibda ssir awtomatikament permezz tas-sistema tal-informatika tal-POYC minflok manwalment; jiġu rrekordjati l-ordnijiet b'lura u tinholoq faċilità ta' rappurtaġġ li tippermetti verifika u audit traceability marbuta ma' kull spiżerija. Dan ix-xogħol bħalissa jsir kollu b'mod manwali. | Beda jiġi żviluppat il-module biex il-programm tal-informatika jkun jista' jilqa' t-talbiet għall-emendi li jirċievi l-POYC mill-ispiżeriji privati. Matul Marzu beda x-xogħol fuq l-iżvilupp elettroniku ta' dan il-module. | Tkompla x-xogħol fuq l-iżvilupp elettroniku ta' dan il-module. | It-tobba ngħataw il-faċilità li jemendaw informazzjoni f'din is-sistema. | Għadu għaddej l-iżvilupp tal-module. | Aktar minn 139,000 pazjent li bħalissa qed jibbenefikaw mis-servizz tal-iskema tal-POYC. /Aktar minn 500 spiżjar li qed joffru s-servizz tal-POYC. | Fil-Proċess li tiġi Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Issir l-inklużjoni, u jingħata aċċess, lit-tobba fiċ-Ċentri tas-Saħħa li jispeċjalizzaw fil-Family Medicine biex huma ikunu jistgħu japplikaw direttament għall-approvazzjoni u l-ħruġ tal-Kartuna s-Safra (Skeda V) għal numru ta' kundizzjonijiet mediċi fil-Formolarju tal-Gvern. L-approvazzjoni ta' Skeda V tinħareġ mill-Uffiċċju tal-POYC biex b'hekk jonqos l-iskariġġ għall-klijenti u jingħata servizz b'mod aktar effiċjenti. | Dan is-servizz beda f'Jannar 2015. | | | | Dawk kollha li jżuru l-klinici fiċ-Ċentri tas-Saħħa u li qabel kienu jiġu referuti għand il-konsulenti fl-Isptar Mater Dei. | Implimentata |
| Jingħata l-aċċess għall-POYC entitlement database abbażi ta' read only biex b'hekk it-tobba fil-Prescription Clinics taċ-Ċentri tas-Saħħa jkollhom viżibilità ta' x'kienu l-aħħar mediċini li l-pazjenti jkunu ġabru mill-ispiżerija tal-POYC. Din l-inizjattiva ser tgħin biex pazjenti li jirrikorru għal vista medika fil-kliniċi taċ-Ċentri tas-Saħħa jingħataw servizz aktar effiċjenti.<br><br>Dan minħabba l-fatt li f'ċerti każijiet, pazjenti jinsew jieħdu magħhom il-lista tal-mediċini li jkunu ħadu l-aħħar (Skeda V) u għalhekk ma jkunux jistgħu jingħataw preskrizzjoni f'waqtha. | Sar żvilupp estensiv fuq il-programm mill-MITA biex tkun tista' tiġi fis-seħħ din l-inizjattiva. Il-User Acceptance Testing tlesta. Kien hemm il-ħtieġa wkoll li t-tobba tal-Kura Primarja li ser jaħdmu b'din is-sistema elettronika jirreġistraw għall-eID. | Din is-sistema bdiet taħdem b'suċċess. | | | Aktar minn 139,000 pazjent li bħalissa qed jibbenefikaw mis-servizz tal-iskema tal-POYC. /Aktar minn 500 spiżjar li qed joffru s-servizz tal-POYC minn 220 spiżerija fil-komunità u mit-3 spiżeriji fiċ-ċentri tas-saħħa. / Il-POYC u l-ħaddiema tagħha. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Din l-inizjattiva tippermetti wkoll li dijanjosi ssir fuq bażi aktar informattiva. Permezz ta' din il-miżura, il-pazjenti jkunu jistgħu jibbenefikaw minn servizz aktar f'waqtu f'dak li jirrigwarda t-trattament mediku u l-intitolament tal-mediċini b'xejn mingħand il-Gvern. | | | | | | |
| Introduzzjoni għall-aċċess ta' read/write fis-sistema tal-IT tal-POYC għat-tobba fi ħdan il-Prescription Clinics fil-qasam tal-kura tas-saħħa primarja. Il-mira hi li (a) it-tobba tal-kura primarja ser ikunu jistgħu jdaħħlu l-informazzjoni dwar il-kundizzjoni u t-trattament mediku tal-pazjent direttament fis-sistema elettronika biex b'hekk il-Patient Medical Treatment Record tkun dejjem tirrifletti l-aħħar dijanjosi; (b) huwa maħsub ukoll li jintbagħat messaġġ ta' allert lill-istores tal-POYC kif ukoll lill-ispiżerija tal-pazjent. | Bdew id-diskussjonijiet u l-preparamenti għall-iżvilupp ta' dan il-module. | Bdew isiru żviluppi f'diversi partijiet tal-programm sabiex inkunu nistgħu nilqgħu għal din l-isfida. | Ġie deċiż li l-faċilità tar-Read/Write tad-database tal-POYC tingħata wkoll lit-tobba privati. Għaldaqstant inħasset il-ħtieġa li l-iżvilupp tal-module jsir b'tali mod li jkun jista jakkomoda din il-ħtieġa. Għaldaqstant kellu jsir tibdil fil-pjan sabiex l-iżvilupp ikun wieħed aħħari u li jilħaq l-għan tiegħu. | Il-MITA infurmatna li s-server eżistenti ma jiflaħx dan il-proċess. Għaldaqstant minbarra l-iżvilupp fuq dan il-module beda jiġi ppjanat fuq pjattaforma oħra li tkun tista' takkomoda t-traffiku elettroniku li hu maħsub li jiġi ġenerat b'dan il-proġett. | | Fil-proċess li tiġi Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| B'hekk kull min imiss mas-supply chain ikun mgħarraf bit-tibdil fit-trattament mediku fil-ħin. Sal-lum dan l-allert joħroġ biss meta l-pazjent imur bir-riċetta għand l-ispiżerija u din tippostja l-mediċini tar-riċetta fid-database; (c) ser jitniehda wkoll l-ewwel pass lejn l-introduzzjoni tal-ħruġ tar-riċetta medika elettronika. | | | | Bdiet għaddejja analiżi mill-aspett legali tal-emendi meħtieġa sabiex tkun tista' tiġi printjata r-riċetta tal-mediċini mill-kompjuter. Tkompla t-testing meħtieġ tas-sistema teknoloġika. | | |
| Titjib fl-amministrazzjoni tas-servizz tal-għoti tal-ġuramenti lil dawk il-pazjenti li jsostnu li jkunu tilfu l-Control Card (il-Kartuna l-Bajda). Dan is-servizz huwa mmirat lejn dawk il-pazjenti li jiġu l-POYC biex iġeddu l-Kartuna l-Bajda (Dangerous Drugs Control Card) u jieħdu ġurament li jkunu tilfuha. Skont il-liġi li tirregola l-ħruġ jew tiġdid tad-Dangerous Drugs Control Card, il-ġurament irid jittieħed il-qorti qabel ma tkun tista tinħareġ kartuna (permess) oħra. | Peress li l-għoti tal-ġurament jista jsir biss minn impjegati tal-Gvern minn grad ta' Executive 1, saret talba lill-Ministeru tal-Ġustizzja biex jinħatru numru ta' Kummissarji għall-għoti tal-ġuramenti biex nassiguraw li dejjem ikun hemm xi ħadd li jista' jassisti f'dan il-proċess.<br>Barra l-kurcifiss ġew mixtrija l-Bibbja u l-Koran u tfasslet dikjarazzjoni solenni sabiex inkunu nistgħu nassistu lil kull min ikollu bżonn dan is-servizz.<br>Dan is-servizz jingħata fuq il-post minflok ma l-pazjent jintbagħat il-qorti, il-Belt. | | | | Madwar 1,000 pazjent | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Provdut servizz ġdid f'Għawdex billi jitwaqqaf ċentru minn fejn ikun provdut servizz lil persuni Għawdxin u persuni barranin residenti f'Għawdex f'dak li hu intitolament għal servizzi tas-saħħa. Sal-lum residenti Għawdxin jiġu Malta biex jinqdew mis-servizzi tagħna u għaldaqstant, bis-saħħa ta' din il-miżura, residenti Għawdxin ser jingħataw is-servizzi msemmija aktar viċin u allura b'mod aktar effiċjenti. Dan l-uffiċċju ġdid ser ikun jipprovdi dawn is-servizzi ġodda (i) Iċ-ċittadin ikun jista' jħalli l-applikazzjoni għall-ħruġ tal-card tal-assigurazzjoni tas-saħħa fl-Unjoni Ewoprea minn Għawdex; (ii) Pensjonanti Ewropej li qegħdin jirċievu pensjoni minn barra u huma residenti permanenti f'Malta jissottomettu l-formola S1 f'dan l-uffiċċju; (iii) Ħaddiema ċittadini Ewropej li qed jaħdmu f'Malta u jħallsu l-assigurazzjoni f'pajjiż ieħor Ewropew jissottomettu l-formola S1 li tinħareġ minn pajjiżhom; | Bdew diskussjonijiet interni. F'Marzu beda t-taħriġ lill-impjegati. | Tkompla t-taħriġ lill-impjegati. Sar ukoll it-taħriġ lill-istaff kollu li jaħdem f'dak li għandu x'jaqsam ma' intitolament tas-saħħa fl-Unjoni Ewropea. Bdiet tiġi mfassla kampanja ta' informazzjoni u edukazzjoni mmirata għal dawk il-persuni li ser ikunu qed jużaw is-servizz. | Tkomplew il-preparamenti tal-kampanja ta' informazzjoni. Tkompla t-taħriġ lill-impjegati. Is-servizz beda jingħata f'Awwissu. | | Madwar 250 persuna | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| (iv) Ingliżi li huma koperti permezz tal-ftehim bilaterali bejn Malta u l-Ingilterra japplikaw għaċ-ċertifikat proviżorju maħruġ minn dan l-uffiċċju; (v) Ingliżi li huma koperti permezz tal-ftehim bilaterali bejn Malta u l-Ingilterra u li jkollhom il-permess ta' residenza jissottomettu l-applikazzjoni biex jinħareġ iċ-ċertifikat li jintitolahom għal kura tas-saħħa b'xejn skont dan l-arranġament; (vi) Bħal punt ta' referenza għall-informazzjoni. | | | | | | |
| Jitkompla l-proċess li bih id-Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard iwassal is-servizzi tiegħu fil-komunità u jersaq eqreb lejn iċ-ċittadin. Il-mira hi li filwaqt li applikazzjonijiet ikunu disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit eletroniku tibda ssir ukoll distribuzzjoni kontinwa ta' applikazzjonijiet fil-komunità. | Matul Jannar twasslu numru ta' applikazzjonijiet fiċ-Ċentri tas-Saħħa f'Malta u f'Għawdex fosthom dawk relatati mal-klassijiet għall-immanniġġjar tal-piż u mal-klassijiet għall-waqfien mit-tipjip. L-applikazzjonijiet tpoġġew onlajn fuq https://ehealth.gov.mt. | | | | Madwar 2,000 | Implimentata |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Xrays ikunu jistgħu jiġu ordnati b'mod elettroniku permezz ta' software magħruf bħala iSoft. | Il-miżura ġiet implimentata fiċ-Ċentri tas-Saħħa tal-Mosta, Rahal Ġdid u l-Furjana. | | | | Madwar 450,000 persuna | Implimentata |
| Pazjenti b'mard kroniku jiġu segwiti fi klinika apposta (Chronic Disease Management Clinic) fejn il-ħtiġijiet ħolistici tagħhom jiġu moqdija. L-għan huwa li matul l-2015 ikollna 3 ċentri f'għamla ta' one stop shop f'Malta. | Dan is-servizz beda jingħata f'Jannar 2015 f'Ħal Qormi u fir-Rabat. Beda l-ippjanar tar-riżorsi meħtieġa biex din l-inizjattiva tkun tista' tiġi estiża u provduta minn ċentru ieħor. | Saret laqgħa mal-management taċ-ċentru tas-saħħa ta' Birkirkara biex jiġi implimentat dan il-proġett. | Din il-klinika nfetħet f'Birkirkara u din il-miżura ġiet introdotta fiċ-ċentri kollha li kienu ppjanati. | | Madwar 100,000 persuna | Implimentata |
| Ir-riżultati tal-pazjenti ma jibqgħux jintbagħtu bil-posta imma minflok il-pazjenti jingħataw appuntament biex jingħatalhom ir-riżultat ħalli jkunu jistgħu jiddiskutu dan ir-riżultat mat-tabib. Dan jibda jsir minflok tibqa' tintbagħat karta fid-dar tal-persuna. | Inbeda proċess ta' evalwazzjoni biex jiġi determinat jekk tistax issir. Din is-sistema ġdida ġiet implimentata f'Jannar fiċ-ċentri tas-saħħa tar-Rabat u tal-Mosta. Inbeda l-proċess ta' evalwazzjoni sabiex jiġi determinat is-suċċess ta' din il-miżura u tkun tista' tittieħed deċiżjoni dwar l-espansjoni tas-sistema l-ġdida. | | | | Madwar 450,000 persuna | Implimentata |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR SA MARZU | KWART 2<br>APRIL SA ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| It-tobba taċ-ċentri tas-saħħa jingħatalhom aċċess (read only) biex ikunu jistgħu jaraw l-entitlement tal-pazjent, u b'mod aktar effiċjenti jkunu jistgħu jifhmu x'kura qed jieħu l-pażjent. | Inbdew id-diskussjonijiet u l-arranġamenti sabiex it-tobba taċ-ċentri tas-saħħa kollha jkollhom l-eID. Tkomplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders konċernati sabiex tiġi implimentata din il-miżura. It-tobba kollha ġew moghtija l-eID. | Din is-sistema bdiet taħdem b'suċċess. | | | Madwar 80,000 persuna | Implimentata |
| Jiġi simplifikat il-proċess relatat mal-kura ta'pazjenti barranin permezz tal-introduzzjoni ta' linji gwida ċari biex jiġu segwiti waqt il-mili tal-applikazzjonijiet għall-entitlement konċernat. B'hekk niżguraw li l-proċeduri interni jimxu b'mod aktar effiċjenti. | Inbdiet analiżi tal-formoli mhux eliġibbli. Iċ-ċentri tas-saħħa bdew jiġu nfurmati bin-nuqqasijiet li nstabu, filwaqt li nbdew id-diskussjonijiet interni biex issir preżentazzjoni ta' linji gwida aġġornati għan-Nursing Officers fiċ-ċentri tas-saħħa. | Beda l-proċess ta' tibdil tal-format tal-formoli sabiex ikun aktar faċli għall-impjegati li jridu jimlew id-dettalji tal-pazjenti. | Saru l-aħħar aġġustamenti wara l-konsultazzjoni mal-istakeholders konċernati u wara ġiet implimentata din il-miżura. | | Persuni li jirrikorru għal dan is-servizz. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Innaqqsu d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom il-pazjenti li jbatu mill-kanċer u l-familji tagħhom speċjalment dawk li jeħtieġu trattament regolari tal-kimoterapija fl-Isptar tal-Onkoloġija. Naddottaw approċċ f'waqtu għal in patients li jeħtieġu mediċini relatati mal-protokolli fuq bażi regolari f'ċikli (dejjem jiddependi skont in-numru ta' ċikli ta' kimoterapija) u b'hekk jonqsu l-miżuri burokratiċi kemm għall-pazjenti bil-kanċer kif ukoll għall-professjonisti tas-saħħa. | Il-lista ta' pazjenti li jeħtieġu kimoterapijaregolata mill-protokolli ġiet ikkalkulata kull xahar. L-għadd ta' pazjenti li kienu jeħtieġu l-kimoterapija li ma tkunx fuq il-formolarju (u allura meqjusa permezz ta' rotta eċċezzjonali) ġiet ikkalkulata wkoll. Bdiet ukoll ir-reviżjoni tal-lista formolarja. | Saru d-diskussjonijiet interni dwar il-protokolli fil-Lista tal-Formolarju tal-kimoterapija tal-Gvern bil-għan li jitnaqqas in-numru ta' protokolli. Tkompla l-proċess ta' kalkolu ta' kull xahar kif sar fix-xhur ta' qabel. F'Mejju 2015 beda l-proċess biex xi drogi mill-formolarju tal-kimoterapija jiġu riveduti u ġew proposti miżuri biex titnaqqas il-burokrazija. Intalab rispons mill-konsulenti. | Peress li l-pazjenti kien ikollhom imorru l-POYC sabiex jagħtu l-formola tal-applikazzjoni, saru diskussjonijiet interni li wasslu għal sistema ġdida ta' kif jinġabru l-istess applikazzjonijiet mill-POYC. It-talba għal reviżjoni ta' xi drogi mill-formolarju tal-kimoterapija ntlaqgħet għal 4 drogi u dan ġie rifless fit-tnaqqis fl-għadd ta' pazjenti li kienu jeħtieġu protocol regulated form. Għaldaqstant tnaqqset il-burokrazija u żdiedet l-effiċjenza. | | Madwar 3,600 każ kif ukoll numru sostanzjali ta' professjonisti / ħaddiema tas-saħħa. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Naġġornaw il-paġna tal-facebook b'mod aktar effiċjenti biex persuni li jagħmlu użu minn din is-sistema jingħataw aċċess għal informazzjoni f'waqtha u jevitaw il-bżonn li jkollhom jirrikorru għand id-Dipartiment konċernat biex jiksbu dan it-tagħrif. | Bdew jiġu aġġornati regolarment is-sit elettroniku u l-paġna tal-facebook bl-informazzjoni kollha meħtieġa għal aċċess aħjar ta' informazzjoni f'waqtha. Ġiet allokata persuna fi ħdan id-Dipartiment biex taġġorna dawn iż-żewġ sistemi. | | | | Il-pubbliku | Implimentata |
| Persuni li japplikaw għall-liċenzji ta' ħanut tat-tattoo, dar tal-anzjani, klinika dentali, klinika għall-fiżjoterapija, klinika tal-acupuncture, klinika tal-podoloġija u għal post ta' rijabilitazzjoni jkunu jistgħu jagħmlu dan billi jniżżlu l-applikazzjoni mill-website tad-Direttorat u l-applikazzjonijiet iffirmati minnhom jiġu skenjati u mibgħuta lura lid-Direttorat b'sistema elettronika. | | Matul April il-ħidma kienet konċentrata sabiex l-applikazzjonijiet rispettivi jiġu konvertiti f'applikazzjonijiet online. Saru d-diskussjonijiet meħtieġa mad-dipartimenti konċernati sabiex tkun tista' tiddaħħal il-faċilità fejn il-klijent iħallas online kif ukoll mill-faċilità tal-internet banking. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji kollha li joħorġu mid-direttorat ġew reveduti. | Tlestiet ir-reviżjoni tal-applikazzjonijiet kollha u nbeda t-testing period tas-sistema l-ġdida. | | Madwar 15-il applikant | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Din is-sistema l-ġdida mhix waħda obbligatorja iżda thalli l-għażla f'idejn il-klijent bejn is-sistema elettronika u dik postali. B'hekk qed jiġi frankat l-iskariġġ tal-klijent li qabel kien ikollu bilfors imur id-direttorat diversi drabi. B'hekk il-visti lid-direttorat jiġu ridotti għal darba waħda biss meta l-applikant ikun irid jiffirma għal-liċenzja wara li din tiġi proċessata. Din il-proċedura tapplika wkoll għall-persuni li jkunu jixtiequ jġeddu l-liċenzji tagħhom mogħtija għall-istess servizzi. | | | | | | |
| Sal-lum klijent li japplika għal tiġdid ta' liċenzja ta' ħanut ta' tattoos, dar tal-anzjani, klinika dentali, klinika għall-fiżjoterapija, klinika tal-acupuncture, klinika tal-podoloġija u għal post ta' rijabilitazzjoni, u liema liċenzja tiġi mġedda, irid bilfors jiġbor din il-liċenzja mid-Direttorat. Bis-sistema l-ġdida d-Direttorat ser jibda jibgħat il-liċenzja mġedda lill-klijent b'posta reġistrata. | | Is-sistemi eżistenti tad-Direttorat ġew re-engineered u din is-sistema daħlet fis-seħħ f'Ġunju 2015. Bid-dħul fis-seħħ tal-proċedura l-ġdida, bdew jintbagħtu l-liċenzji kollha bil-posta reġistrata u b'hekk il-klijenti bdew jiffrankaw li joqogħdu jmorru l-uffiċċju f'ħin stipulat. | | | Aktar minn 200 klijent | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Sal-lum kull klijent li japplika għal tiġdid ta' liċenzja ta' ħanut tat-tattoos, dar tal-anzjani, klinika dentali, klinika għall-fiżjoterapija, klinika tal-acupuncture, klinika tal-podoloġija u għal post ta' rijabilitazzjoni, u liema liċenzja tkun trid tiġi mġedda, jgħaddi minn proċess ta' spezzjonar, validazzjoni, it-tfassil ta' rapport rispettiv u eventwalment il-ħruġ tal-liċenzja.<br><br>B'dan il-proċess, sal-lum, dan kien ifisser li ħafna operaturi kienu qed joperaw għal żmien temporanju mingħajr liċenzja. Minn din is-sena, id-Direttorat beda proċess ta' re-engineering kif meħtieġ, sabiex b'effett minn Jannar 2016, kull tiġdid ta' liċenzja jiġi effettwat sal-ħmistax ta' Jannar tas-sena. | | Bdew il-laqgħat mal-istakeholders konċernati. Beda wkoll il-proċess ta' re-engineering tas-sistemi użati fid-Direttorat. Ġiet ingaġġata persuna fil-kariga ta' koordinatur tal-liċenzji. Bdiet evalwazzjoni sabiex ikollna programm imfassal speċifikament għall-bżonnijiet, biex kull spezzjoni li ssir u li jkollha bżonn tiġi segwita, tiġi segwita fil-ħin u jiġi aċċertat li kull bidla meħtieġa ssir fi żmien stipulat li jkun identifikat mill-ispetturi u miftiehem mal-managers tal-entitajiet diversi. | Beda l-proċess li bih kull spezzjoni tiġi mdaħħla fi programm fejn ir-rakkomandazzjonijiet imressqa mill-ispetturi jiġu segwiti tul is-sena kollha. Permezz ta' din il-miżura s-sidien tal-istabbilimenti li jiġu liċenzjati ma jiġux affaċċjati b'numru kbir ta' bidliet f'daqqa. | Il-bidliet meħtieġa saru u r-rakkomandazzjonijiet bdew jiġu segwiti. Ir-re-engineering meħtieġ tal-proċessi rispettiv sar. | Aktar minn 200 klijent | Implimentata |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tħaffif tal-proċess involuti fl-implimentazzjoni ta' direttiv 8 maħruġa mill-PAHRO. | | | | | Il-ħaddiema kollha tal-Ministeru responsabbli mis-saħħa. | Implimentata |
| Sal-lum il-ġurnata s-CPSU kienet titlob lill-kuntratturi jfornu multiple bonds għal kull kuntratt li jirbħu. B'effett mill-2015, is-CPSU bdiet titlob bond waħda fis-sena li tkun valida għall-kuntratti kollha. Dan ifisser li tnaqqset il-burokrazija għall-kuntratturi konċernati. | | Il-miżura ġiet implimentata | | | Il-kuntratturi kollha li jirbħu sejħa għall-offerti mis-CPSU. | Implimentata |
| Pazjenti jingħataw il-possibilità li jiġbru l-mediċina tagħhom minn spiżeriji fil-komunità. B'hekk, filwaqt li nkomplu nnaqqsu l-lista ta' mediċina out of stock, niżguraw li l-pazjenti jingħataw servizz f'waqtu, b'mod aktar effiċjenti. | | Il-miżura ġiet implimentata. | | | Aktar minn 130,000 pazjent | Implimentata |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Bdejna nimplimentaw il-pay per use policy. Din tfisser li l-istrumentattura għall-operazzjonijiet tkun available l-Isptar u l-gvern iħallas biss għal dak li juża. Il-burokrazija titnaqqas għaliex ma jkunx hemm il-ħtieġa ta' stennija għall-professjonist biex titwassal l-istrumentattura biex dan iwettaq ħidmietu. Bis-saħħa ta' din il-miżura ġew eliminati wkoll il-problemi ta' over stocking u skadenza. Bis-saħħa ta' din il-miżura sa issa l-Gvern iffranka madwar €5 miljuni. | | Il-miżura ġiet implimentata. | | | Il-pazjenti | Implimentata |
| Ittieħdet id-deċiżjoni li tiġi implimentata miżura li bis-saħħa tagħha s-CPSU tkun tista' tixtri prodotti direttament minn barra u tirreġistrahom lokalment meta dawn ma jkunux available. Dan ifisser li dak li qabel ma kienx ikun available issa jiġi direttament minn barra. B'hekk il-pazjent jinqeda fil-pront anke meta jkun hemm problema ta' sourcing lokali. | | Il-miżura ġiet implimentata. | | | Il-pazjenti kollha li jirrikorru għas-servizzi tas-saħħa. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tiddaħħal policy ġdida li permezz tagħha jsiru ordnijiet iżgħar u aktar spissi. B'hekk l-istock tal-mediċina jkun jista' jiġi mmaniġġjat b'aktar effiċjenza u jiġu evitati każijiet fejn prodotti jiskadu. Dan ifisser li meta jkun hemm kambjament fit-trattament, l-ordnijiet jistgħu jiġu aġġustati, u b'hekk la jkun hemm ħela u anqas nuqqas ta' provvisti. Permezz ta' din il-mizura, nnaqqsu madwar €5 miljun minn fuq l-inventarju (stock holding). B'hekk ikun hemm aktar fondi biex jinxtraw il-medicini mehtiega. | | Il-miżura ġiet implimentata. | | | Il-pazjenti kollha li jirrikorru għas-servizzi tas-saħħa. | Implimentata |
| F'każijiet fejn ikun hemm skarsezzi internazzjonali, is-CPSU toħloq sistema ta' clinical alerts biex il-konsulenti jkunu jafu liema trattamenti hemm problema fuqhom ħalli jkunu jistgħu jużaw mezzi alternattivi u b'hekk il-pazjent jinqeda xorta. | | Il-miżura ġiet implimentata. | | | Il-pazjenti | Implimentata |
| Tinbeda sistema ta' djalogu regolari u kontinwu mal-Kamra tal-Kummerċ b'tali mod li flimkien jirnexxielna ntejbu l-prestazzjoni tal-kuntratturi għall-ħtiġijiet tal-Gvern u tal-pazjenti li jużaw is-sistema tiegħu. | | Il-miżura ġiet implimentata. | | | Il-pazjenti kollha li jirrikorru għas-servizzi tas-saħħa. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| It-twaqqif ta' Helpline ċentrali għat-telefonati kollha li għandhom x'jaqsmu mal-outpatients. Dan il-Helpline jilqa' l-ilment, jinvestiga mingħajr ma jħalli lill-klijent jistenna fuq it-telefown u jipprovdi risposta u soluzzjoni lill-klijenti skont żmien stabbilit. | | Inbeda proġett pilota u nfetħet il-linja tat-telefown 25457000. Matul ix-xahar ta' Ġunju 2015 saħħaħna s-servizz tal-Outpatients Help Desk billi żidna operatur ieħor. | | | Il-pazjenti | Implimentata |
| Studji wrew li madwar 50,000 klijent li jżuru d-Dipartiment tal-Emerġenza fl-Isptar Mater Dei kienu qed jiġu moqdija minn Units oħra, fosthom l-ENT, l-OBS u l-Gynae, l-Ophthalmic u oħrajn, imma xorta kienu jintbagħtu jistennew fit-triage. Għalhekk ġiet riveduta il-proċedura interna biex il-pazjenti tagħna jingħataw servizz aktar effiċjenti. | | Permezz tat-tħejjija ta' Cost Benefit Analysis ġie identifikat il-bżonn li tiġi allokata infermiera bejn is-7 ta' filgħodu u l-4 ta' waranofsinhar kuljum, biex b'hekk jiġi evitat ħin żejjed ta' stennija fit-triage.<br><br>Il-miżura giet implimentata f'Mejju. | | | Madwar 30,000 pazjent | Implimentata |
| Tiġi żviluppata u introdotta faċilità elettronika li taghti viżibilità akbar lill-istock tal-Gvern miżmum fl-Ispiżeriji tal-Għażla Tiegħek li qed jipparteċipaw fl-iskema tal-POYC. L-għan hu li jiżdied il-kontroll u titnaqqas il-ħela. | | Beda jsir l-iżvilupp tal-faċilità elettronika. | Tkompla l-iżvilupp tal-faċilità. | L-iżvilupp tal-facilità tkompla u wasal fl-aħħar fażi. Waqt it-testing irriżulta li kien hemm bżonn ta' aktar żvilupp. | Madwar 140,000 benefiċjarju tal-POYC. | Fil-proċess li tiġi Implimentata |

# MIŻURI OĦRA LI WASSLU GĦAL SIMPLIFIKAZZJONI

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Issir evalwazzjoni tal-operat kurrenti fejn jidħlu reġistri u nipproponu soluzzjonijiet innovattivi li jnaqqsu x-xogħol li jsir manwalment kif ukoll dak klerikali. B'hekk inkunu nistgħu naqdu l-ħtiġijiet tad-dipartiment aħjar kif ukoll inkunu aktar effiċjenti ma' dawk id-dipartimenti li jkunu jeħtieġu s-servizzi tagħna. | L-iżviluppatur tas-CPAs ġie mitlub joħloq output report partikolari li permezz tiegħu nkunu nistgħu nħaffu l-process biex jinżamm l-Injury Database li jżomm rendikont tal-inċidenti li dwarhom persuni jfittxu l-għajnuna fid-dipartiment tal-emerġenza. Bdiet tiġi ttestjata soluzzjoni permezz ta' software partikolari f'Mater Dei. Is-soluzzjoni nħadmet u beda jsir it-testing. | Instabu numru ta' difetti fis-soluzzjoni proposta u l-persuni inkarigati mill-informatika fl-Isptar Mater Dei bdew jaħdmu fuq soluzzjoni ġdida. Sar tibdil fis-soluzzjoni informatika oriġinali madanakollu kien baqa' difetti oħra li ridu jiġu indirizzati. Il-kumpanija li żviluppat is-sistema bdiet tagħmel analizi biex jiġu identifikati l-problemi kollha pendenti fis-soluzzjoni provduta mis-CPAS Section tal-MDH. | Il-kumpanija tal-IT involuta fis-sistema żviluppat it-tibdil meħtieġ. | Tkompla l-ittestjar tas-sistema. | L-istaff tad-DHIR kif ukoll l-istaff tad-dipartimenti l-oħra li jkunu jeħtieġu s-servizz mingħand id-DHIR. | Fil-process li tigi Implimentata |
| Jinħolqu bin cards fuq excel spreadsheet biex gradwalment jibdew jitneħħew sistemi manwali eżistenti. Fl-istess waqt ikun aktar faċli toħroġ rapporti dwar tagħmir u l-valur tal-oġġetti differenti. | Ġiet maħluqa s-sistema l-ġdida fuq excel spreadsheet. Inbeda l-proċess ta' verifika biex jiġu indirizzati l-aġġustamenti meħtieġa biex is-sistema tittejjeb. | Il-miżura ġiet implimentata. | | | Dipartimenti fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa | Implimentata |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jiġi massimizzat l-użu tst-teknoloġija tal-informatika biex b'hekk jitnaqqas l-użu tal-karti u tiżdied l-effiċjenza. Kull komunikazzjoni mal-kuntratturi li jipprovdu servizz lill-Isptar Mater Dei tibda ssir permezz ta' email u b'hekk tkun qed tittieħed azzjoni immedjata meta jkun hemm talba mill-kuntratturi. B'hekk jiġu solvuti il-problemi li jistgħu jinqalgħu u ma jiġix affettwat is-servizz li għandu bżonn l-Isptar. | Kull komunikazzjonili hemm bżonn issir ma' kull kuntrattur li jagħti servizz lill-Isptar Mater Dei beda isir bl-email, telefonata jew laqgħa. Minħabba li kull kuntrattur għandu rappreżentant f'Mater Dei, l-użu tal-email huwa importanti sabiex tittiehed azzjoni mmedjata u s-servizz ikompli jingħata mingħajr interuzzjoni. Permezz ta' din il-miżura ġew frankati ħafna karti u envelopes li kienu jintużaw biex jintbagħtu l-ittri lill-kuntratturi. | | | | Kuntratturi li jagħtu servizz lill-Isptar Mater Dei. | Implimentata |
| Id-Direttur tal-Kuntratti tal-Isptar Mater Dei isir punt ta' riferiment mal-kuntratturi li jipprovdu xi servizz lill-Isptar. B'hekk jiġi evitat ħela ta' ħin u riżorsi. Kull talba li ssir mill-kuntratturi varji tgħaddi mid-Dipartiment tal-Kuntratti tal-Isptar Mater Dei biex ikun hemm linja waħda ta' komunikazzjoni bejn il-kuntratturi u d-Dipartimenti fl-Isptar. Dan jibda jsir fejn il-kuntratturi jkunu qed jitolbu informazzjoni, tweġiba jew kjarifikazzjoni. | Il-kuntratturi kollha ġew infurmati li d-Direttur tal-Kuntratti fl-Isptar Mater Dei ġie maħtur u li hu responsabbli biex jieħu ħsieb il-kuntratti ta' servizzi fl-Isptar. Ghalhekk għal kull bżonn li jista' jkollhom, informazzjoni jew kjarifika għandhom jikkuntattjaw lil dan il-focal point. | | | | Kuntratturi li jagħtu servizz lill-Isptar Mater Dei. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Niżguraw li kull invoice li tintbagħat mill-kuntratturi għall-ħlas ta' xi servizzi li jkunu taw, tiġi verifikata għall-ħlas fi żmien qasir. Nizguraw li l-perjodu tal-ħlas (minn meta tasal l-invoice fl-Isptar Mater Dei sa meta jsir il-ħlas) jonqos biex kuntratturi jgawdu minn servizz aktar simplifikat u effiċjenti. | Dan il-proċess ġie rivedut biex kull talba għall-pagament tiġi ċertifikata fl-inqas ħin possibbli u mgħoddija lid-Dipartiment tal-Finanzi għall-ħlas. | | | | Kuntratturi li jagħtu servizz lill-Isptar Mater Dei. | Implimentata |
| Niżguraw li l-informazzjoni kollha fuq il-kuntratturi u servizzi li huma jagħtu fl-Isptar Mater Dei tkun ċirkolata u magħrufa mad-Dipartimenti kollha fl-Isptar biex ikun hemm linja waħda ta' kommunikazzjoni ċentralizzata bejn il-kuntratturi u d-Dipartimenti fl-isptar. B'hekk ma jkunx hemm għalfejn tintalab informazzjoni diretta kull darba li Dipartiment ikollu bżonn jagħmel referenza għal informazzjoni komuni. | Id-Direttur tal-Kuntratti fl-Isptar Mater Dei ħejja database b'informazzjoni dwar il-kuntratti ta' servizzi li hemm fl-Isptar. Din tinkludi informazzjoni li nġabret mid-dipartimenti, mill-files tal-kuntratti, mis-CPSU u mid-dipartiment tal-finanzi tal-isptar. Din id-database bdiet tiġi riveduta regolarment u bdiet tiġi ċirkolata lis-CEO tal-isptar u lid-diretturi kollha. Barra minn hekk bdew isiru rapporti dettaljati dwar l-andament ta' dawn il-kuntratti u dawn bdew jiġu ċirkolati u diskussi fil-laqgħat tad-diretturi tal-isptar. | | | | Kuntratturi li jagħtu servizz lill-Isptar Mater Dei. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Simplifikazzjoni interna permezz ta' ristrutturar fid-Direttorat għar-Riżorsi umani u aġġornament tal-proċeduri biex uffiċjali fi ħdan il-Ministeru jingħataw servizz aktar effiċjenti. Dawn il-proċeduri jikkonċernaw, fost oħrajn l-ipproċessar tat-trasferimenti ta' impjegati. | | Inħarġet sejħa biex jiġu ngaġġati Managers ġodda għall-Isptar Mater Dei, l-Isptar ta' Rijabilitazzjoni Karin Grech, il-Kura Primarja, iċ-Ċentru tal-Onkoloġija, id-Direttorat tal-People Management u l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Imtlew il-postijiet vakanti. | Tkompla x-xogħol ta' ristrutturar u aġġornament fil-proċeduri interni. | Il-miżura ġiet implimentata. | Il-ħaddiema kollha tal-Ministeru responsabbli mis-saħħa | Implimentata |
| Diċentralizzazzjoni tal-proċessi relatati ma' applikazzjonijiet għal Family Friendly Measures.B'hekk, filwaqt li jinżamm il-bilanċ bejn l-esiġenzi tax-xogħol u dawk tal-ħajja personali tal-individwu, it-talbiet milqugħa u r-risposti tagħhom jingħataw b'aktar effiċjenza. | | Ġie ffinalizzat il-proċess ta' diċentralizzazzjoni tal-applikazzjonijiet kollha għal Family Friendly Measures. Dawn bdew jiġu proċessati mill-entitajiet differenti. | | | Il-ħaddiema kollha tal-Ministeru responsabbli mis-saħħa | Implimentata |
| Diċentralizzazzjoni tal-funzjonijiet ta' tipi differenti ta' terminazzjoni tal-impjieg. Twettiq ta' din il-miżura żżid l-aċċessibilità tal-impjegat u l-istess impjegat jista' jinqeda mid-Dipartiment fejn jaħdem. B'din il-miżura jitħaffef il-proċess u għaldaqstant l-impjegat jista' jinqeda aktar fil-pront. | | Saret laqgħa ta' informazzjoni fuq is-suġġett u l-proċeduri. Sar l-ippjanar tat-taħriġ li hu mistenni jingħata lill-entitajiet u d-dipartimenti tar-riżorsi umani kollha fil-Ministeru responsabbli mis-saħħa. Wara l-konsultazzjoni ġiet implimentata din il-miżura. | | | Il-ħaddiema kollha tal-Ministeru responsabbli mis-saħħa. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tinħoloq sistema li permezz tagħha kuntrattur li jkun rebaħ sejħa għall-offerti li tkun għall-entità partikolari (eż. is-sejħa tkun ħarġet għall-Kura Primarja biss) jipprovdi l-prodott direttament lill-entità konċernata li teħtieġ dak il-prodott. Dan minflok jiġi provdut lis-CPSU u mbagħad is-CPSU tipprovdih lill-entità kif kien isir qabel. B'hekk il-prodott meħtieġ qed jasal aktar malajr għand min għandu bżonnu. | | Il-miżura ġiet implimentata. | | | Il-pazjenti kollha li jirrikorru għas-servizzi tas-saħħa. | Implimentata |
| Isir re-engineering tal-proċessi kollha fis-CPSU b'tali mod li d-doveri tal-ħaddiema jitqassmu b'mod aħjar u għaldaqstant jingħata servizz ħafna aħjar u aktar fil-pront. Dan ifisser li ċ-ċittadin jinqeda aħjar. | | Il-miżura ġiet implimentata. | | | Il-ħaddiema kollha tas-CPSU u l-pazjenti kollha li jirrikorru għas-servizzi tas-saħħa. | Implimentata |
| Ġew riveduti proċeduri interni bil-għan li jiġi simplifikat il-proċess relatat mal-pagamenti maħruġa lill-kuntratturi. Permezz ta' din is-sistema, kuntratturi qed jirċievu l-pagamenti tagħhom f'ħin adekwat u raġonevoli. Dan għall-kuntrarju ta' dak li kien isir fi żmien preċedenti. | | Il-miżura ġiet implimentata. | | | Il-kuntratturi kollha li jirbħu sejħa għall-offerti mis-CPSU. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Isiru żjarat fl-uffiċini tar-riżorsi umani fl-entitajiet tal-Ministeru responsabbli għas-saħħa. L-iskop ta' dawn iż-żjajjar hu li jiġu identifikati proċeduri li hemm bżonn jitjiebu biex ikunu aktar uniformi u effiċjenti billi niddiskutu mal-uffiċjali kollha. Barra minn hekk qed jiġu osservati proċeduri użati fl-entitajiet differenti li jistgħu jiġu implimentati f'dipartimenti oħrajn. | Saru żjarat u laqgħat fl-Isptar Monte Carmeli, fl-Isptar Boffa u fid-Dipartiment tal-Kura Primarja. | Saru żjarat u laqgħat fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.Ġew identifikati prattiċi tajbin fl-entitajiet rispettivi li jistgħu jintużaw bil-għan li x-xogħol isir aktar effiċjenti. | Inbeda l-proċess ta' reklutaġġ tal-Manager (Employee Services). | Wara proċess ta' selezzjoni sar ir-reklutaġġ meħtieġ. | Il-ħaddiema fl-uffiċini kollha tar-riżorsi umani u l-impjegati kollha fil-Ministeru responsabbli għas-saħħa | Implimentata |
| Diċentralizzazzjoni ta' proċessi relatati ma' applikazzjonijiet ta' kull tip ta' leave speċjali bi ħlas u bla ħlas skont il-provvedimenti tal-PSMC. Bis-saħħa tad-diċentralizzazzjoni, id-dipartimenti jikkontrollaw aħjar l-approvazzjonijiet ta' dan it-tip ta' leave speċjali. Barra minn hekk, l-impjegati jinqdew aktar malajr mingħajr il-bżonn li jirreferu għall-uffiċċju ċentrali. | | Saret laqgħa ta' informazzjoni lill-HR officers u lill-Managers kollha. Ġie spjegat il-proċess u x'dokumentazzjoni hija meħtieġa bil-għan li dan il-proċess jibda jsir minnhom. | | | L-uffiċjali pubbliċi fi ħdan il-Ministeru. | Implimentata |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Diċentralizzazzjoni fid-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali tal-funzjonijiet kollha involuti fis-sezzjoni tal-Personnel li s'issa qed jiġu proċessati ċentralment. Din il-miżura ser iżżid l-aċċessibilità tal-impjegat u l-istess impjegat jista' jinqeda mid-dipartiment fejn jaħdem. B'din il-miżura jitnaqqas livell mill-proċess u għaldaqstant l-impjegat jista' jinqeda aktar malajr u aħjar. | Saret laqgħa ta' informazzjoni dwar is-suġġett lill-HR officers u lill-Managers kollha. Ġie spjegat il-proċess u x'dokumentazzjoni hija meħtieġa bil-għan li dan il-proċess jibda jsir minnhom. Sar l-ippjanar ta' taħriġ li jrid jingħata lill-entitajiet/dipartimenti konċernati. | Saru xi bidliet fid-dipartiment tas-saħħa ambjentali u għaldaqstant din il-miżura ma setgħetx tiġi konkluża. Bdew jiġu esplorati possibilitajiet oħra. | Minħabba li s-sitwazzjoni fid-dipartiment tas-saħħa ambjentali ma nbidlitx, ġie deċiż li l-focus jintefa' fuq id-diċentralizzazzjoni tal-Isptar Boffa/ Ċentru tal-Onkoloġija. | Tkomplew id-diskussjonijiet biex tiġi implimentata din il-miżura fid-dipartiment tas-saħħa ambjentali. | L-uffiċjali fl-uffiċċju tar-riżorsi umani fid-dipartimenti / Il-ħaddiema kollha tad-Direttorat tal-People Management fil-Ministeru. | Fil-proċess li tiġi Implimentata |
| Jiġu aġġornati proċeduri interni insegwitu tal-proċessi tal-bordijiet tal-għażla. L-għan ta' din l-inizjattiva u li jiġi segwit l-andament tal-bord biex jiġi żgurat li ma jkunx hemm dewmiem bla bżonn kif ukoll jingħata kull appoġġ li jkun meħtieġ biex jifhem is-sensittività tad-Dipartiment konċernat. | | Uffiċjal tar-riżorsi umani jagħmel follow- up regolari (kull ġimgħa) u sistematiku tal-andament tal-bordijiet tal-għażla sabiex jiffaċilità l-proċess kif ikun meħtieġ. Dan jgħin biex ma jkunx hemm dewmien bla bżonn kif ukoll jingħata l-appoġġ u l-għajnuna f'waqtha u fil-ħin. | | | Ħaddiema prospettivi tal-Ministeru responsabbli mis-saħħa / Il-bordijiet tal-għażla. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Delegazzjoni ta' awtorità biex l-applikazzjonijiet għall-Qualification Allowance jiġu approvati mill-Kapijiet tad-Dipartimenti u l-HR Managers rispettivi. | | Saret laqgħa mal-HR Managers fejn ġie spjegat x'inhuma r-rekwiżiti u d-dokumentazzjoni meħtieġa biex wieħed ikun jista' japplika għall-Qualification Allowance. Ġie spjegat kif għandha tiġi proċessata l-applikazzjoni. Minn wara din il-laqgħa l-applikazzjonijiet bdew jintlaqgħu mill-uffiċċji tal-HR rispettivi. | | | L-uffiċjali pubbliċi fi ħdan il-Ministeru. | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-FAMILJA
U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| F'każ ta' impjegati fis-Servizz Pubbliku li jkunu qed jitħallsu nofs paga minħabba mard, il-benefiċċju tal-mard qiegħed jitħallas mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) lill-individwu u mhux aktar lid-Dipartiment ma' min jaħdem l-impjegat. | Il-miżura daħlet fis-seħħ fl-aħħar ta' Jannar. | | | | F'sena waħda din il-miżura tolqot medja ta' 250 impjegat fis-Servizz Pubbliku. | Implimentata |
| Jibda jingħata servizz ta' customer care tas-sigurtà soċjali mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin bil-għan li persuni li jkunu waslu biex itemmu s-sentenza tagħhom jingħataw l-assistenza kollha meħtieġa biex sakemm joħorġu liberi, jibdew jieħdu l-benefiċċji soċjali li jkollhom dritt għalihom immedjatament u b'hekk ikunu megħjuna biex jintegraw ruħhom malajr fis-soċjetà. | Is-servizz beda jingħata minn Jannar. | | | | Priġunieri li jkunu skontaw is-sentenza tagħhom. | Implimentata |
| Bħala parti mill-proġett għat-tħaddim aħjar taċ-Ċentru ta' Tagħrif dwar il-Politika Soċjali (SPIC), titnieda faċilità biex il-pubbliku jkun moqdi aħjar billi jingħata l-opportunità li jċempel fuq numru uniku (il-159) meta jkollu l-ħtieġa li jaqbad ma' dawk l-entitajiet fi ħdan l-MFSS li għandhom kuntatt dirett mal-pubbliku. | Iddaħħlet sistema li tieħu kull telefonata li tidħol fuq il-159. Min iċempel ikun mitlub jagħfas in-numru abbinat mal-entità li jixtieq ikollu kuntatt magħha. Min ma jagħmilx għażla, it-telefonata tgħaddi għand il-Customer Relations tad-DSS. | | | | Madwar 100,000 telefonata fis-sena fuq sigurtà soċjali. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Reviżjoni tal-complaint form fuq il-website tad-Dipartiment tal-Istandards fil-Ħarsien Soċjali. | Saru diskussjonijiet interni bi tħejjija għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura biex ikun maqbul il-pjan ta' implimentazzjoni. Beda x-xogħol fuq ir-reviżjoni ta' din il-formola. | Inħolqot applikazzjoni waħda komuni u applikabbli għall-istandards kollha tad-DSWS. Il-formola ta' qabel kienet verżjoni pdf fejn wieħed ried iniżżilha u jimlieha manwalment filwaqt li dik li hemm bħalissa timtela online. Din il-miżura tgħin biex l-ilment ikun ipproċessat f'iqsar żmien. | | | Medja ta' madwar 5 persuni kull xahar bejn membri tal-pubbliku u service providers. | Implimentata |
| Issir applikazzjoni onlajn biex jintlaqgħu talbiet għall-benefiċċju għall-korriment u b'hekk jiġi ssimplifikat il-proċess biex persuna tieħu dan il-benefiċċju. | Dan il-proċess kompla jibni fuq dak li twettaq fl-2014 f'dan ir-rigward. | Matul Ġunju sar testing fuq l-applikazzjoni online. | Il-miżura ġiet implimentata. | | Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jirċievi madwar 3,000 talba għal dan il-benefiċċju fis-sena. | Implimentata |
| Proċess biex applikazzjonijiet għal benefiċċji tal-maternità jibdew isiru onlajn u b'hekk jiġi ssimplifikat il-proċess biex wieħed jieħu dan il-benefiċċju. | Dan il-proċess kompla jibni fuq dak li twettaq fl-2014 f'dan ir-rigward. | Matul Ġunju sar testing fuq l-applikazzjoni onlajn. | Il-miżura ġiet implimentata. | | Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jirċievi madwar 2,000 talba għal dan il-benefiċċju fis-sena. | Implimentata |
| Proċess biex issir applikazzjoni onlajn biex jintlaqgħu talbiet għal leave tal-maternità. | Dan il-proċess kompla jibni fuq dak li twettaq fl-2014 f'dan ir-rigward. | Matul Ġunju sar testing fuq l-applikazzjoni onlajn. | Il-miżura ġiet implimentata. | | Id-Dipartiment jirċievi madwar 1,500 talba għal dan il-benefiċċju fis-sena. | Implimentata |
| Jitneħħa l-bżonn li jiġu mibgħuta tal-anqas 400 ittra kull xahrejn lill-benefiċjarji li għandhom l-Għajnuna Medika bla Ħlas biex iġeddu l-Karta Roża u pemezz ta' hekk jingħataw is-servizzi tat-telecare, handyman u rebate mingħajr ħlas. | Saru diskussjonijiet bejn id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) u d-Dipartiment tal-Anzjani u Kura fil-Komunità (DECC) bi tħejjija għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura biex ikun maqbul il-pjan ta' implimentazzjoni. | Sar testing min-naħa tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) matul Ġunju biex ħaddiema fit-taqsimiet tad-Dipartiment tal-Anzjani u Kura fil-Komunità (DECC) ingħataw aċċess limitat għas-sistema tad-DSS biex jikkonfermaw il-validità tal-Karta Roża tal-applikant. | Il-miżura ġiet implimentata. | | Madwar 2,400 benefiċjarju tal-Għajnuna Medika bla Ħlas (Karta Roża). | Implimentata |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Issir applikazzjoni onlajn għaċ-ċertifikat A1 għall-ħaddiema li jiġu sekondati biex jaħdmu barra minn Malta fl-UE, li jkunu se jaħdmu f'aktar minn pajjiż wieħed u jkollhom id-dritt taħt ir-Regolamenti tal-UE u jibqgħu jħallsu s-sigurtà soċjali f'Malta. | Saru diskussjonijiet interni mal-MITA bi tħejjija għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura biex ikun maqbul il-pjan ta' implimentazzjoni. | Tħejja l-ewwel abbozz tal-applikazzjoni. | Sar testing tal-applikazzjoni onlajn mill-ħaddiema tat-Taqsima tar-Relazzjonijiet Internazzjonali (IRU) fi ħdan id-DSS b'kollaborazzjoni mal-MITA.<br><br>Il-miżura ġiet implimentata f'Settembru. | | Madwar 500 persuna fis-sena. | Implimentata |
| Jitneħħa l-bżonn għal dawk il-benefiċjarji ntitolati li jirċievu l-allowance tat-tfal (CA) u l-allowance supplimentari (SPA) li kull sena jimlew applikazzjoni biex issirilhom reviżjoni tar-rata tal-benefiċċju tagħhom. | Saru diskussjonijiet interni mal-MITA, kif ukoll mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni (IRD), bi tħejjija għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura biex ikun maqbul il-pjan ta' implimentazzjoni. | Beda xogħol estensiv fuq is-sistema tal-IT tad-DSS biex ikunu jistgħu jsiru r-reviżjonijiet annwali tar-rati taċ-Children Allowance u tal-Allowance Supplimentari b'mod awtomatiku permezz ta' data li tinġieb direttament u b'mod elettroniku mill-IRD. | Tlesta x-xogħol fuq is-sistema tal-IT u beda proċess ta' testing estensiv tas-sistema biex ikun żgurat li l-proċeduri kollha l-ġodda qed jaħdmu kif suppost. | Sar testing fuq l-applikazzjonijiet online. Il-miżura ġiet implimentata | Madwar 44,000 familja. | Implimentata |
| Issir applikazzjoni onlajn għaċ-ċertifikat U1 għall-ħaddiema li jkunu qed jaħdmu Malta u jtemmu l-impjieg tagħhom hawn Malta u jkunu se jirritornaw lejn pajjiżhom (speċjalment ħaddiema li ġejjin minn pajjiż tal-UE), jew inkella ħaddiema li jkunu se jemigraw f'pajjiż ieħor tal-UE għax ikunu sabu xogħol hemmhekk. | | Inbdew diskussjonijiet interni mal-MITA bi tħejjija għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura biex ikun maqbul il-pjan ta' implimentazzjoni. | Tħejja l-ewwel abbozz tal-applikazzjoni. | Sar testing tal-applikazzjoni onlajn mill-ħaddiema tat-Taqsima tar-Relazzjonijiet Internazzjonali (IRU) fi ħdan id-DSS b'kollaborazzjoni mal-MITA. | Madwar 1,000 persuna fis-sena. | Implimentata |

# MIŻURI OĦRA LI WASSLU GĦAL SIMPLIFIKAZZJONI

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jitneħħa l-bżonn li jiġu pprintjati Rapporti ta' Investigazzjoni li jintbagħtu mid-Dipartiment għall-Frodi u Investigazzjoni għall-Benefiċċji lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u b'hekk jitnaqqas ix-xogħol manwali kif ukoll l-użu ta' karti u linka. Il-proċess qed isir b'mod elettroniku. | Il-miżura daħlet fis-seħħ fl-aħħar ta' Jannar. | | | | | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA
U GVERN LOKALI

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Kull kawża ċivili tiswa ċertu ammont ta' flus li jkunu dovuti lir-Reġistru tal-Qorti kif ukoll lill-Avukati/Prokuraturi Legali li jkunu taw is-servizz tagħhom lill-partijiet fil-kawża. Jiġu introdotti sistemi elettroniċi ta' ħlasijiet biex wieħed jkun jaf kemm tkun qed tiswieh il-kawża tiegħu - kemm ikunu qed isiru spejjeż. | Beda jitwettaq xogħol fuq din l-inizjattiva mal-MITA. | Issuktaw il-laqgħat u sar testing meħtieġ. Hemm il-ħsieb li tiġi estiża fil-Qorti tal-Maġistrati għall-kawżi ċivili. | Saru taħditiet mal-Kamra tal-Avukati minħabba r-raġuni li l-idea hi biex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni tal-ispejjeż kif saru. | Sar iktar testing meħtieġ; wara li saru l-emendi neċessarji ġie varat il-proġett. | Il-Professjoni Legali, Avukati u Prokuraturi Legali, u l-partijiet involuti fil-kawża. | Implimentata |
| Installazzjoni u aġġornament ta' apparat ta' video conference fl-awla prinċipali biex tittieħed xhieda ta' tobba u persuni oħra li jkun aktar ta' benefiċċju għal kulħadd li jixhdu mill-post tax-xogħol tagħhom u b'hekk jitnaqqas l-iskariġġ u jitħaffef il-proċess ġudizzjarju. | Saru konsultazzjonijiet meħtieġa bejn il-partijiet involuti rigward ta' speċifikazzjonijiet meħtieġa minħabba l-ħruġ ta' tender. Ġie kkonsultat ukoll l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali rigward l-emendi fil-liġi li huma neċessarji biex tiġi implimentata din il-miżura. | Saru konsultazzjonijiet dwar kif ser tkun koperta l-ispiża u l-possibbiltà li saħansitra l-apparat jiġi akkwistat b'fondi tal-UE. | Tlesta l-istudju neċessarju u qed jiġi determinat f'liema awla ser jiġi installat l-apparat. Hemm ħsieb ukoll li tinxtara portable video conferencing. | Fiż-żmien li ġej ser tinħareġ is-sejħa neċessarja għall-fondi tal-UE fejn għandha ssir l-applikazzjoni mid-Direttorat tal-Affarijiet tal-UE fi ħdan il-Ministeru ta' Għawdex | Xhieda, bħal tobba u esperti tal-Qorti, ikunu jistgħu jixhdu mill-konvenjenza tal-post tax-xogħol tagħhom, mingħajr il-bżonn li jaħlu sigħat jistennew il-Qorti u jonqos l-iskariġġ | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Kif issir in-Notifika: Meta jiġi ppreżentat att ġudizzjarju li jrid jiġi notifikat lill-parti l-oħra, is-sistema għandha tkun li t-tentattivi ta' notifika jsiru b'mod awtomatiku u mingħajr ħtieġa ta' rikorsi ulterjuri. B'hekk jiġu evitati ħafna rikorsi u tul ta' proċedura għalxejn. Għal dan il-għan iridu jsiru emendi legali. | Saru diskussjonijiet meħtieġa u bdew isiru l- emendi legali neċessarji. Din ġiet imdaħħla f'abbozz ta' liġi iehor u li fih jinkorpora numru ta' proposti oħra. | Ix-xogħol min-naħa tad-Dipartiment tal-Qrati tal-Ġustizzja tlesta. Il-bidla fis-sistema tan-notifiki tidħol fis-seħħ ladarba jsiru liġi l-emendi proposti. | | Dan l-Abbozz qiegħed quddiem il-Parlament fi stadju ta' kumitat. Ix-xogħol min-naħa tal-Qorti twettaq. | Il-Professjoni Legali, Avukati u Prokuraturi Legali, u l-partijiet involuti fil-kawza. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Ħlas tal-Kawtela: Iċ-ċedola ta' depożitu li biha persuna tiddepożita l-flus ta' kawtela għandha tibda timtela mill-attwarji li huma l-uffiċjali inkarigati li jilqgħu l-atti tal-appell. Kopja taċ-ċedola tinżamm fil-proċess u l-oriġinali timxi għand is-subbasti. Meta l-appellant imur biċ-ċedola ta' depożitu tal-kawtela, li hija garanzija għall-ispejjez tal-appell , din timxi max-xogħol għand id-Deputati tar-Reġistru fejn meta jiffirmaw iċ-ċedola jittimbraw li l-kawtela tħallset. | Ġiet identifikata proċedura ġdida intiża biex jiġi evitat skariġġ żejjed billi appellant ma jkollux iktar bżonn imur f'erba' taqsimiet differenti biex iħallas il-kawtela u biex jitnaqqas ir-riskju li jinqabeż xi proċess. Wara, sar taħriġ tal-istaff involut u bdiet titħaddem il-proċedura l-ġdida. | | | | Ic-ċittadini li jiġu l-Qorti biex jagħmlu ċ-ċedoli ta' depożitu fil-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri. | Implimentata |
| Aċċess għall-atti mill-partijiet fil-kawża: Din l-inizjattiva hija maħsuba biex il-partijiet fil-kawża jistgħu jaraw il-kawża tagħhom online u b'hekk ikunu jistgħu jsegwu aħjar il-kawża tagħhom. L-aċċess għal online case għandu jsir permezz tal-e-id. | Sar xogħol mal-MITA fuq din l-inizjattiva | Tkompliet il-ħidma fl-iżvilupp tas-sistema u sar taħriġ dwarha lill-impjegati. | Sar it-testing meħtieġ. Il-proċessi kollha quddiem il-Qorti Ċivili ġew aġġornati f'din is-sistema. | | Il-Professjoni Legali, Avukati u Prokuraturi Legali. | Implimentata |
| Faċilità li l-avukati u prokuraturi legali jkollhom aċċess għall-history tan-notifiki li jkunu rċevew permezz tal-sms's u imejls: Din tgħin lill-avukat u lill-prokuratur legali jżomm ruħu aġġornat man-notifiki u digrieti li huma assocjati ma' ismu. | Sar xogħol fuq din l-inizjattiva mal-MITA. | Bdew jiġu identifikati sorsi oħra li għandhom ikunu aċċessibbli għall-professjoni legali. | Tkomplew il-laqgħat u beda x-xogħol ta' tfassil tal-programm. | Sar l-aħħar testing u s-sistema ġiet implimentata. | Il-Professjoni Legali, Avukati u Prokuraturi Legali. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Faċilità lill-avukati u prokuraturi legali fejn ikunu jistgħu jaraw l-atti kollha ppreżentati li huma assoċjati ma' isimhom. Din tgħin lill-avukati u lill-prokuraturi legali jkunu jafu xi ppreżentaw f'kull kawża li jkollhom u b'hekk ikunu jistgħu jżommu ruħhom aġġornati mal-kawżi u fiex ikunu waslu mingħajr ma jkollhom għalfejn imorru r-reġistru jaraw il-file fiżikament. | Beda jsir xogħol mal-MITA. | Tkompliet il-ħidma mal-MITA biex jiġu stabbiliti l-aħjar modi kif għandha tiġi implimentata din il-faċilità. | Sar xogħol fuq il-Lecam online fejn l-atti jew kawżi relatati mal-isem ta' Avukat jew Prokuratur Legali jitilgħu awtomatikament. | Din il-miżura tkun tista' tiġi implimentata ladarba jiġu magħluqa fażijiet oħra. | Il-Professjoni Legali, Avukati u Prokuraturi Legali, u l-partijiet involuti fil-kawża. | Fil-proċess li tġi implimentata. |
| Tagging ta' kawża li avukat jew prokuratur legali jista' jkollu interess fiha: din is-sistema ta' tagging tiffaċilita lill-avukat jew prokuratur legali li jekk għandu interess f'kawża jew kawżi partikolari huwa jiġi awtomatikament aġġornat bl-andament ta' dik il-kawża partikolari mingħajr ma joqgħod iżomm karti żejda. | Beda jsir xogħol mal-MITA fuq din l-inizjattiva. | Tkompliet il-ħidma mal-MITA biex jiġu stabbiliti l-aħjar modi kif għandha tiġi implimentata din il-faċilità. | Tkompliet il-ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura. | Din il-miżura tkun tista' tiġi implimentata ladarba jiġu magħluqa fażijiet oħra. | Il-Professjoni Legali, Avukati u Prokuraturi Legali, u l-partijiet involuti fil-kawża. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tibdil tal-indirizz tal-imejl u numri tal-mowbajl mill-Avukati u Prokuraturi Legali: Tingħata l-faċilità lill-avukati u lill-prokuraturi legali li jkunu jistgħu jibdlu n-numru tal-mowbajl u tal-indirizz tal-imejl tagħhom, meta jkun il-każ, u b'hekk ma jkollhomx għalfejn joqogħdu jidħlu l-Qorti u jikkomunikaw mal-iskrivani biex isir dan it-tibdil imma jagħmluh komodament mill-uffiċċji tagħhom. | Beda jsir xogħol mal-MITA fuq din l-inizjattiva. | Tkompliet il-ħidma mal-MITA biex jiġu stabbiliti l-aħjar modi kif għandha tiġi implimentata din il-faċilità. | Tkompliet il-ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura. | Din il-miżura tkun tista' tiġi implimentata ladarba jiġu magħluqa fażijiet oħra. | Il-Professjoni Legali, Avukati u Prokuraturi Legali, u l-partijiet involuti fil-kawża. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| Proġett pilota ta' suċċess kien dak applikat fuq is-seduta tat-Traffiku, preseduta mill-Maġistrat Dr Franesco De Pasquale LL.D. Is-suċċessi ta' dan il-proġett ser jiġu applikati wkoll fuq is-seduta tal-Familja, preseduta mill-Maġistrat Dr Antonio Giovanni Vella LL.D. L-għan huwa li l-proġett ikompli jibni fuq dak li diġà ġie mwettaq, biex iwassal għal aktar effiċjenza fis-servizz mogħti. | Bdew id-diskussjonijiet meħtieġa biex jinħareġ tender relattiv. | Ġie ppubblikat it-tender. | Twettqet it-tieni fażi tal-proġett pilota | | Il-Professjoni Legali, Avukati u Prokuraturi Legali, u l-partijiet involuti fil-kawza. | Implimentata |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tneħħija tal-użu tal-e-ID meta wieħed jippreżenta b'mod elettroniku Avviż tat-Talba fit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar. L-għan hu li jiġi ffaċilitat il-mod kif talbiet fit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar jiġu mressqa quddiem dan it-Tribunal bl-użu tal-informatika. | | | Tneħħa r-rekwiżit li tintuża l-e-ID biex wieħed jippreżenta t-talba tieghu quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar u b'hekk issa wieħed jista' jippreżenta din it-Talba mill-kumdità ta' daru billi sempliċiment jidħol fil-website u jimla l-formola tat-Talba minn fuq il-kompjuter. | | Il-Professjoni Legali, Avukati u Prokuraturi Legali u l-pubbliku. | Implimentata |
| Scanning ta' proċessi li jkunu waslu għal ġuri: Proċessi li jkunu ntbagħtu mingħand l-Avukat Ġenerali lill-Qorti Kriminali biex ikunu appuntati għal ġuri jiġu scanned u kopja tagħhom tingħata fuq CD lill-partijiet konċernati. B'hekk is-sistema ssir aktar effiċjenti u jkun hemm anqas ħela ta' karti. | Bdew diskussjonijiet mal-impjegati biex tinstab l-aħjar sistema dwar kif tista' tiġi implimentata din il-miżura. | Saret evalwazzjoni tal-ideat imressqa biex jiġi determinat liema hi l-aħjar sistema. | Tħejja l-apparat neċessarju biex bdiet tiġi operata din is-sistema. | | Il-Professjoni Legali, Avukati u Prokuraturi Legali u l-pubbliku. | Implimentata |
| Direttorju generali tan-numri tat-telefown tal-Qrati tal-Ġustizzja jibda jkun disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Ġustizzja. B'hekk il-pubbliku jkun jista' jċempel dirett fid-diversi uffiċċji u lid-diversi impjegati tal-Qorti mingħajr ma jkollu bżonn jinqeda bil-linja ġenerali li ħafna drabi tkun okkupata minħabba n-numru kbir ta' telefonati li jidħlu kuljum. | Bdiet tiġi aġġornata l-lista tan-numri ta' kull sezzjoni. Il-lista ttellgħet fuq is-sit elettroniku tal-Ġustizzja. | | | | Il-pubbliku li jkun irid jagħmel kuntatt ma' diversi taqsimiet tal-Qrati tal-Ġustizzja. | Implimentata |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Sistema Elettronika ta' xiri ta' xogħlijiet, Prodotti u Servizzi. Il-Qorti se tibda tuża sistema elettronika tad-Dipartiment tal-Kuntratti biex tixtri l-bżonnijiet tagħha. Din is-sistema se tintuża kemm għall-ħruġ ta' tenders dipartimentali kif ukoll għall-ħruġ ta' talbiet ta' stimi. | Ġie ppreparat tender bi prova fuq l-EPPS. | L-impjegati attendew għal taħriġ biex b'hekk is-sistema qiegħda titħaddem b'suċċess. | | | Suppliers u Kuntratturi | Implimentata |
| Jiġi installat apparat ta' Video Conferencing f'Awla 14 biex ikun possibbli li tittieħed xhieda minn barra minn Malta u ta' individwi li ma jkunux jistgħu jattendu l-Qorti għal diversi raġunijiet. Jinxtara wkoll apparat ta' Video Conferencing Portable sabiex ikun jista' jintuża fejn meħtieġ. B'hekk sa fejn hu possibbli s-seduti fil-kawżi jsiru u ma jitwalux bla bżonn minħabba li xhieda ma jkunux jistgħu jiġu personalment il-Qorti. Jissaħħah l-apparat ta' Video Conferencing fit-Training Room. | Tlesta l-istudju neċessarju dwar dan l-apparat. Jrid jiġi determinat f'liema awli minn dawk ġodda ser jiġi installat. | Inbeda d-drafting ta' speifications tal-apparat sabiex jinħareġ tender. | Saru diversi laqgħat biex tiġi diskussa r-ridimensjoni tal-proġett. | Ser jinxtraw żewġ units ta' Video Conferencing portable li ser jintużaw fl-awli fejn meħtieġ. Tender ser tinħareġ lejn l-aħħar tas-sena. | Xhieda li ma jkunux jistgħu jigu personalment il-Qorti jkunu jistgħu jixhdu permezz ta' dan l-apparat. | Fil-proċess li tġi implimentata |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Sentenzi moghtija fil-Qrati Maltin ikunu aċċessibbli għal staff fil-Qorti ta' Ghawdex, filwaqt li sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Għawdex ser ikunu aċċessibbli għal staff tal-Qorti ta' Malta. | | Twettaq xogħol mill-MITA wara li saru konsultazzjonijiet meħtieġa. Sar iċċekkjar min-naħa tal-Qorti li s-sentenzi issa huma aċċessibbli mill-istaff kollu kemm ta' Malta kif ukoll ta' Ghawdex. Dan għandu jnaqqas ħafna xogħol żejjed li kien qed isir biex wieħed jara minn Malta s-sentenzi mogħtija minn Qrati ta' Għawdex. | | | Avukati, Prokuraturi Legali u ċittadini li jkollhom bzonn ta' informazzjoni u b'hekk ikunu jistgħu jinqdew kemm mill-Qorti ta' Malta u kemm mill-Qorti ta' Għawdex. | Implimentata |
| Bdejna l-implimentazzjoni tad-delegazzjoni ta' Funzjonijiet tal-Lecam minn fuq il-MITA ghal fuq id-Direttorat taċ-Ċivil fil-Case Management Module. B'hekk issa t-tibdil rikjest f'kawzi li jkunu ngħalqu aktar minn sena ilu, aġġornament ta' dettalji ta' kawżi ċivili, u tħassir ta' data dwar seduti li jkun għadu ma sar xejn fihom jibda jsir minn uffiċjali għolja fid-Direttorat taċ-Ċivil. Din l-inizjattiva sservi biex titnaqqas il-burokrazija li tinħoloq kull darba li jkun hemm bżonn li jitranġaw żbalji fil-case management system. | | Saru laqgħat mal-MITA dwar din l-inizjattiva, kif ukoll taħriġ biex l-uffiċjali tad-Direttorat ikunu familjari mal-użu ta' din is-sistema. | | | Il-pubbliku | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tkomplija ta' delegazzjoni ta' funzjonijiet tal-Lecam fi tliet modules ohra: Acts Module, Ċedoli Module u Fines Module. Korrezzjonijiet li qabel kienu jsiru mill-MITA issa ser jibdew isiru mill-uffiċjali tad-Direttorat tac-Ċivil. | | Saru laqgħat mal-MITA matul Mejju biex jiġu identifikati l-funzjonijiet li jistghu jigu ddelegati.<br><br>Il-miżura daħlet fis-seħħ. | | | Il-pubbliku | Implimentata |
| Tigi introdotta sistema onlajn ghal talbiet ghar-revizjoni ta' decizjonijiet amministrattivi quddiem it-Tribunal tal-Amministrazzjoni. Il-ħlas tad-drittijiet ukoll isir onlajn. | | | Saru laqgħat mal-MITA u l-Maġistrati li ppresedew fit-Tribunal biex jitħejja pjan ta' ħidma. L-emendi legali dahlu fis-sehh u ġew ippubblikati permezz ta' Avviż Legali. | | Il-Professjoni Legali, Avukati u Prokuraturi Legali. | Implimentata |
| Nipprovdu lill-klijenti tagħna kopja kkulurita tal-pjanti li jkunu annessi mal-Att Notarili. B'hekk neliminaw il-bżonn li l-pubbliku jkollu jagħmel tracing tal-pjanta u tiġi evitata kull tip ta' ħsara li tista' tinħoloq lill-volum. Inkunu qegħdin neliminaw ukoll il-bżonn li persuna minn ħdan id-Dipartiment ikollha titla' tixhed u tippreżenta l-volum li minnu tkun ittieħdet il-kopja biex tivverifika l-pjanta kkupjata. | Inbeda x-xogħol għat-twettiq ta' din il-miżura u ġew riveduti l-proċeduri interni.<br><br>Il-miżura ġiet implimentata. | | | | Nutara u membri tal-pubbliku li jkollhom bżonn kopja ta' pjanta kkulurita. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jiġu riveduti proċessi interni bil-għan li jwasslu għal ċentralizzazzjoni ta' volumi ġewwa l-Arkivji. Dan jgħin biex jitnaqqsu spejjeż relatati mat-trasport biex persuni jiġbru l-volumi jew jaċċessawhom mill-Qorti. | Bdew it-tħejjiet għat twettiq ta' din il-miżura. Ġew identifikati l-volumi li jridu jinġabru mill-Qorti u nbeda l-proċess ta' indiċjar fl-Arkivji. | Il-proċess ta' ċentralizzazzjoni tlesta. Il-miżura ġiet implimentata. | | | Nutara u membri tal-pubbliku jkollhom aċċess għall-kuntratti bla dewmien u ma jkunux iridu jirrikorru għand in-Nutar innifsu. | Implimentata |
| Lotterija Fiskali tal-VAT: L-Urna tinsab preżentament bil-ħsara u għalhekk hemm bżonn li tiġi identifikata sistema oħra tat-tlugħ. Hemm ukoll il-bżonn li jiġu aġġornati r-regolamenti relatati mat-tlugħ tal-irċevuti biex dawn jiġu simplifikati u preżentati b'mod aktar ċar. | Instabet sistema oħra ta' kif l-irċevuti tal-VAT għandom jittellgħu. Ġew identifikati r-regolamenti li għandhom jiġu emendati. Ġew ippreparati l-emendi neċessarji u dawn ser jiġu preżentati lill-Ministeru tal-Finanzi għall-approvazzjoni qabel ma jiġu preżentati lill-Avukat Ġenerali. | Kompla għaddej ix-xogħol flimkien mal-Avukat Ġenerali u l-Ministeru tal-Finanzi. | Tkomplew il-laqgħat mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u l-emendi qegħdin fi stadju avvanzat. | L-abbozz tar-regolamenti huwa lest u ġie ppreparat avviż legali li permezz tiegħu ser jidħlu dawn l-emendi l-ġodda. | Il-pubbliku li | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Diġitazzjoni ta' kuntratti: L-idea hija li l-kuntratti li preżentament huma photocopied jiġu skenjati u miġbura f'database. B'din is-sistema l-pubbliku jkun qed jingħata servizz aktar effiċjenti filwaqt li fl-istess ħin inkunu qed nillimitaw l-użu ta' aktar volumi. | Rajna x'sistemi jeżistu u jitwettqu fl-iqsar żmien. Ġiet ukoll ikkunsidrata sistema simplistika ta' diġitazzjoni b'kamera u sistemi anċillari oħra. Saru laqgħat sabiex jiġu eliminati fotokopji bl-anqas spejjeż possibbli. Beda x-xogħol fuq 3 kabini biex jinġibdu r-ritratti. | Wara diversi laqgħat ġie deċiż li l-aktar sistema effiċjenti kienet dik ta' scanning. Ġie organizzat spazju meħtieġ għal dan il-proċess. | Id-Digitisation Room tlestiet u bdejna noperaw b'testing. | Iddaħħlet network sabiex tiġi installata Nasdrive biex jinġabru fiha dokumenti skenjati. Din is-sistema qed topera. | In-Nutara u l-pubbliku li jordnaw il-kuntratti. Jitnaqqsu l-ispejjez sabiex issir manutenzjoni tal-volumi mill-Gvern. | Implimentata |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Introduzzjoni ta' sistema elettronika li permezz tagħha jiġu mħaddma proċeduri ta' xiri fi ħdan il-Ministeru. Din is-sistema (E-PPS) ġiet imwaqqfa u hija regolata mid-Dipartiment tal-Kuntratti fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi. | Saru sessjonijiet ta' taħriġ għall-impjegati fi ħdan il-Ministeru tagħna. | Kull min hu involut ingħata l-opportunità ta' taħriġ. | | | Kull min japplika għal tender. | Implimentata |
| Twaqqif ta' sistema ta' customer care/ liaison officer biex iservi ta' one-stop shop u tiffaċilita l-aċċessibilità għal numru ta' servizzi offruti mid-Direttorat. | Uffiċjal tad-Direttorat ġie inkarigat biex iservi ta' liaison officer biex iservi s-sistema tal-one-stop shop. | | | | Ministeri, dipartimenti, entitajiet u pubbliku | Implimentata |
| Daħlet fis-seħħ il-ligi dwar ir-riforma fil-qasam tal-abbuż tad-droga li għandha tissimplifika sew il-proċeduri dwar ammonti żgħar ta' sustanzi projbiti għall-użu personali. Fil-każ ta' pussess sempliċi u ta' kwantitajiet żgħar ta' taħt 2 grammi jew 2 pilloli projbiti u fil-każ ta' marijuana 3.5 grammi ma baqax meħtieġ il-kunsens tal-Avukat Ġenerali biex il-persuna titressaq il-Qorti. Din titressaq quddiem Kummissarju tal-Ġustizzja sakemm ma jkunx hemm akkużi oħra li jkunu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qrati. | | Daħlet fis-seħħ il-liġi dwar ir-riforma fil-qasam tal-abbuż tad-droga. | | | Dawk kollha li jinqabdu b'ammonti żgħar ta' sustanzi projbiti li jkunu għal użu personali. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Avukati li jaħdmu fil-Kumpaniji tas-Servizzi Finanzjarji jistgħu jagħtu ġuramenti huma stess u m'hemmx għalfejn imorru għand nutar barra l-uffiċċju tagħhom. | | | Din il-miżura ġiet implimentata fuq bażi ta' prova. | | Avukati | Implimentata |

# MIŻURI OĦRA LI WASSLU GĦAL SIMPLIFIKAZZJONI

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Formoli Online (eż. Leave, Maternità, Parental etc.) | Identifikazzjoni tal-formoli li ser jittellgħu online. Diskussjonijiet biex tintgħażel l-aħjar sistema. | L-staff tas-Servizzi Korporattivi għamel update tal-formoli. Ġie deċiż li jsiru laqghat ma' minn hu responsabbli mill-HR fi ħdan il-Ministeru ħalli nintroduċu uniformita' f'dawn il-formoli u ninsistu li jiddaħħlu ċertu affarijiet mistennija bħad-disclaimer tad-Data Protection, eċċ. Suġġett ieħor li ser niddiskutu hu kif nissimplifikaw ċertu miżuri fejn jidħol HR. | Sar forum biex jkun hemm konformita' ta' formoli użati fi ħdan il-Ministeru kollu u qbil dwar x'ser jittellà onlajn. | Il-formoli kollha identifikati għaddew għand l-IMU u ttellgħu fis-sistema. | L-impjegati fi ħdan l-MJCL. | Implimentata |
| Introduzzjoni u tkabbir ta' proċessi bl-użu tal-IT (bħal scanning ta' dokumenti, użu tal-emails minflok ittri bil-posta, eċċ.) bil-għan li jiġu simplifikati l-proċeduri interni mħaddma mid-Dipartiment konċernat. | Il-proċessi kollha li jistgħu jsiru bl-użu tal-IT bdew jiġu implimentati b'dan il-mod. | | | | Amministrazzjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja, Faċilità Korrettiva ta' Kordin. | Implimentata |
| Reviżjoni ta' proċessi u proċeduri, inkluż formularji, sabiex ikunu aktar user-friendly | Ġew evalwati l-proċessi sabiex ikunu aktar user-friendly | Ġiet introdotta Standard Operational Procedure | | | Key stakeholders bħall-Qrati, l-Uffiċċju tal-Avukat Generali, ecc. | Implimentata |

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Simplifikazzjoni fil-proċess tal-applikazzjoni għall-imwejjed u siġġijiet fuq art pubblika. | Il-kumitat interministerjali kompla l-laqgħat tiegħu fuq il-produzzjoni tad-dokument tal-policy. Gew diskussi materji li kienu għadhom mhux riżolti u beda x-xogħol fuq reviżjoni finali tad-dokument "Policy & Design Guidelines". Ġew ippreparati u ppubblikati l-objettivi tal-policy mill-MEPA għall-konsultazzjoni pubblika. | Tkomplew il-laqgħat biex jiġu diskussi l-kummenti tal-pubbliku mill-konsultazzjoni, u ttieħdu inkunsiderazzjoni. Ġie finalizzat abbożż tal-Policy u ġie ppreżentat lill-Bord Prinċipali tal-MEPA. | Saru diskussjonijiet Ministerjali għall-finalizzazzjoni tad-dokument. Il-policy ġiet ippubblikata għal konsultazzjoni pubblika mill-MEPA, mill-Ministeru għat-Turiżmu u mill-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura. | Saru seminars ta' Informazzjoni, fosthom mal-MHRA. Il-kumitat qed idur ir-rispons li nġabar mill-konsultazzjoni pubblika biex jiġi evalwat. | Medja ta' 120 applikant (stabbiliment) kull sena. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Simplifikazzjoni għal reviżjoni tal-liġijiet u regolamenti fit-turiżmu. Dawn jinkludu Kap 409, Kap 409.01 sa Kap 409.17. | Il-kumitat iltaqa' diversi drabi biex jibda r-reviżjoni tal-liġi. Il-liġijiet kollha, b'mod partikolari. Kap 409 sa Kap 409.17, ġew riveduti biex il-proċessi kollha jiġu simplifikati. | Il-progress tar-reviżjoni baqa għaddej biex jiġu mfassla l-ewwel abozzi u jiġu mressqa għall-konsultazzjoni. | F'Settembru bdew il-konsultazzjonijiet ma' xi korpi kostitwiti l-iktar effettwati mit-tibdil. | L-abozzi ġew imfassla kollha ħlief għall-parti tal-leġiżlazzjoni li tirrigwarda ħlasijiet u kontribuzzjonijiet tal-operazzjonijiet turistiċi kollha. Fl-istess waqt komplew il-konsultazzjonijiet mal-korpi kostitwiti u l-abozzi ġew mgħoddija lill-Ministeru tat-Turizmu għall-kunsiderazzjoni. Il-proċess ser ikompli biex titlesta il-leġiżlazzjoni pendenti kif ukoll biex tinbeda l-konsulatzzjoni pubblika. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Introduzzjoni ta' sistema ġdida kompjuterizzata għal-liċenzjar. | Ġew evalwati l-offerti u ngħata t-tender. Bdew isiru l-laqgħat interni fi ħdan l-Awtorità mal-persuni u d-dipartimenti konċernati kif ukoll mal-kuntrattur biex jinbeda x-xogħol fuq il-proġett. Inġabret parti kbira mill-informazzjoni neċessarja dwar is-sistema eżistenti biex il-kuntrattur ikollu idea ċara tal-proċessi li jsiru attwalment. | Komplew isiru wkoll laqgħat tekniċi mal-kuntrattur biex tinġabar l-informazzjoni kollha neċessarja biex jitkompla x-xogħol fuq il-proġett. Il-proċess tat-tindif u verifika tad-data tlesta b'suċċess. Il-proċess ta' Screen Design u User Management beda u tlesta skont il-pjan. Il-proċess ta' scanning tal-files fiżiċi mill-2015 qiegħed f'livell avvanzat. Il-proċess biex is-sistema tiġi ttestjata mal-Payment Gateway tal-Gvern beda wkoll. | Tlesta b'suċċess l-ewwel 'User Acceptance Testing' skont il-pjan. Saru applikazzjonijiet biex is-sistema msemmija tigi mqabbda mal-Payment Gateway, CDR and EID' tal-Gvern b'għajnuna tal-MITA. Analiżi dettaljat ta' kif jinħadmu l-liċenzji sar u ġie implementat fis-sistema msemmija. It-tieni User Acceptance Testing tlesta b'suċċess. | Beda l-process ta' migrazzjoni tad-data. Komplew isiru laqgħat tekniċi mal-kuntrattur u n-nies konċernati fi ħdan l-awtorità biex tkompli tinġabar l-informazzjoni kollha neċessarja biex jinħadem x-xogħol fuq il-proġett. It-tielet 'User Acceptance Testing' u l- proċess ta' migrazzjoni qegħdin f'livell avvanzat. | Impjegati pubbliċi u l-pubbliku. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Ser inkunu qegħdin nippromovu lil Malta u Għawdex permezz ta' diving master plan wieħed. | Bdew isiru laqgħat mal-Ministeru t'Għawdex. Beda jiġi diskuss il-proġett ta' scuttling tal-patrol boat P33 f' Għawdex - b'enfasi fuq diskussjonijiet mal-MEPA, kif ukoll l-amalgamazzjoni u l-updating tal-master plans t'Għawdex u ta' Malta. | Tkompla l-proċess ta' studju tal-patrol boat u bdew isiru stimi biex issir din l-amalgamazzjoni bejn iż-żewġ studji. | Tkompla l-proċess ambjentali fuq il-proġett tal-iscuttling tal-patrol boat f'Għawdex. Tkomplew id-diskussjonijiet fuq il-pjan tad-diving f'Għawdex. | Bdew diskussjonijiet mal-awtur originali tal-pjan għad-diving ta' Malta u ta' Għawdex sabiex jiġi determinat l-ammont ta' xogħol li huwa rikjest sabiex isir l-update u l-amalgamazzjoni. Huwa maħsub li fil-bidu tas-sena 2016 jibda x-xogħol tal-amalgamazzjoni tad-dokument. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Check-in fuq l-internet u l-mobile | In-numru ta' ajruporti minn fejn check-in online huwa possibbli qed jiġi miżjud minn trimestru għal ieħor. | Ġew identifikati l-ajruporti li fihom tista' tiġi introdotta din il-faċilità ta' check-in. | Qed naħdmu biex jiġu inklużi l-ajruporti kollha ewlenin u sekondarji. | In-numru ta' ajruporti minn fejn onlajn check-in onlajn huwa possibbli qed jiġi miżjud minn trimestru għal ieħor. Qed naħdmu sabiex jiġu inklużi l-ajruporti kollha ewlenin u sekondarji. | Il-passiġġieri kollha li jivvjaġġaw minn ajruporti fejn dan huwa possibbli. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| Through check-in | Il-miżura daħlet fis-seħħ fl-ewwel kwart tas-sena. | | | | Il-passiġġieri kollha | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-INTERN
U S-SIGURTÀ NAZZJONALI

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Simplifikazzjoni ta' applikazzjonijiet tal-Visas ta' plejers barranin. | Saru numru ta' laqgħat interni fi ħdan Identity Malta kif ukoll ma' Uffiċjali tal-Ministeru biex jiġu deċiżi l-proċeduri. Wara bdew id-diskussjonijiet mal-Malta Football Association (MFA) biex tiġi magħrufa s-sitwazzjoni tal-entità sportiva. Tkomplew il-laqgħat fejn ġew diskussi problemi li qed jesperjenzaw l-MFA u Identity Malta kif ukoll soluzzjonijiet possibbli. | Tkomplew id-diskussjonijiet interni kif ukoll mal-Malta Football Association biex jiġu identifikati s-sistemi u l-proċessi li hemm bzonn kambjamenti fihom, inkluż l-aspett legali. Ġie fformulat dokument li jindika biċ-ċar il-proċeduri li jridu jiġu segwiti mill-għaqdiet sportivi. | Bdew id-diskussjonijiet meħtieġa f'kull livell rigward is-suġġerimenti li saru fid-dokument li ġie fformulat. | Qed issir evalwazzjoni sabiex tiġi deċiża l-implimentazzjoni tas-suġġerimenti li ngħataw u kif ser jaffettwaw l-istrateġija ta' sezzjonijiet oħrajn li ser ikunu qed jieħdu sehem. | Plejers ta' kull sport li jkunu qed joffru s-servizzi tagħhom f'Malta. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Ċittadinanza - Jitnaqqsu l-kjuwijiet fid-dipartiment u jitqassar il-proċess ta' ħruġ ta' permessi. Ir-refuġjati jinqdew aħjar u jitnaqqsu kjuwijiet mid-Dipartiment. | Infetaħ ċentru f'Ħal Far biex il-klijenti jkunu jistgħu jinqdew minn din il-lokalità u jitnaqqas l-influss ta' nies li jmorru fl-uffiċini ta' Evans Building. Ġew impjegati aktar ħaddiema. Ġew analizzati l-proċessi tal-entità biex jissaħħu l- proċessi. | Saru kambjamenti strutturali relatati mal-uffiċini kif ukoll kambjamenti fl-ipproċessar tax-xogħol. Sar taħriġ lill-ħaddiema u nfetħu postijiet ġodda fejn il-klijenti jistgħu jinqdew. | Tnieda servizz ta' Front Office għall-applikanti Ewropej u nħatru uffiċjali ġodda fil-Customer Care. Bdew diskussjonijiet sabiex jiġu riveduti wkoll l-applikazzjonijiet. | Kompla jiġi estiż is-servizz fi bnadi oħra partikolarment għall-istudenti, postijiet tax-xogħol, l-isptar u entitajiet oħra. Tnaqqas iż-żmien tal-ipproċessar ta' permessi li jittrattaw xogħol u residenza minn dawk il-persuni li jkunu għadhom barra l-pajjiż. | Ċittadini tal-Unjoni Ewropea u ċittadini ta' pajjiżi varji li jkollhom bżonn dan is-servizz f'Malta. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jinbena programm ġdid ta' riċerki b'mod elettroniku li jissostitwixxi dak eżistenti biex il-klijenti jinqdew aħjar. | Saru studji fuq il-proċessi li kienu qed jintużaw biex il-klijenti tas-sistema jingħataw stampa tas-sistema l-ġdida. Minħabba s-sitwazzjoni prekarja tas-sistema kellhom isiru ħafna laqgħat tekniċi fi żmien qasir ħalli jiġu solvuti l-problemi fl-immedjat qabel titfassal strateġija fit-tul. Saru wkoll laqgħat fuq l-aspett finanzjarju tas-sistema l-ġdida. Tfasslet strateġija biex il-proġett jimxi b'mod strutturat. | Tkomplew il-laqgħat mill-aspett tekniku u amministrattiv dwar is-sistema meħtieġa. Rigward leġiżlazzjoni, saret riċerka fuq il-liġijiet attwali li għandhom x'jaqsmu mal-insinwar tan-noti, li sal-lum jista' jsir biss manwalment, bl-iskop li jseħħu l-emendi meħtieġa u b'hekk ikun hemm il-possibbiltà li jintużaw sistemi elettroniċi. | Ingħatat l-approvazzjoni biex issir l-ordni tal-apparat meħtieġ. Ġew ifformolati t-tenders meħtieġa f'dan ir-rigward. Beda t-testing fuq is-sistema. Rigward leġiżlazzjoni ġie deċiż li dan l-aspett ikun diskuss u jsiru l-emendi meħtieġa ladarba l-programm tal-IT ikun lest. | L-ewwel fażi tal-proġett issa tlestiet. Sar l-ittestjar u t-trasferiment ta' informazzjoni mis-sistema l-antika għall-gdida. Tlestiet ukoll l-istallazzjoni ta' servers u storage fejn se tiġi mqiegħda s-sistema u d-data. Inbeda t-testing mal-Kunsill Notarili li huma stakeholders prinċipali tas-sistema. | Malta u Għawdex hawn irreġistrati bejn wieħed u ieħor 125 nutar (Gazzetta tal-Gvern - Jannar 2015). | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Reviżjoni tas-sistema ta' procurement biex tiġi implimentata sistema aktar effiċjenti u kkontrollata. | Saru laqgħat mal-Management Efficiency Unit (MEU) biex titfassal sistema ta' xiri u inventarju. Ġie appuntat uffiċjal mill-MEU biex jagħmel ir-riċerka u t-tfassil tas-sistema. Saru laqgħat mal-Uffiċċju taċ-Chief Information Officer biex jassisti f'dan il-proġett. | Tkomplew il-laqgħat bejn id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, il-Management Efficiency Unit (MEU) u l-MITA dwar din il-miżura. L-MEU ppreżentat rapport dwar is-sistema li għandha tiġi mħaddma, liema rapport ġie diskuss u ffirmat. Tkomplew il-laqgħat mal-fornituri tas-sistemi tal-inventarji u mal-Ministeru tal-Intern u s-Siġurtà Nazzjonali. | Tkompla x-xogħol mill-MEU kif ukoll laqgħat mal-entitajiet/dipartimenti oħra li huma involuti. | Saru żjarat fi stazzjonijiet tat-tifi tan-nar biex issir evalwazzjoni tat-tip ta' xiri li jsir. Ġew introdotti sistemi hekk kif irrakkomandat mill-MEU. L-MEU għadhom għaddejjin bl-istudji tagħhom biex jaraw jekk hemmx lok ta' aktar riformi dwar ix-xiri u kontrolli. | Il-ħaddiema tal-Protezzjoni Civili (imma l-effiċjenza ser igawdu minnha dawk li ser jirrikorru għas-servizz tad-Dipartiment). | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Twaqqif ta' Procurement Office fil-Ħabs ta' Kordin u ħolqien ta' sistema ta' procurement effiċjenti u kkontrollata. | Ġiet ippubblikata sejħa biex jiġu impjegati żewġ Purchasing Officers fil-Faċilità Korrettiva. Saru laqgħat mal-MEU biex jiġu diskussi l-bżonnijiet relatati max-xiri u hekk tiġi maħluqa sistema kompjuterizzata. Ġie diskuss il-ħsieb li tinħareġ sejħa għal Procurement Manager. | Saru diskussjonijiet mal-MEU fejn saret analiżi tal-bżonnijiet li jkollha l-Faċilità Korrettiva rigward procurement. Inħasset il-ħtieġa li tibda titħaddem ukoll sistema kompjuterizzata. Saru l-intervisti biex jiġu ingaġġati l-Procurement Officers. | Tkompla x-xogħol għat-twettiq ta' din il-miżura. | Żewġ Procurement Officers ġew ingaġġati u b'hekk ix-xiri ser jibda jsir minn sors wieħed. Beda jiġi ppjanat it-taħriġ li ser ikun hemm bżonn u bdew diskussjonijiet rigward l-ingaġġ ta' Procurement Manager. | Ir-residenti tal-Faċilita' | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Simplifikazzjoni ta' reġistrazzjoni ta' mwiet. | Saru numru ta' laqgħat biex tiġi evalwata l-possibbiltà li dan il-proġett iseħħ fuq l-istess linji tar-reġistrazzjoni tat-twelid. Saru diskussjonijiet mal-Avukat Ġenerali minħabba l-aspett legali. | Saru numru ta' laqgħat mal-Avukat Ġenerali rigward xi klawsoli fejn kien hemm ix-xewqa li jkun hemm emendi fil-liġi. Sar dokument biex jitressaq quddiem il-Kabinett rigward ir-reġistrazzjoni tal-imwiet u tat-twelid. | Ġie deċiż li r-reġistrazzjoni tal-imwiet tiġi amalgamata mar-reġistrazzjoni tat-twelid u allura saru diversi analiżi tekniċi f'dan ir-rigward. Minħabba t-tisħiħ tas-sistema l-ġdida tar-Reġistru Pubbliku, biex ma jinħolqux spejjeż u xogħol żejjed, qed isiru xi konsiderazzjonijiet biex kollox jiġi amalgamat f'sistema waħda. Ġiet mitluba l-għajnuna tal-Avukat Ġenerali fuq l-aspett legali minħabba l-bżonn ta' xi emendi. | Tkompliet il-ħidma biex kollox jiġi integrat fis-sistema l-ġdida tar-Reġistru Pubbliku. | Ċittadini Maltin, tal-Unjoni Ewropea u ċittadini ta' pajjiżi varji li jkollhom bżonn dan is-servizz ġewwa Malta. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Simplifikazzjoni fil-proċess, ħruġ u manutenzjoni ta' eID accounts. | Ġie deċiż li jsir reklamar fuq skala nazzjonali biex ikun hawn għarfien kif ser titħaddem is-sistema. Saru numru ta' laqgħat dwar l-aspett tekniku u finanzjarju. Il-PIN beda jintbagħat issiġillat u sikur hekk kif joħroġ mis-sistema u mhux joqgħod jiddaħħal f'envelop fejn ġew frankati ħafna ħin u spejjeż. | Twettqet konsultazzjoni ma' dawk kollha li ser ikollhom sehem f'din il-miżura fejn ġew miġbura proposti u suġġerimenti. Dawn ser issirilhom analiżi teknika mill-Aġenzija u l-MITA. Ittieħdet id-deċiżjoni li jiġi revedut il-mod kif tiffunzjona l-portal u l-awtentikazzjoni tas-sistema biex tkun aktar versatili għall-użu tal-pubbliku. Saret talba għal fondi sabiex ix-xogħol jitkompla fl-2016. | Tkompla x-xogħol amministrattiv relatat mal-approvazzjoni tal-fond u saru aktar diskussjonijiet fuq din il-miżura. | Saru xi laqgħat tar-Review Board tal-proġett. L-użu tal-eID ser jiġi mibdul għal sistema li hija aktar faċli biex tintuża'. L-integrazzjoni ta' din is-sistema se tkun indipendenti mis-sistema tal-eID. | Iċ-ċittadini Maltin | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Sistema ġdida kompjuterizzata ta' kif jinżammu d-dokumenti dwar il-ħażna ta' munizzjon u uniformijiet. | Saru numru ta' laqgħat mal-MEU biex titfassal sistema li taqdi l-ħtiġijiet tal-Armata f'dan ir-rigward. Tfassal it-terms of reference għall-approvazzjoni tal-Armata. Fuq dawn it-termini, l-MEU ser tkun qed tfassal is-sistema li ser tiġi maħluqa. | Ġew approvati t-terms of reference għall-istudji mill-MEU u l-Forzi Armati. L-istudji meħtieġa bdew jitwettqu u tlestew. Ir-rapport tal-istudju għadda għand l-amministrazzjoni tal-Forzi Armati biex jiddiskutu l-kontenut. Saru diveri laqgħat ma' membri tal-Forzi Armati li jħaddmu s-sistema manwali. | Il-Forzi Armati bdew diskussjonijiet interni mal-partijiet interessati biex jitfasslu d-disinn u l-ispeċifikazzjonijiet tas-sistema l-ġdida. Beda t-tfassil tat-tender relatat mal-programm u l-apparat meħtieġ. | Tkompla x-xogħol amministrattiv relatat mat-tender u l-Forzi Armati ħadet din l-opportunità biex testendi l-proġett fuq l-imħażen kollha tagħha u mhux biss għall-munizzjon u l-uniformijiet. | Il-Membri tal-Forzi Armati (bejn wieħed u ieħor/madwar 2300 ruħ) | Implimentata |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Sistema aktar effiċjenti tat-tiswijiet tal-vetturi fil-FAM. | Saru numru ta' laqgħat mal-MEU biex titfassal sistema li tkun aktar effiċjenti rigward l-inventarju meħtieġ fir-rigward tat-tiswijiet tal-vetturi. Tfassal it-terms of reference għall-approvazzjoni tal-Armata. Fuq dawn it-termini, il-Management Efficiency Unit ser tkun qed tfassal is-sistema li ser tiġi maħluqa. | Ġew approvati t-terms of reference għall-istudji mill-MEU u l-Forzi Armati. Ir-rappreżentant tal-MEU beda l-istudji tiegħu fejn anki ltaqa' ma' membri tal-Forzi Armati li huma involuti fit-tiswijiet tal-vetturi. L-istudju tlesta u ntbagħat għall-approvazzjoni tal-Forzi Armati. | L-MEU lestew l-istudji meħtieġa u r-rapport għadda uffiċjalment għand il-Forzi Armati għal aktar diskussjonijiet fil-livelli amministrattivi. | Bdew jiġu implimentati xi miżuri li ħarġu mir-rapport tal-MEU. Tkompla x-xogħol amministrattiv fuq it-tender relatat ma' spare parts sabiex ikun hemm skorta adekwata. Żdiedet il-komunikazzjoni bejn il-Vehicle Workshop f'Ħal Safi u l-Motor Transport Section fir-Reġiment biex tiġi fformulata lista ta' prijorità. | Il-Membri tal-Forzi Armati u indirettament dawk li jkollhom bżonn is-servizzi tagħhom. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Miżuri ta' Ristrutturar fl-AWAS. | Bdew il-laqgħat biex tiġi stabbilita l-istrateġija tar-riorganizzazzjoni tal-AWAS. | Saret laqgħa biex l-AWAS tippreżenta lill-MHAS il-proposti dwar ir-ristrutturar. F'April inħatar CEO għall-Aġenzija fejn bdew jiġu implimentati miżuri ulterjuri rigward ir-riorganizzazzjoni. Inħatar ukoll Human Resources Coordinator fejn bdiet il-ħidma rigward proċeduri tar-riżorsi umani. Ġiet ifformulata skeda ġdida ta' akkoljenza għal dawk il-klijenti li jitolbu assistenza u b'hekk naqas il-kju. | Il-miżura ġiet implimentata. | | Dawk kollha li jitolbu ażil f'Malta. | Implimentata |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Reviżjoni ta' proċessi interni bil-għan li d-Direttorat itejjeb il-kwalità tas-servizz, iżid il-kontabilità u jkun aktar effiċjenti. | Saru numru ta' laqgħat fost il-ħaddiema u l-Management tad-Dipartiment tal-Probation u l-Parole biex jiġu evalwati l-proċessi ta' ħidma. Sar taħriġ u tnedew konsultazzjonijiet biex ikompli jissaħħaħ l-operat tad-Dipartiment. | Ir-rapporti relatati max-xogħol ġew imtejba fosthom il-Parole Report. Ingħata taħriġ lill-ħaddiema tad-Dipartiment rigward il-proċeduri ġodda. Tnedew focus groups biex issir superviżjoni tal-ħidma l-ġdida li qed titwettaq. Infetaħ uffiċċju f'Għawdex ħalli jingħata servizz bħalma jingħata f'Malta. | Ġie deċiż li tibda ħidma fuq Offender Management System. Dan ser jippermetti titjib fl-operat u żieda fl-effiċjenza apparti t-tisħiħ fil-ħidma bejn l-entitajiet li jaħdmu fis-sistema ġudizzjarja. Il-proċess intern ta' konsultazzjoni tlesta u ġew mibdula l-proċeduri li kienu diskussi. Bdew jiġu ppjanati sessjonijiet ta' informazzjoni bil-għan li l-ħaddiema jibqgħu aġġornati. | Id-Dipatiment tal-Probation and Parole għaddej bis-sessjonijiet ta' informazzjoni mal-ħaddiema. Id-Dipartiment ġie rilokat fil-Millennia il-Marsa, fejn l-uffiċini huma aktar adekwati. | Aktar minn 1,000 ruħ | Implimentata |
| Is-sezzjoni tas-salarji ssir aktar efficjenti billi tiġi sostitwita b'sistema elettronika li tieħu post is-sistema kurrenti. | Inġabret l-informazzjoni u saru diskussjonijiet biex jiġu identifikati proċessi li jistgħu jitħaffu. | Identifikati l-proċessi li jistgħu jibdew jitħaddmu b'mod aktar effiċjenti. | Ġiet ingaġġata persuna ġdida f'din is-sezzjoni. | | Dawk kollha li jitolbu ażil f'Malta. | Implimentata |
| Żvilupp ta' sistema li permezz tagħha l-kondotta tal-pulizija tkun tista' tiġi ordnata onlajn. | Saret analiżi tal-proċess kollu relatat mal-ħruġ tal-kondotti biex jiġu identifikati metodi fejn din tista' tinħareġ online. Saret referenza għal-liġi biex il-ħruġ ta' tali dokument ikun permissibbli b'mod elettroniku. | Sar kuntatt mal-Pulizija ta' Londra inkarigata mill-kondotti nazzjonali fejn qegħdin jaħdmu fuq sistema simili. Il-portal ġie ddisinjat. | Saret pjanta tas-sistema sabiex l-esperti jkunu jistgħu joħolqu prototip u b'hekk jitkompla t-titjib tas-sistema qabel tiġi varata. Tkomplew il-laqgħat biex jiġu identifikati s-setturi kollha li għandhom jiġu inkorporati fis-sistema. | Tlesta l-ewwel prototip. Beda l-eżerċizzju msejjaħ User Acceptance Test. Saru diskussjonijiet dwar it-taħriġ neċessarju lill-membri tal-Korp li se jutilizzaw is-sistema. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Ħidma biex tintuża aktar is-sistema elettronika biex jitwassal rapport lilll-Pulizija. | Saru diskussjonijiet biex titjieb is-sistema elettronika OPRES, li hija s-sistema li ċ-ċittadini jużaw sabiex iwasslu l-ilmenti tagħhom lill-Pulizija. | Is-sistema bdiet tinqaleb minn infrastruttura antika għal waħda ġdida. | Tkompla l-proċess ta' migrazzjoni tas-sistema web mill-infrastruttura antika għal waħda moderna. | Il-MITA lestiet it-trasferiment tas-setup l-antik għall-ġdid. Il-kuntrattur għaddej bil-proċess biex jimmodernizza s-sistema. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Tibda tingħata l-possibilità li persuna titlob il-liċenzja tal-kaċċa mill-uffiċċji tal-Maltapost. | Saru diversi laqgħat ma' rappreżentanti tal-kaċċaturi sabiex tiġi identifikata proċedura adekwata. | Saret laqgħa mal-kumitat tal-kaċċaturi rigward tibdil fil-liġi, l-ipproċessar tal-Carnet de Chasse u aspetti oħra tal-kaċċa. Saru wkoll numru ta' laqgħat mal-Wild Birds Regulations Unit (WBRU). Il-fattur prinċipali tal-laqgħat kien it-tħaddim tas-sistema u l-protezzjoni tal-informazzjoni li tista' tiġi aċċessata. Id-WBRU ħabbret li t-testijiet tal-kaċċa ser jibdew isiru erba' darbiet fis-sena. | Saret laqgħa mad-WBRU flimkien ma' numru ta' organizzazzjonijiet tal-kaċċaturi biex jiġi stabbilit l-aħjar mod għall-ħruġ ta' liċenzji tal-kaċċa. F' laqgħa sussegwenti ġie deċiż illi l-ħruġ ta' liċenzji biex tikkaċċja huwa kompetenza tad-WBRU. Il-Pulizija hija responsabbli biss għall-ħruġ ta' liċenzji għall-ġarr ta' armi għal skop ta' kaċċa. Għaldaqstant tkomplew aktar laqgħat biex jiġu aġġornati l-liġijiet tal-Pulizija u tal-armi f'dan ir-rigward. | Tkomplew it-taħditiet biex jiġu aġġornati l-liġijiet tal-Pulizija u tal-armi kif ukoll dwar il-liċenzjar tal-kaċċa u r-rwol tad-WBRU. | Dawk kollha li jipprattikaw il-kaċċa. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tħejjija ta' programm elettroniku li permezz tiegħu jiġu reġistrati servizzi mogħtija mid-Dipartiment lis-settur privat. | Saru laqgħat bejn id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u l-Uffiċċju taċ-Chief Information Officer tal-Ministeru biex titfassal struttura. Sar rapport rigward is-servizzi li ser ikunu offruti onlajn. | B'din il-miżura ser ikun qed jinqata' l-abbuż li ċerti ħlasijiet ma jinġabrux jew li jtul iż-żmien biex jinġabru. | Tkompliet il-ħidma teknika fuq il-programm fejn saru t-testijiet meħtieġa. | Saru numru ta' laqgħat bejn l-entitajiet li qed jaħdmu fuq is-sistema rigward aspetti tekniċi fejn ser jibdew jiġu aċċettati pagamenti online. Id-Dipartiment informa dwar bidliet li hemm bżonn isiru qabel jinħareġ il-prodott finali. | Il-ħaddiema u dawk kollha li jkollhom bżonn is-servizzi tad-Dipartiment. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

# MIŻURI PENDENTI MILL-2014
# LI TWETTQU FL-2015

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2014 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| Case Management onlajn għall-professjoni legali - Din l-inizjattiva ta' Lecam Online hija maħsuba biex il-Professjoni Legali jkollha aċċess għal kull każ li jidħol il-Qorti mill-uffiċċju tagħhom. | MJCL | Marzu | Il-Professjoni Legali - avukati u prokuraturi legali. | Implimentata |
| Merger tad-dipartimenti tat-taxxa - Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni qiegħed jevalwa l-business processes tiegħu kif ukoll dawk tad-Dipartiment tal-VAT u tad-Dwana bil-għan li jiġu integrati. Dan l-eżerċizzju mistenni jnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozju u ċ-ċittadini. | MFIN | Novembru | Madwar 10,000 taxpayers li ġew ivverifikati fis-sistemi tal-VAT u tal-IRD. | Implimentata |
| VAT Compliance. Ser jiżdiedu r-riżorsi umani biex jiġi assigurat li t-taxxi dovuti jiġu mħallsin fil-ħin u kif suppost. | MFIN | Novembru | Taxpayers tal-Income Tax u l-VAT inġenerali li jiġu awditjati. | Implimentata |
| L-Awtorità dwar il-Mediċini bdiet timplimenta sistema ta' liċenzjar ġdida abbażi ta' riżultat ta' tender li bħalissa qed tiġi aġġudikata. Din se tiffaċilita x-xogħol u l-immaniġġjar ta' dokumenti, issaħħaħ il-komunikazzjoni mal-partijiet interessati u tipprovdi informazzjoni fil-ħin tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' mediċini. | MSDC | Jannar | Mhux applikabbli | Implimentata |
| Malta Council for the Voluntary Sector - Użu ta' Ċentri Volontarji - applikazzjonijiet onlajn. | MSDC | Marzu | Aktar minn 200 organizzazzjoni volontarja mistennija jużaw din is-sistema u dawn il-proprjetajiet. | Implimentata |
| L-Uffiċċju tal-Passaporti qed jaħdem fuq inizjattiva sabiex jitnaqqsu l-ħinijiet ta' stennija, speċjalment fis-sajf. | MHAS | Din il-miżura daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar | Ċittadini Maltin li jridu jagħmlu passaport. | Implimentata |
| Il-merger tal-ID Card mal-Kartanzjan. | MHAS | Tqassmu l-karti tal-identità fil-lokalitajiet kollha ta' Malta u għaldaqstant dan il-format ġdid twettaq. Dan kollu seħħ sa Settembru. | Iċ-ċittadini Maltin u dawk il-persuni li għandhom dritt għal dan id-dokument. | Implimentata |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2014 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| Simplifikazzjoni fid-dikjarazzjonijiet ta' spejjeż għall-fondi ta' koeżjoni. | MEAIM | Ir-rati hekk kif identifikati fir-rapport dwar metodi ta' simplifikazzjoni fid-dikjarazzjonijiet ta' spejjeż kienu inklużi fis-sejħiet għall-proġetti varati f'Mejju. | | Implimentata. |
| Simplifikazzjoni fl-implimentazzjoni ta' miżuri indirizzati għax-xogħol u t-taħriġ taħt il-Fond Soċjali Ewropew. | MEAIM | Jannar | | Implimentata |
| Approvazzjoni ta' leave bi ħlas għas-safar.<br><br>Bħalissa meta għalliem ikollu bżonn il-leave għandu bżonn iġib diversi permessi, liema proċess jieħu tul ta' żmien.<br><br>L-għan aħħari hu li dawn l-approvazzjonijiet isiru iktar malajr sabiex ikunu jistgħu ikunu frankati flus fl-ispejjeż tal-biljetti tal-ajru. Il-mira hi li l-proċess ta' approvazzjoni ma jiħux aktar minn jumejn. Dan se jintlaħaq permezz ta' proċeduri ċari miġbura f'manwal ta' proċeduri. | MEDE | Marzu | Possibbiltà ta' 5,000 għalliem kull sena | Implimentata |
| Irreġistrar ta' vacation leave fl-iskejjel.<br><br>Bħalissa t-talba għall-vacation leave tintbagħat lill-uffiċċju tal-Prinċipal biex tkun proċessata hemmhekk.<br><br>L-għan aħħari hu li t-talba ssir mis-sistema DAKAR fil-Kulleġġ stess. Din il-bidla se twassal biex jitnaqqas ix-xogħol minn fuq l-amministrazzjoni, u b'hekk il-Prinċipali jkollhom aktar ħin biex jaħdmu fuq l-iżvilupp personali u professjonali tagħhom. | MEDE | Marzu | Madwar 5,000 impjegat kull sena | Implimentata |
| Evidenza ta' tlestija ta' Masters jew Dottorat sponsorjat.<br><br>Bħalissa l-istudenti wara li jkunu lestew l-istudji tagħhom huma obbligati jissottomettu hard copy tat-teżi tagħhom.<br><br>L-għan aħħari hu li tinħoloq sistema onlajn fejn l-istudenti jkunu jistgħu japplowdjaw it-teżi tagħhom. | MEDE | April | Madwar 150 gradwat kull sena | Implimentata |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2014 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| Proċessi twal għall-ingaġġ ta' personnel għal proġetti tal-EU.<br><br>Bħalissa jsiru sejħiet għal project managers u project officers għal proġetti individwali li qed iwassal għal dewmien fir-reklutaġġ b'impatt negattiv fuq il-proġetti.<br><br>L-għan aħħari hu li tinstab sistema biex ir-reklutaġġ isir qabel ma jibda l-proġett. Għandu jkun hemm pool żgħira ċentrali ta' project managers biex jiġu assenjati mill-ewwel fuq il-proġett. Pool ta' Project Managers ċentralizzat jiffaċilita wkoll il-komunikazzjoni bejn l-entitajiet li jkunu qed jaħdmu fuq il-proġett u dawk li qed jagħmlu l-moniteraġġ. Dan il-pool iservi wkoll ta' feles biex jimla temporanjament pożizzjonijiet ta' project managers/administrators li joħorġu minn fuq il-proġett qabel iż-żmien. | MEDE | Ġunju | Direttorati u Dipartimenti fi ħdan il-MEDE. | Implimentata |
| Il-formoli għandhom ikunu aktar customer friendly. | MEH E | L-applikazzjonijiet ġew emendati b'mod li jkunu iktar sempliċi għall-applikant. Twettaq tibdil ieħor bħal fl-applikazzjoni tat- temporary meters li ġiet issimplifikata billi issa tista' tapplika għas-servizz fuq applikazzjoni waħda minflok fuq tliet applikazzjonijiet differenti kif kienet is-sistema ta' qabel. Il-miżura ġiet implimentata f'Marzu. | Kull klijent li jkun irid japplika għas-servizz tad-dawl u l-ilma. In-numru medju ta' persuni li japplikaw għal servizz ġdid matul is-sena permezz tal-eforms huwa ta' 6,500. | Implimentata |

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2014 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| L-ARMS qed tissuġġerixxi li t-trasferimenti tal-kontijiet, meta proprjetà tgħaddi minn persuna għal oħra, jiġu amministrati min-nutar rispettiv biex b'hekk il-proċess tat-trasferiment u r-reġistrazzjoni tal-konsumatur il-ġdid jiġi iktar simplifikat. Dan il-proċess jevita li l-konsumatur l-antik u dak ġdid joqogħdu jmorru l-ARMS sabiex isir it-trasferiment tal-kont u fl-istess waqt jiġi rreġistrat il-konsumatur il-ġdid. B'hekk il-kont ikun aġġornat.<br><br>Dan jgħin biex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn l-ARMS ma tkunx notifikata bit-tibdil fil-konsumatur il-ġdid u li kawża t'hekk il-konsumatur il-ġdid ikollu informazzjoni skorretta u forsi anke xi pendenzi li ma jkunux ġew solvuti. Dan ukoll jgħin biex jitneħħa l-bżonn li l-konsumatur il-ġdid ikun irid jagħti kopja tal-kuntratt tax-xiri tal-proprjetà inkwistjoni. | MEH E | Novembru | Kull klijent li jkun irid jaċċessa kont ta' proprjetà li jrid jixtri. | Implimentata. |
| Aktar aċċess għall-GPs sabiex japplikaw għax-Schedule V (il-Kartuna s-Safra) li tagħti dritt għal ċerti mediċini b'xejn lill-pazjenti li jbatu minn ċertu mard kroniku u jimmodifikawha b'mod dirett. | MEH H | Jannar | Il-pazjenti li jbatu minn mard kroniku. | Implimentata |
| Ċentralizzazzjoni tas-sitt uffiċċji reġjonali (minbarra dak f'Għawdex) sabiex, fejn possibbli, jibdew jagħtu s-servizzi tagħhom mill-istess post flimkien mal-Food Safety Unit u l-Port Health. | MEH H | Diċembru 2014 | L-impjegati kollha tad-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali u kull min juża s-servizzi ta' dan id-dipartiment. | Implimentata |
| Tnaqqis tal-piż burokratiku fil-liċenzjar tal-ħwienet tal-laħam. | MEH H | Settembru | Il-ħwienet kollha tal-laħam f'Malta u Għawdex. | Implimentata |
| Tnaqqis tal-involviment tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika fil-proċess tal-permessi għat-tħaffir tat-trinek. | MEH H | Ġunju | Il-kuntratturi/persuni kollha involuti f'din it-tip ta' ħidma. | Implimentata |
| Proġett STREETS | MTI | Ġunju | Il-pubbliku ġenerali u l-ħaddiema ta' TM | Implimentata. |